REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1408

tas-6 ta' Ottubru 2020

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indonežja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament Bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Il-bidu

(1) Fit-12 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana ("SSHR" jew "il-prodott li qed jiġi investigat") li joriġinaw mill-Indonežja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ" jew "iċ-Ċina") u mit-Tajwan ("il-pajjiżi kkonċernati"), abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036. Hija ppubblikat Notifika ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("Eurofer" jew "l-ilmentatur") f'isem erba' produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw il-produzzjoni kollha tal-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat. L-ilment kien jinkludi evidenza ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u dannu materjali li rriżulta minnu li kienu biżżejjed biex jiġġustifikaw il-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Ir-Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati u li jiġu kkonsenjati minnhom soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/104 ([3]). Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet waqfet bid-dħul fis-seħħ tal-miżuri provviżorji msemmija fil-premessa (5) hawn taħt.

1.3. Miżuri provviżorji

(4) Skont l-Artikolu 19(a) tar-Regolament bażiku, fit-18 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet b'sommarju tad-dazji proposti u bid-dettalji dwar il-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping u l-marġnijiet adegwati biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-akkuratezza tal-kalkoli fi żmien tlett ijiem. Fid-dawl tal-kummenti li waslu, saru korrezzjonijiet għall-kalkoli ta' produttur esportatur Tajwaniż wieħed. Il-kummenti sottomessi mill-produtturi esportaturi Indonežjani u Ċiniżi ma biddlux il-kalkoli.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan u mill-Indonežja (ĠU C 269I, 12.8.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/104 tat-23 ta' Jannar 2020 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan u mill-Indonežja soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 19, 24.1.2020, p. 5).

(5) Fit-8 ta' April 2020, il-Kummissjoni imponiet dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' SSHR li joriġinaw fl-Indonesja, fir-RPĊ u fit-Tajwan permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 ([4]) ("ir-Regolament provviżorju").

(6) Kif iddikjarat fil-premessa (27) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI") u l-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(7) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie impost dazju anti-dumping provviżorju ("divulgazzjoni provviżorja"), l-ilmentatur, utent wieħed tal-prodott ikkonċernat, assoċjazzjoni waħda tal-importaturi, żewġ produtturi esportaturi Indonežjani, tlieta Ċiniżi u tnejn Tajwaniżi, kif ukoll il-Gvernijiet taċ-Ċina ("GTĊ") u tal-Indonežja ("GTI") ippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji fi żmien l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament provviżorju.

(8) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità. Saru seduti ta' smigħ mal-ilmentatur fil-5 ta' Mejju 2020 u mal-produttur esportatur Walsin Lihwa Co. ("Walsin") fit-22 ta' April 2020. Fid-19 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni bagħtet divulgazzjoni addizzjonali lil produttur wieħed tal-Unjoni rigward il-kalkolu tal-prezz indikattiv individwali tagħha. Kummenti oħra wara dik id-divulgazzjoni addizzjonali waslu fil-25 ta' Mejju 2020.

(9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' SSHR li joriġina mill-Indonežja, mir-RPĊ u mit-Tajwan ("id-divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(10) Waslu kummenti mingħand il-GTĊ u l-GTI, żewġ produtturi esportaturi Indonežjani, żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi u wieħed mit-Tajwan, mingħand l-ilmentatur u mingħand utent wieħed. L-ilmentatur ingħata żewġ seduti, waħda mas-servizzi tal-Kummissjoni u waħda fit-12 ta' Awwissu 2020 fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta. Wara dik is-seduta, l-ilmentatur ġie pprovdut b'divulgazzjoni addizzjonali finali dwar element tal-analiżi dwar l-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji Ewropej skont it-test tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku (ara t-taqsima 6.2.3.3 hawn taħt). Barra minn hekk, fid-dawl tal-kummenti li waslu, saret divulgazzjoni addizzjonali finali dwar il-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' lill-produtturi esportaturi Ċiniżi Fujian Fuxin Special Steel Co., Ltd ("FSS") u Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd ("STSS"). Barra minn hekk, divulgazzjoni addizzjonali finali b'kalkolu rivedut tal-marġni tad-dumping intbagħtet lil FSS hekk kif il-Kummissjoni aċċettat it-talba tal-kumpanija msemmija fil-premessa (143) hawn taħt.

1.5. **Il-kampjunar**

(11) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-kampjunar, il-premessi (9) sa (19) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

1.6. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(12) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-premessa (26) tar-Regolament provviżorju ġiet ikkonfermata.

1.7. **Il-kompletezza tad-divulgazzjoni provviżorja u finali**

(13) Il-produttur esportatur Ċiniż FSS talab għad-divulgazzjoni tal-perċentwal tal-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi użati biex jiġi stabbilit il-prezz indikattiv tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-FSS kif ukoll il-produttur esportatur STSS talbu li jiġu ddivulgati l-volumi ta' bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità u l-prezzijiet mhux dannużi u l-ammonti ta' twaqqigħ tal-prezzijiet u ta' bejgħ bil-prezz imwaqqa' tal-produtturi tal-Unjoni għal kull mudell u sostnew li din kienet prattika komuni f'investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ. Dawk it-talbiet ġew miċħuda, peress li l-biċċa l-kbira tat-tipi tal-prodott jiġu prodotti minn produttur wieħed jew tnejn fil-kampjun.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 tas-7 ta' April 2020 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indonežja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU L 110, 8.4.2020, p. 3).

Għalhekk id-divulgazzjoni tal-volumi jew tal-prezzijiet tal-bejgħ għal kull tip ta' prodott jiżvela *data* kunfidenzjali tal-kumpanija. Fir-rigward tal-kostijiet SG&A tal-produtturi inklużi fil-kampjun, tali *data*, kif ipprovduta mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw u kif ivverifikata mill-Kummissjoni, kienet ta' natura kunfidenzjali u għalhekk ma tistax tiġi ddivulgata fid-dawl tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

(14) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produtturi esportaturi Ċiniżi FSS u STSS tennew it-talba tagħhom li jiġu pprovduti aktar dettalji dwar il-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz, b'mod partikolari huma talbu informazzjoni speċifika għat-tip ta' prodott fir-rigward tal-volumi tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u r-rati ta' twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-bejgħ skont it-tip ta' prodott. Fil-limiti tal-protezzjoni tad-*data* kunfidenzjali mibgħuta minn partijiet oħra, saret divulgazzjoni addizzjonali liż-żewġ partijiet rikjedenti fil-forma ta' indiċijiet jew firxiet. Sussegwentement, ma wasal l-ebda kumment ieħor.

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Affermazzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

(15) Wara d-divulgazzjonijiet proviżorji u finali, l-utent Marcegaglia Specialities S.p.A. ("Marcegaglia") tenna l-affermazzjoni tiegħu msemmija fil-premessa (39) tar-Regolament provviżorju, li l-kojls suwed jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni.. Marcegaglia fakkret li hemm differenzi fil-ħruxija tal-wiċċ u fl-irfinar tal-wiċċ u hemm distinzjonijiet fl-apparenza estetika bejn il-kojls suwed u dawk bojod. B'referenza għall-aħħar sentenza tal-premessa (44) tar-Regolament provviżorju, Marcegaglia argumentat li fir-rigward tal-interkambjabbiltà, il-kojls suwed ma setgħux jissostitwixxu l-kojls bojod għal applikazzjonijiet industrijali rilevanti. Dwar dan il-punt, Marcegaglia żiedet li l-kojls suwed ma jifilħux għar-rekwiżiti ta' pressjoni għolja u ta' korrużjoni tal-kojls bojod.

(16) B'żieda ma' dan, Marcegaglia sostniet li kwalunkwe riskju ta' ċirkomvenzjoni, kif imsemmi fil-premessa (44) tar-Regolament provviżorju, deher remot minħabba li l-kojls suwed u dawk bojod, li għandhom kategoriji differenti ta' klijenti fil-mira tagħhom, ma kinux f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin u kienu direttament rikonoxxibbli, u l-Kummissjoni setgħet tintroduċi kodiċijiet TARIC speċifiċi għaż-żewġ kodiċijiet tal-prodotti biex jiġi evitat kull riskju possibbli ta' ċirkomvenzjoni.

(17) B'referenza għall-premessa (45) tar-Regolament provviżorju, Marcegaglia talbet lill-Kummissjoni biex tiddivulga l-volumi ta' kojls suwed li l-industrija tal-Unjoni biegħet lil klijenti minbarra Marcegaglia. Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni fil-livell tat-tip ta' prodott għall-industrija kollha tal-Unjoni; għandha biss din l-informazzjoni fir-rigward tal-produtturi inklużi fil-kampjun. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni dwar il-bejgħ fil-livell tat-tip ta' prodott hija ta' natura kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament bażiku u għalhekk ma tistax tiġi ddivulgata.

(18) Fl-istess kuntest, l-esportaturi Indoneżjani ITSS u GCNS sostnew li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-marġni ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni li jikkonċerna l-kojls suwed biss biex tikkalkula marġni tad-dannu separat, peress li l-esportazzjonijiet Indoneżjani kienu jikkonsistu kważi esklussivament f'kojls suwed, li għalihom il-marġni ta' profitt kien aktar baxx minħabba li l-koljs suwed kienu prodotti nofshom lesti.

(19) Fir-rigward tal-affermazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tinnota li l-prodott li qed jiġi investigat ġie definit fit-Taqsima 2 tan-Notifika ta' bidu, abbażi tad-definizzjoni pprovduta fl-ilment. L-ilmentatur identifika l-prodotti li l-industrija kkonċernata pproduċiet u biegħet u li l-importazzjonijiet tagħhom mill-pajjiżi kkonċernati kienu oġġett ta' dumping u kkawżaw dannu.

(20) Fir-rigward tal-affermazzjonijiet għall-esklużjoni tal-kojls suwed, fil-premessi (44) sa (46) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kienet spjegat għaliex din esklużjoni mhijiex iġġustifikata.

(21) B'referenza għar-raġunament fir-Regolament provviżorju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-bejgħ fis-suq ħieles tal-kojls suwed kien jammonta għal [20 sa 30] % ([5]) tal-bejgħ kollu fis-suq ħieles. Barra minn hekk, l-esklużjoni tal-kojls suwed mill-ambitu tal-investigazzjoni tipperikola l-mudell kollu ta' negozju ċirkolari "ekoloġiku" tal-industrija tal-Unjoni, li trid tipproduċi l-prodott ikkonċernat mir-ruttam tal-azzar inossidabbli għall-bejgħ jew għal aktar ipproċessar fi prodotti downstream. Tabilħaqq, f'dawn iċ-ċirkostanzi anke l-vijabbiltà tal-produzzjoni tal-kojls bojod tal-azzar inossidabbli u ta' prodotti downstream oħrajn mill-industrija tal-Unjoni hija probabbli li tiġi affettwata fundamentalment b'mod negattiv minħabba li l-kojls bojod jibdew jiġu prodotti dejjem aktar fl-Unjoni minn kojls suwed li huma oġġett ta' dumping u li jiġu prodotti b'mod inqas favorevoli għall-ambjent fil-pajjiżi kkonċernati. Fid-dawl taż-żieda rapida fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, dan l-iżvilupp, fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, iġiegħel lill-industrija tal-Unjoni tagħlaq linji ta' produzzjoni importanti. Għalhekk, dawn il-konsegwenzi severi ma

([5]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

jibqgħux limitati għall-produzzjoni ta' kojls suwed mir-ruttam tal-azzar inossidabbli, minħabba li l-utenti ta' kojls bojod kif ukoll ta' prodotti downstream oħra jibqa' jkollhom il-possibbiltà li jixtru dawn il-prodotti b'kontenut oġġett ta' dumping sinifikanti. Għalhekk, il-kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni fis-suq tal-SSHR tal-Unjoni u fis-swieq downstream tagħha jitnaqqsu b'mod drammatiku jekk il-kojls suwed jiġu esklużi, għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

(22) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li hija prattika konsistenti tagħha f'investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ li prodott li qed jiġi investigat jinqasam f'mudelli u tipi differenti (numri ta' kontroll tal-prodott "PCNs") sabiex ikun jista' jsir tqabbil ġust meta jkunu qed jiġu ddeterminati d-dumping u d-dannu. Il-PCNs li jirriżultaw normalment jiddistingwixxu bejn mudelli ta' daqs differenti u b'karatteristiċi differenti iżda kull wieħed minnhom jagħmel parti mill-prodott li qed jiġi investigat. F'dan il-każ, l-irfinar tal-SSHR jiġi identifikat bl-istess mod mit-tieni l-aħħar karattru tal-PCN, jiġifieri B tfisser iswed u W tfisser abjad. Għalhekk, fid-determinazzjoni tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' u tad-dumping, jiġi żgurat tqabbil ġust minħabba li l-kojls suwed ma jitqabblux mal-kojls bojod u viċi versa.

(23) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi tal-Unjoni kif ukoll il-produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati għandhom mudell ta' negozju integrat vertikalment li jinkludi l-produzzjoni kemm ta' kojls suwed kif ukoll ta' kojls bojod. Dan ifisser li kwalunkwe produttur ta' dan it-tip għandu l-għażla li jbigħ kojls suwed jew bojod fis-suq ħieles.

(24) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, Marcegaglia tenniet it-talba biex jiġi divulgat l-għadd ta' klijenti tal-produtturi tal-Unjoni u l-kwantitajiet ta' kojls suwed mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni lil riromblaturi oħra, minbarra lil Marcegaglia, fl-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni fakkret li din l-informazzjoni hija ta' natura kunfidenzjali. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tipprovdi sommarju sinifikanti, li huwa li matul il-perjodu ta' investigazzjoni [1–2] il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun biegħu lil [2–4] klijent [150 000–180 000] ([6]) tunnellata ta' kojls suwed.

(25) Marcegaglia affermat ukoll li l-investigazzjoni kkonfermat li, bl-eċċezzjoni unika ta' Marcegaglia, kien hemm prattikament l-ebda suq ħieles fl-Unjoni għal kojls suwed, u kkritikat lill-Kummissjoni talli ma waslet għall-ebda konklużjoni minn din iċ-ċirkustanza kruċjali. Din il-kritika nstabet li hija bla bażi. Is-sempliċi fatt li Marcegaglia huwa l-iktar utent importanti tal-kojls suwed fis-suq tal-Unjoni ma jistax iwassal għad-deduzjoni li tiġġustifika trattament speċjali fir-rigward tal-kojls suwed jew l-esklużjoni tal-kojls suwed mill-ambitu tal-prodott ikkonċernat.

(26) Wara d-divulgazzjoni finali, Marcegaglia rreferiet ukoll għall-premessa (21) ta' hawn fuq u argumentat li l-kojls suwed importati minnhom kienu użati esklussivament bħala materja prima għall-produzzjoni ta' prodotti downstream (prodotti SSCR, tubi tal-azzar inossidabbli). Marcegaglia ma tużax kojls suwed biex tipproduċi kojls bojod biex jinbiegħu fis-suq ħieles tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, hija sostniet li kien diffiċli li wieħed jifhem ir-rilevanza tal-affermazzjoni tal-Kummissjoni li, jekk il-kojls suwed jiġu esklużi mill-ambitu tal-miżuri, il-kojls bojod jibdew jiġu prodotti dejjem aktar fl-Unjoni minn kojls suwed li huma oġġett ta' dumping u prodotti b'mod inqas ekoloġiku fil-pajjiżi kkonċernati.

(27) Din l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda. Jekk ma jiġu imposti l-ebda dazji fuq il-kojls suwed, il-produtturi tal-Unjoni mill-anqas x'aktarx iġarrbu dannu indirettament fis-suq downstream meta jikkompetu ma' Marcegaglia. Żieda fil-kapaċità tal-Unjoni li tnaddaf u tippurifika l-metalli — proċess li huwa meħtieġ biex il-kojls suwed jinbidlu f'bojod — tista' tiġi mistennija li sseħħ, b'mod partikolari billi kojls suwed importati bl-irħis jinbidlu f'kojls bojod għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, li investiet riżorsi sinifikanti biex tkun kompletament integrata. Jekk l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tikkompeti aktar fuq dik il-bażi, tiġi mġieġħla jdur għal importazzjonijiet irħas u li huma l-oġġett ta' dumping u għalhekk tabilħaqq tabbanduna l-mudell ta' negozju integrat u li jirrispetta aktar l-ambjent.

(28) Għalhekk, l-affermazzjonijiet li jimmiraw li jeskludu l-kojls suwed mill-ambitu tal-investigazzjoni ġew miċħuda.

(29) Diversi partijiet tennew l-affermazzjoni biex il-kojls b'wisgħa ta' aktar minn 1 800 mm jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni. Skont dawn il-partijiet, il-wisgħa għandha impatt fuq il-karatteristiċi, bħar-reżistenza għall-pressjoni.

(30) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (47) u (48) tar-Regolament provviżorju, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

([6]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

2.2. **Konklużjoni**

(31) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-ambitu tal-prodott, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (39) sa (46) tar-Regolament provviżorju, kif iċċarat fil-premessi (19) sa (30) hawn fuq.

3. ID-DUMPING

3.1. **L-Indoneżja**

(32) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand il-produttur esportaturi Indoneżjani PT Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry ("GCNS") u PT Indonesia Tsingshan Stainless Steel ("ITSS"), u mingħand l-ilmentatur Eurofer ("is-sottomissjoni tal-4 ta' Mejju 2020") dwar is-sejbiet tad-dumping fir-rigward tal-produtturi esportaturi Indoneżjani. Barra minn hekk, fis-7 ta' Frar 2020 Eurofer issottomettiet kummenti dwar il-kalkolu tad-dumping għall-produtturi esportaturi Indoneżjani ("is-sottomissjoni tas-7 ta' Frar 2020") li minħabba ż-żmien tal-investigazzjoni, ma setgħux jiġu indirizzati fir-Regolament provviżorju.

(33) Il-kummenti kollha inklużi fis-sottomissjonijiet imsemmija fil-premessa (32) huma indirizzati f'dan ir-Regolament.

3.1.1. *Produtturi esportaturi*

(34) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar id-deskrizzjoni tal-produtturi esportaturi Indoneżjani u tal-fornituri relatati tagħhom stabbiliti fl-Indonesia Morowali Industrial Park ("IMIP"), il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (50) sa (51) tar-Regolament provviżorju.

3.1.2. *L-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku*

(35) Id-dettalji dwar ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ġew stabbiliti fil-premessi (52) sa (63) tar-Regolament provviżorju.

(36) Fis-sottomissjoni tagħha tas-7 ta' Frar 2020, Eurofer argumentat li l-informazzjoni kollha pprovduta mill-produtturi esportaturi Indoneżjani jenħtieġ li tiġi injorata peress li ma setgħetx tiġi kkunsidrata affidabbli fin-nuqqas ta' divulgazzjoni komprensiva tal-kumpaniji relatati u fin-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-kumpaniji relatati identifikati attivi fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat jew fil-provvista ta' materja prima użata fil-proċess tal-produzzjoni.

(37) Barra minn hekk, Eurofer sostniet li l-Kummissjoni jenħtieġ li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, l-ilmentatur irrefera għal ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([7]) u tal-Korp tal-Appell tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") ([8]).

(38) Dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-produtturi esportaturi għamlu sforz konsiderevoli biex jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar ir-relazzjoni mal-fornituri u mal-klijenti tagħhom. Madankollu, minħabba d-deċiżjonijiet tal-azzjonist finali tagħhom u r-rabtiet tal-azzjonisti minuri tagħhom ma' ċerti klijenti relatati, l-isforzi tagħhom kisbu biss suċċess parzjali. Il-Kummissjoni vverifikat li l-fornituri u l-klijenti identifikati mill-produtturi esportaturi bħala relatati, kienu tabilħaqq relatati. L-inċertezza dwar ir-relazzjoni mal-fornituri u l-klijenti identifikati bħala mhux relatati ġiet riflessa fil-kalkolu tal-marġni tad-dumping, jiġifieri fejn meħtieġ, l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi ġiet aġġustata jew miċħuda u ssostitwita mill-fatti disponibbli.

3.1.3. *Il-valur normali*

(39) Id-dettalji tal-kalkolu tal-valur normali ġew stabbiliti fil-premessi (64) sa (85) tar-Regolament provviżorju.

([7]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2014, Guangdong Kito Ceramics u Oħrajn vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Kawża T-633/11, b'mod partikolari l-punti 100 u 111.

([8]) Appellate Body Report, United States — Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan, WT/DS184/AB/R, b'mod partikolari l-punt 102.

(40) Fis-sottomissjoni tas-7 ta' Frar 2020, Eurofer saħqet li l-Kummissjoni missha injorat il-prezz tax-xiri tal-mineral tan-nikil irrapportat mill-produtturi esportaturi Indoneżjani. Eurofer irraġunat li dan ikun iġġustifikat mill-fatt li l-produtturi esportaturi ma pprovdewx lill-Kummissjoni bl-elementi neċessarji biex tivvaluta jekk il-mineral tan-nikil inxtarax bi prezz distakkat. Barra minn hekk, hija ssuġġeriet li l-Kummissjoni tuża bħala fatti disponibbli l-prezz tal-mineral tan-nikil komparabbli fil-Filippini pprovdut fl-ilment jew il-prezz tan-nikil ikkwotat fil-Borża tal-Metall ta' Londra ("LME").

(41) Kif spjegat fil-premessi (52) sa (54), (60), (68), (80), u (82) sa (85) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni tabilħaqq uża l-fatti disponibbli rigward il-prezzijiet tal-mineral tan-nikil imħallsa mill-produtturi esportaturi. Madankollu, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-biċċa l-kbira tal-aspetti ta' dawk il-prezzijiet, ħlief għar-relazzjoni mal-fornitur, kienu affidabbli. Għalhekk, meta ddeterminat il-prezz ta' distakkament tal-mineral tan-nikil, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi bħala fatti disponibbli, filwaqt li qieset it-tranżazzjonijiet ta' xiri l-aktar għaljin, li kienu kkunsidrati l-inqas probabbli li jiġu affettwati minn relazzjoni potenzjali mal-fornitur. Kif stabbilit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, fejn disponibbli, il-Kummissjoni tagħti preferenza lill-kostijiet abbażi ta' rekords miżmuma mill-parti li qed tiġi investigata, meta dawk ir-rekords ikunu jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni ta' Eurofer.

(42) Fis-sottomissjoni tal-4 ta' Mejju 2020, Eurofer argumentat li l-Kummissjoni naqset milli taġġusta l-kostijiet tal-mineral tan-nikil skont l-Artikoli 2(3) u 2(5) tar-Regolament bażiku minkejja li sabet li l-Indoneżja kienet żammet diversi mekkaniżmi li jammontaw għal distorsjonijiet fuq il-mineral tan-nikil kif deskritt fil-premessa (342) tar-Regolament provviżorju. B'appoġġ għal din l-affermazzjoni, Eurofer irreferiet għall-prattika preċedenti tal-Kummissjoni ([9]) u għall-ġurisprudenza tad-WTO ([10]).

(43) Kif spjegat fil-premessa (41), il-Kummissjoni ssostitwiet il-prezz tal-mineral tan-nikil influwenzat mir-relazzjoni bejn il-produtturi esportaturi u l-forniturі tagħhom skont l-Artikoli 2(3) u 2(5) tar-Regolament bażiku, jiġifieri ddeterminat il-prezz distakkat tax-xiri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-effett tal-interventi mill-GTI, bħala kwistjoni separata, ġie indirizzat fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku kif deskritt fit-Taqsima 6 tar-Regolament provviżorju u ta' dan ir-Regolament.

(44) Wara d-divulgazzjoni finali, Eurofer tenniet l-opinjoni tagħha li l-Kummissjoni missha aġġustat il-kostijiet tal-mineral tan-nikil biex tpatti għad-distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Eurofer, l-ewwel nett, sostniet li s-sostituzzjoni tal-kostijiet tal-minerali tan-nikil deskritti fil-premessi (41) u (43) ma twettqitx skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku iżda skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. It-tieni, sostniet li l-Kummissjoni kellha d-dritt li tissostitwixxi l-kostijiet affettwati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, anki fil-kuntest tal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mis-sħubija tagħha fid-WTO. Għal dan il-għan, Eurofer argumentat li l-aktar ġurisprudenza riċenti tad-WTO ([11]) ma kinitx teskludi li skont l-Artikolu 2.2.1.1 tal-Ftehim Anti-dumping tad-WTO l-kostijiet tal-produttur esportatur jistgħu jiġu sostitwiti f'ċirkostanzi oħra apparti t-tnejn imsemmija fl-Artikolu.

(45) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-kostijiet tal-minerali tan-nikil mixtri mingħand forniturі relatati ġew fil-fatt sostitwiti skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku kien applikat biss fir-rigward tal-metodoloġija u tat-tranżazzjonijiet użati biex jiġi ddeterminat il-prezz tax-xiri b'distakkament billi r-relazzjoni bejn il-produtturi esportaturi u l-forniturі tagħhom mhux dejjem kienet ċara. It-tieni, kif spjegat fit-taqsima 6 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li, f'dan il-każ, kien xieraq li jiġi impost dazju anti-dumping fil-livell tal-marġni ta' dannu fejn id-dazju kien inqas mill-marġini ta' dumping. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-marġni tad-dannu stabbilit għall-produtturi esportaturi Indoneżjani kien tabilħaqq inqas mill-marġni tad-dumping medju ponderat tagħhom. Għalhekk, kwalunkwe żieda ulterjuri fil-kostijiet tal-minerali tan-nikil tkompli biss iżżid il-marġni ta' dumping u għalhekk tkun mingħajr effett fuq il-livell tal-miżuri. Konsegwentement, il-Kummissjoni sabet li l-affermazzjoni ta' Eurofer kif deskritta fil-premessa (44) saret irrilevanti.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/576 tal-10 ta' April 2019 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja, fi Trinidad u Tobago u fl-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 100, 11.4.2019, p. 7).

([10]) Appellate Body Report, Ukraine — Anti-Dumping Measures on Ammonium Nitrate, WT/DS493/AB/R, b'mod partikolari l-punti 6.85 u 6.105.

([11]) Appellate Body Report, Ukraine — Anti-Dumping Measures on Ammonium Nitrate, WT/DS493/AB/R, il-punt 6.105.

(46) Fir-rigward tal-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-prezz distakkat tal-mineral tan-nikil, il-produtturi esportaturi laqgħu l-fatt li l-Kummissjoni bbażat id-determinazzjoni tal-prezz distakkat fuq id-*data* attwali pprovduta mill-kumpaniji. Madankollu, huma argumentaw li l-metodu applikat mill-Kummissjoni kien sproporzjonat u wassal għal kostijiet esaġerati ta' distakkament tal-mineral tan-nikil. B'mod partikolari, il-produtturi esportaturi indikaw li l-prezzijiet tax-xiri varjaw b'mod konsiderevoli għall-mineral tan-nikil f'differenza ta' 0,01 punti perċentwali fil-kontenut tan-nikil. B'konsegwenza ta' dan, il-produtturi esportaturi ssuġġerew li l-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-kontenut tan-nikil f'żewġ pożizzjonijiet deċimali minflok tuża biss punt deċimali wieħed għall-aġġustament tal-kost.

(47) Il-Kummissjoni eżaminat l-affermazzjoni u sabet li, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-GCNS, l-unika kumpanija fil-grupp li pprovdiet sett sħiħ ta' informazzjoni, differenza ta' 0,01 punti perċentwali fil-kontenut tan-nikil kienet tabilħaqq riflessa fil-prezz tax-xiri tal-mineral tan-nikil. Għalhekk, il-Kummissjoni aċċettat l-affermazzjoni u adattat il-kostijiet ta' distakkament tal-mineral tan-nikil kif xieraq.

(48) Il-produtturi esportaturi sostnew ukoll li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi l-prezz distakkat tax-xiri tal-mineral tan-nikil tal-fornitur relatat PT Tsingshan Steel Indonesia ("TSI") abbażi tax-xiri ta' mineral tan-nikil minn forniturimhux relatati.

(49) Il-Kummissjoni fakkret li r-raġuni għar-rifjut tal-prezz tax-xiri tal-mineral tan-nikil tal-produtturi esportaturi kienet in-nuqqas ta' informazzjoni sinifikanti dwar l-istruttura dinjija tal-grupp. Il-fatt li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi liema forniturital-produtturi esportaturi kienu fil-fatt mhux relatati kien japplika wkoll għall-forniturita' TSI.

(50) Madankollu, wara l-bidla fil-prezz distakkat ikkalkulat għall-GCNS kif spjegat fil-premessi (46) u (47), il-Kummissjoni adattat ukoll il-prezz distakkat tax-xiri ta' TSI billi applikat, għall-valur referenzjarju tal-GCNS, il-proporzjon bejn il-prezz attwali medju mħallas mit-TSI u mill-GCNS. Dan kien ukoll f'konformità mal-kummenti tekniċi tal-produtturi esportaturi dwar determinazzjoni alternattiva tal-prezz distakkat tax-xiri tal-mineral tan-nikil għal TSI.

(51) Barra minn hekk, meta eżaminat il-kummenti tal-partijiet interessati, il-Kummissjoni sabet li fl-istadju provviżorju, hija naqset milli tqis ċerti kostijiet tal-produzzjoni rrapportati minn ITSS fil-kalkolu tal-valur normali.

(52) Wara li ġie kkoreġut dan in-nuqqas, l-ebda bejgħ domestiku tal-prodott simili minn ITSS ma kien ta' profitt. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali billi żiedet dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili ta' ITSS matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) l-ispejjeż SG&A medji ponderati mġarrba mill-GCNS għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni; u

(b) l-profitt medju ponderat magħmul mill-GCNS għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(53) Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali għal ITSS, fis-sottomissjoni tagħha tal-4 ta' Mejju 2020, Eurofer argumentat li l-Kummissjoni ma kellhiex tikkonkludi r-rappreżentattività u l-profittabbiltà tal-bejgħ domestiku lil klijenti indipendenti fin-nuqqas ta' struttura dinija komprensiva tal-grupp.

(54) Il-Kummissjoni nnotat li fid-dawl tal-korrezzjonijiet fid-determinazzjoni tal-valur normali għal ITSS deskritti fil-premessa (52), il-konklużjonijiet preċedenti tagħha u sussegwentement il-kummenti ta' Eurofer saru irrilevanti.

(55) F'konformità mal-affermazzjonijiet aċċettati u l-kjarifiki pprovduti fil-premessi (39) sa (50) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (64) sa (72) u (80) sa (85) tar-Regolament provviżorju. L-aspetti tad-determinazzjoni tal-valur normali għal ITSS deskritti fil-premessi (73) sa (79) tar-Regolament provviżorju ġew adattati kif deskritt fil-premessi (51) sa (54).

3.1.4. *Il-Prezz tal-esportazzjoni*

(56) Id-dettalji għall-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni ġew stabbiliti fil-premessi (86) u (87) tar-Regolament provviżorju.

(57) Fis-sottomissjoni tagħha tas-7 ta' Frar 2020, Eurofer argumentat li l-Kummissjoni jenħtieġ li ma tużax il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-klijent ewlieni tal-produtturi esportaturi Indoneżjani fl-Unjoni bħala fatti disponibbli. B'mod partikolari, l-ilmentatur argumenta li l-produtturi esportaturi kienu involuti f'nuqqas ta' kooperazzjoni ġestita u li kellhom fatti orkestrati disponibbli li jirriżultaw f'determinazzjoni ta' dumping aktar favorevoli. Eurofer appoġġjat l-aħħar allegazzjoni bis-sekwenza ta' sottomissjonijiet mill-klijent inkwistjoni. B'mod partikolari, Eurofer indikat li l-klijent issottometta informazzjoni dettaljata dwar il-prezzijiet ta' tranżazzjonijiet ta' importazzjoni mill-Indoneżja (sottomissjoni tal-4 ta' Novembru 2019, numru ta' referenza t19.005668) biss wara li l-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra tagħha ta' defiċenza lill-produtturi esportaturi Indoneżjani fit-23 ta' Ottubru 2019 (numru ta' referenza t19.005465). Konsegwentement, Eurofer ikkonkludiet li l-produtturi esportaturi Indoneżjani talbu lill-klijent fl-Unjoni biex jipprovdi l-informazzjoni bħala sostitut għall-elenkar tal-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom stess.

(58) L-ilmentatur tenna l-affermazzjonijiet tiegħu deskritti fil-premessa (57) fis-sottomissjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju 2020.

(59) F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi ċċarat li l-klijent fl-Unjoni kkoopera mal-investigazzjoni mill-bidu nett tal-investigazzjoni tagħha. Fit-18 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni staqsiet dwar ir-rieda tal-kumpanija li tissottometti informazzjoni addizzjonali dwar l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat li joriġina fl-Indoneżja għal kull tranżazzjoni u għal kull tip ta' prodott (numru ta' referenza t20.003960). Il-kumpanija bagħtet l-informazzjoni mitluba fil-25 ta' Ottubru 2019 (numru ta' referenza t19.005556). Is-sottomissjoni tal-4 ta' Novembru 2019 imsemmija minn Eurofer intbagħtet mill-klijent fl-Unjoni bħala kjarifika wara mistoqsijiet addizzjonali mill-Kummissjoni.

(60) Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li l-produtturi esportaturi Indoneżjani pprovdew lista sħiħa tal-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni setgħet tivverifika, fost l-oħrajn, it-tipi ta' prodotti, il-kwantitajiet, il-valuri u d-destinazzjoni ta' dak il-bejgħ. Madankollu, peress li n-negozjanti relatati f'pajjiżi terzi involuti fil-bejgħ tal-esportazzjoni ma kkooperawx mal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi l-prezz tal-esportazzjoni abbażi tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom lill-ewwel klijent indipendenti. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-informazzjoni diġà disponibbli fil-fajl issumplimentata b'informazzjoni dettaljata għal kull tranżazzjoni u għal kull tip ta' prodott sottomessa mill-klijent tal-Unjoni.

(61) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qabblet dawk il-prezzijiet mal-istatistika uffiċjali tal-Eurostat dwar il-kummerċ u sabet li l-prezzijiet tal-importazzjoni ta' unità determinati mis-sorsi kollha disponibbli kienu simili ħafna. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat l-informazzjoni pprovduta mill-klijent ewlieni fl-Unjoni bħala adatta biex tintuża bħala fatti disponibbli.

(62) Għalhekk, l-affermazzjonijiet li saru minn Eurofer deskritti fil-premessi (57) u (58) ġew miċħuda.

(63) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment addizzjonali dwar il-prezz tal-esportazzjoni għajr dawk diġà koperti mill-premessi (56) sa (62) ta' hawn fuq, il-premessi (86) sa (87) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

3.1.5. *Il-paragun*

(64) Id-dettalji dwar it-tqabbil tal-valur normali u tal-prezz tal-esportazzjoni ġew stabbiliti fil-premessi (88) sa (89) tar-Regolament provviżorju.

(65) Fis-sottomissjoni tal-4 ta' Mejju 2020, Eurofer argumentat li l-Kummissjoni ma kinitx siltet konklużjonijiet xierqa min-nuqqas ta' kooperazzjoni tan-negozjanti relatati involuti fil-bejgħ tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi Indoneżjani sa fejn kien jikkonċerna d-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni għal paragun. B'mod partikolari, Eurofer argumentat li l-Kummissjoni ma kellhiex toqgħod b'għajnejha magħluqa fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi dwar it-trasport, l-immaniġġar u t-tagħbija, u konċessjonijiet oħra (bħall-kummissjonijiet, il-kostijiet ta' kreditu, il-kostijiet bankarji, il-konverżjoni tal-munita).

(66) Barra minn hekk, Eurofer esprimiet dubji dwar it-tnaqqis mill-prezz tal-esportazzjoni tal-SG&A u l-profitt tan-negozjanti relatati involuti fil-bejgħ tal-esportazzjoni peress li l-identità u r-relazzjoni tagħhom mal-produtturi esportaturi ma setgħux jiġu vverifikati.

(67) Fl-aħħar nett, Eurofer sostniet li l-Kummissjoni kellha tiddivulga l-identità tan-negozjant relatat li l-Kummissjoni użat ir-rapporti finanzjarji disponibbli pubblikament tiegħu biex tiddetermina l-SG&A li kellhom jitnaqqsu mill-prezz tal-esportazzjoni.

(68) Il-Kummissjoni kkunsidrat li hija ma ttrattatx lill-produtturi esportaturi Indoneżjani b'mod aktar favorevoli meta użat il-fatti disponibbli jew minn sorsi pubbliċi jew ipprovduti mill-produtturi esportaturi stess. Il-Kummissjoni fakkret li biex tiddetermina l-prezz tal-esportazzjoni għall-finijiet ta' tqabbil mal-valur normali, jiġifieri fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, hija naqqset mill-prezz tal-esportazzjoni fil-livell CIF, stabbilit abbażi tal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-klijent fl-Unjoni, il-kummissjoni tan-negozjant mhux relatat involut fil-bejgħ tal-esportazzjoni, l-SG&A ta' diversi negozjanti relatati involuti fil-bejgħ tal-esportazzjoni, il-profitt ta' importatur mhux relatat, il-ġarr tal-merkanzija bil-baħar u l-assigurazzjoni, l-immaniġġar u t-tagħbija fl-Indoneżja, it-trasport fl-Indoneżja, u l-kostijiet ta' kreditu għal kull tranżazzjoni ta' esportazzjoni individwalment.

(69) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni naqqset, għal kull tranżazzjoni, l-SG&A tan-negozjanti kollha relatati involuti fil-bejgħ tal-esportazzjoni għalkemm il-produtturi esportaturi sostnew li mhux kollha kienu involuti f'kull kanal tal-bejgħ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqqset il-kostijiet ta' kreditu abbażi tar-rati tal-imgħax Indoneżjani u t-tul medju tal-kreditu kummerċjali riċevut mill-klijent fl-Unjoni għalkemm il-produtturi esportaturi Indoneżjani ma pprovdew l-ebda kreditu kummerċjali meta esportaw lejn l-Unjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kreditu għall-esportazzjoni seta' ġie pprovdut minn wieħed min-negozjanti relatati involuti fil-bejgħ tal-esportazzjoni.

(70) Fir-rigward tal-identità tan-negozjant relatat li r-rapport finanzjarju tiegħu ntuża biex jiġu ddeterminati l-SG&A, irid jiġi nnotat li l-produtturi esportaturi kkunsidraw li l-identità tagħhom kienet informazzjoni sensittiva. Għalhekk, il-Kummissjoni ma ddivulgatx din l-informazzjoni fir-Regolament provviżorju.

(71) Għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (68) sa (70), il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni ta' Eurofer.

(72) Il-produtturi esportaturi sostnew li l-aġġustament għall-prezz tal-esportazzjoni għall-SG&A ta' negozjanti relatati li jinsabu barra mill-Unjoni ma kienx iġġustifikat jew alternattivament, li dak l-aġġustament kellu jiġi kkalkulat b'mod differenti. Il-Kummissjoni aċċettat il-kalkolu alternattiv propost tal-aġġustament inkwistjoni u adattat il-prezz tal-esportazzjoni kif xieraq. Peress li l-aġġustament kien jikkonċerna *data* kunfidenzjali tan-negozju tal-produtturi esportaturi, id-dettalji ġew iddivulgati lill-produtturi esportaturi f'divulgazzjoni definittiva speċifika għall-kumpaniji.

(73) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment addizzjonali dwar it-tqabbil tal-valur normali mal-prezz tal-esportazzjoni, il-premessi (87) sa (88) tar-Regolament provviżorju sa fejn kien jikkonċerna l-aġġustamenti tal-valur normali ġew ikkonfermati.

3.1.6. *Il-marġnijiet tad-dumping*

(74) Kif iddettaljat fil-premessi (32) sa (73), il-Kummissjoni qieset il-kummenti tal-partijiet interessati u kkalkulat mill-ġdid il-marġnijiet tad-dumping għall-produtturi esportaturi Indoneżjani.

(75) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni tad-dumping (%)
PT Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry PT Indonesia Tsingshan Stainless Steel	17,7
Kumpaniji l-oħra kollha	17,7

(76) Il-kalkoli tal-marġnijiet tad-dumping individwali wara l-korrezzjonijiet u l-aġġustamenti li saru wara l-kummenti tal-partijiet interessati wara d-divulgazzjoni provviżorja, ġew iddivulgati lill-produtturi esportaturi Indoneżjani.

3.2. **Ir-RPĊ**

3.2.1. *Kummenti preliminari*

(77) Kif spjegat fil-premessi (95) sa (99) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun — Zhenshi Group Eastern Special Steel Co., Ltd. ("Zhenshi"). Il-Kummissjoni ma setgħetx tirrikonċilja diversi ċifri li kienu kruċjali għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping individwali tal-kumpanija, bħall-volumi tal-produzzjoni għal kull tip

ta' prodott, il-konsum tal-inputs tal-enerġija, l-allokazzjoni tal-prodotti sekondarji u l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mal-kontijiet awditjati, mal-kontijiet tal-ġestjoni tal-kostijiet u mad-*data* fl-applikazzjonijiet interni tal-IT użati.

(78) Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-informazzjoni pprovduta ma kinitx affidabbli u ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku sabiex tiddetermina l-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu tal-produttur esportatur. Dan irriżulta fl-impożizzjoni tal-marġnijiet residwi għall-kumpanija inkwistjoni fl-istadju provviżorju.

(79) Fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni provviżorja, Zhenshi kkummentat mill-ġdid dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li timponi d-dazju residwu. Il-kumpanija sostniet li irrispettivament min-nuqqas tagħhom li jipprovdu *data* xierqa għall-kalkolu tal-valur normali, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha d-*data* vverifikata kollha dwar il-bejgħ tal-esportazzjoni meħtieġa biex tikkalkula marġni tad-dannu individwali. F'dan ir-rigward, il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex tirrikorri għall-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku peress li "*fejn l-informazzjoni ppreżentata minn parti interessata ma tkunx ideali f'kull rispett, kwalunkwe defiċenza ma tkunx tali li tikkawża diffikultà mhux dovuta sabiex issir konklużjoni raġonevolment preċiża*".

(80) Wara l-eżami ta' din l-affermazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku, li tikkalkula kemm marġni individwali ta' dumping kif ukoll marġni tad-dannu għal Zhenshi abbażi tal-fatti disponibbli.

(81) F'dak li għandu x'jaqsam mal-marġni tad-dumping, intużat *data* vverifikata dwar il-prezz tal-esportazzjoni tal-kumpanija biex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni. Għal kull tip ta' prodott esportat minn Zhenshi, il-valur normali użat għall-kalkolu ttieħed minn wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi l-oħra Ċiniżi li kkooperaw. Fejn il-valur normali għal dan it-tip ta' prodott partikolari kien jeżisti fiż-żewġ kumpaniji inkwistjoni, intużat l-ogħla ċifra miż-żewġ ċifri. Dan instab li kien metodoloġija raġonevoli minħabba li Zhenshi ma pprovdietx biżżejjed *data* għall-kalkolu tal-valur normali tagħhom. Fejn, għal tip ta' prodott partikolari, il-valur normali ma kienx jeżisti f'xi waħda miż-żewġ kumpaniji, il-valur normali użat kien dak tat-tip ta' prodott li l-aktar li jixbah lit-tip ta' prodott esportat minn Zhenshi. Imbagħad, il-valuri normali ġew imqabbla, għal kull tip ta' prodott, mal-prezzijiet tal-esportazzjoni aġġustati għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika kif ipprovdut minn Zhenshi u ġew ivverifikati matul iż-żjara ta' verifika.

(82) Bħala riżultat tal-kalkolu ta' hawn fuq, il-marġni tad-dumping individwali għal Zhenshi, espress bħala l-perċentwal tal-valur CIF tal-kumpanija stess, ġie stabbilit f'livell ta' 71,7 %.

(83) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, peress li l-marġni tad-dumping tal-kumpanija kien ibbażat fuq il-fatti disponibbli, dan ma ntużax għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping medju ponderat għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun.

(84) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkalkula marġni ta' dumping individwali għal Zhenshi ġiet ikkontestata minn Eurofer fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni finali. L-ilmentatur oġġezzjona għall-bidla fil-pożizzjoni tal-Kummissjoni fid-divulgazzjoni finali, filwaqt li indika li l-esportatur Ċiniż tenna biss l-argumenti preċedenti tiegħu u ma pprovda l-ebda informazzjoni ġdida. Skont l-ilmentatur, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod ċar fl-istadju proviżorju li ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat marġni ta' dumping individwali għal Zhenshi minħabba li diversi ċifri ewlenin ma setgħux jiġu rikonċiljati mal-kontijiet awditjati, mal-kontijiet ta' ġestjoni u mal-bażijiet ta' *data* tal-IT tal-kumpanija.

(85) Eurofer argumentat ukoll li kalkolu tal-marġni ta' dumping għandu jkun ibbażat fuq id-*data* tal-kumpanija stess, għall-kuntrarju tal-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni fl-istadju definittiv.

(86) Fl-aħħar nett, l-ilmentatur qajjem dubji dwar kif il-Kummissjoni setgħet aċċettat il-prezzijiet tal-esportazzjoni ta' Zhenshi, meta r-rispons għall-kwestjonarju ma setax jiġi rikonċiljat mal-kontijiet awditjati.

(87) L-ewwel nett, il-Kummissjoni għadha ssostni l-konklużjoni tagħha li l-ebda kalkolu ta' valur normali ma kien possibbli fuq il-bażi tad-*data* pprovduta minn Zhenshi. Il-problema ta' rikonċiljazzjoni taċ-ċifri kkonċernat il-produzzjoni, l-istokkijiet, il-kostijiet u l-konsum tal-input biss fil-livell tal-allokazzjoni għat-tipi differenti tal-prodotti, u b'hekk il-kalkolu tal-valur normali kien impossibbli. Madankollu Zhenhi pprovdiet, u l-Kummissjoni setgħet tivverifika, l-elementi kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni.

(88) It-tieni, wara d-divulgazzjoni provviżorja l-kumpanija ħarġet b'argument validu ġdid — peress li l-Kummissjoni ammettiet li setgħet tivverifika d-*data* dwar il-bejgħ tal-esportazzjoni, marġni ta' dannu individwali seta' jiġi kkalkulat. Il-Kummissjoni qablet ma' dan l-argument u sussegwentement ikkalkulat marġni ta' dannu individwali u, konsegwentement, marġni ta' dumping skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku.

(89) Għall-kuntrarju ta' dak li qalet Eurofer, mhuwiex rari li l-valur normali ta' kumpanija ma jkunx ibbażat fuq id-*data* ppreżentata mill-produttur esportatur. Il-Kummissjoni tista' tuża l-fatti disponibbli, inkluża *data* minn sorsi oħra, jekk l-informazzjoni pprovduta, pereżempju, ma tkunx affidabbli.

(90) Għalhekk, skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku u kif jidher ċar mill-premessa (81), il-valur normali ta' Zhenshi huwa bbażat fuq il-fatti disponibbli, li huwa valutazzjoni oġġettiva. F'dan il-każ speċifiku, din il-valutazzjoni wasslet għal marġni ta' dumping individwali fil-medja tal-kumpaniji Ċiniżi u għall-marġni ta' dannu l-aktar baxx, minħabba l-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-kumpanija.

(91) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma sabet ebda raġuni biex tirrifjuta d-*data* tal-bejgħ u tal-fatturat tal-kumpanija jew biex tirrifjuta ċerti tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni mill-kalkolu. Minkejja problemi bl-allokazzjoni tal-kostijiet u tal-inputs għat-tipi tal-prodott prodott, id-*data* tal-bejgħ u tal-fatturat tal-esportazzjoni setgħet tiġi vverifikata u rikonċiljata mal-kontijiet awditjati tal-kumpanija u wkoll b'dokumenti esterni oġġettivi bħad-dikjarazzjonijiet tal-VAT, id-dikjarazzjonijiet doganali, dokumenti reali tat-trasport u tal-assigurazzjoni.

(92) Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fil-premessi (87) sa (91), l-argumenti tal-ilmentatur kontra l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku fir-rigward taz-Zhenshi ġew miċħuda.

3.2.2. *Il-valur normali*

3.2.2.1. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti

(93) Fir-rigward tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fil-pajjiż tal-oriġini esklussivament fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(94) Il-premessi (103) sa (157) tar-Regolament provviżorju taw dettalji dwar l-eżami tal-evidenza kollha disponibbli dwar l-intervent tar-RPĊ fl-ekonomija tagħha inġenerali kif ukoll fis-settur tal-azzar, u b'hekk urew li l-prezzijiet u l-kostijiet tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tax-xogħol, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għaliex dawn huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(95) Fuq din il-bażi, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ fl-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma kienx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali.

(96) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, kummenti dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku waslu mingħand il-GTĊ u mingħand il-produtturi esportaturi Ċiniżi FSS.

(97) Iż-żewġ partijiet interessati sostnew li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkonsistenti mar-regoli tad-WTO, jiġifieri mal-Artikolu VI.1(b) tal-GATT u mal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 ("ADA") u li r-Regolament bażiku jintroduċi kunċett ta' "distorsjonijiet sinifikanti" li mhuwiex elenkat fl-Artikolu 2.2 tal-ADA bħala waħda miċ-ċirkostanzi biex jinħadem valur normali. Barra minn hekk, billi jirreferi għal kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv, jew għal prezzijiet, kostijiet jew valuri referenzjarji internazzjonali, il-valur normali maħdum fuq il-bażi tal-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku allegatament imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu VI.1(b) tal-GATT u l-Artikolu 2.2 tal-ADA li jirrikjedu l-użu tal-kostijiet fil-pajjiż ta' oriġini.

(98) Għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (95) li huwa xieraq li jiġi applikat l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ma qablitx mas-sottomissjoni tal-partijiet interessati li l-Kummissjoni trid ma tapplikax l-Artikolu 2(6a). Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Artikolu 2(6a) huwa applikabbli u jrid jiġi applikat fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li din id-dispożizzjoni hija konsistenti mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea. Hija l-fehma tal-Kummissjoni li, kif iċċarat f'DS473 EU-Biodiesel (l-Arġentina), id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku li japplikaw b'mod ġenerali fir-rigward tal-Membri kollha tad-WTO, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku jippermettu l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, aġġustata kif xieraq meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat.

(99) Barra minn hekk, il-GTĊ sostna li d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ ([12]) ma jistax jiġi kkwalifikat bħala r-"rapport" li skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jenħtieġ li "*jiġi prodott, isir pubbliku u jiġi aġġornat regolarment*". Il-GTĊ sostna wkoll li d-dokument mhuwiex rappreżentattiv sew u jiddevja b'mod sever mill-fatti.

(100) Barra minn hekk, il-GTĊ osserva li dokument ta' ħidma tal-persunal ta' dak it-tip inħareġ biss fir-rigward taċ-Ċina u ma saret l-ebda evalwazzjoni tas-suq bħal din għal pajjiżi oħra inkluż il-pajjiż rappreżentattiv fl-investigazzjoni jew l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Skont il-GTĊ dan qajjem tħassib dwar il-prinċipji tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit ("MFN") u dwar it-Trattament Nazzjonali ("NT").

(101) Bi tweġiba għal dawn l-affermazzjonijiet, il-Kummissjoni tinnota li r-rapport sar disponibbli pubblikament f'Diċembru 2017 sabiex kwalunkwe parti interessata jkollha biżżejjed opportunità biex tirribatti, tissupplimenta jew tikkummenta dwaru u dwar l-evidenza li fuqha huwa bbażat. Il-GTĊ żamm lura milli jirribatti jew jikkummenta dwar is-sustanza u l-evidenza li tinsab fir-rapport sa mir-rilaxx tiegħu f'Diċembru 2017. Il-GTĊ naqas ukoll milli jipprovdi evidenza li r-rapport issa huwa skadut. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota b'mod partikolari li d-dokumenti ewlenin ta' politika u l-evidenza li hemm fir-rapport, inklużi primarjament il-pjanijiet rilevanti ta' ħames snin u l-leġiżlazzjoni applikabbli għall-prodott ikkonċernat matul il-PI, għadhom rilevanti. Rigward it-tħassib dwar id-diskriminazzjoni, il-Kummissjoni tfakkar li, kif previst fl-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku, tali rapport jenħtieġ li jinħareġ għal kwalunkwe pajjiż biss meta l-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet b'bażi soda tal-eżistenza possibbli ta' distorsjonijiet sinifikanti f'ċertu pajjiż jew settur f'dak il-pajjiż. Mal-approvazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku f'Diċembru 2017, il-Kummissjoni kellha tali indikazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra rapporti simili dwar pajjiżi oħra. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(102) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTĊ tenna l-affermazzjoni tiegħu fir-rigward tal-istatus tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni msemmi fil-premessa (99), it-trattament diskriminatorju taċ-Ċina u l-ksur allegat tal-klawżoli MFN u NT u l-inkonsistenza tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku mal-Artikolu 2.2 tal-ADA. Madankollu, ma ġew ippreżentati l-ebda argumenti jew evidenza ġodda li jistgħu jibdlu ċ-ċaħda provviżorja tal-Kummissjoni ta' dawn l-affermazzjonijiet jew il-konklużjonijiet fil-premessa (101) hawn fuq.

(103) Fl-istess sottomissjoni, il-GTĊ sostna li r-rapport ġie rilaxxat bħala dokument ta' ħidma tal-persunal, u ma kien hemm l-ebda evidenza jew sinjal li jindika li d-dokument kien approvat mill-Kummissjoni mal-pubblikazzjoni tiegħu jew wara. Peress li ma għandux l-approvazzjoni formali tal-Kummissjoni u huwa ppubblikat bħala dokument ta' ħidma tal-persunal, jinħolqu dubji serji dwar jekk tali dokument jistax jitqies bħala l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni u jekk l-istatus legali tiegħu jissodisfax ir-rekwiżit tar-Regolament Bażiku 2(6a) tat-tfassil, tal-pubblikazzjoni u tal-aġġornament tar-rapporti tal-Kummissjoni.

(104) Ir-rapport huwa dokument tekniku bbażat fuq il-fatti li jintuża biss fil-kuntest ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ. Għalhekk jinħareġ bħala Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni peress li huwa purament deskrittiv u ma jesprimi l-ebda opinjoni politika, preferenzi jew ġudizzji. Dan ma jaffettwax il-kontenut tiegħu, jiġifieri s-sorsi ta' informazzjoni dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija Ċiniża rilevanti għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku. F'din l-investigazzjoni, ir-rapport, inkluża l-evidenza li tinsab fih, huwa parti mill-evidenza fil-fajl li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a). Il-GTĊ ma pprovda l-ebda evidenza li l-informazzjoni fir-rapport mhijiex valida jew ma tapplikax għal din l-investigazzjoni. Fi kwalunkwe każ

([12]) SWD(2017) 483 final/2 tal-20 ta' Diċembru 2017.

il-Kummissjoni tfakkar li l-eżistenza ta' rapport tal-pajjiż mhijiex kundizzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) peress li l-Artikolu 2(6a)(c) jiddikjara li, fejn xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproduċi, tippubblika u taġġorna rapport regolarment. Dak li jgħodd għall-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa s-sejbiet li f'dan il-każ jeżistu distorsjonijiet sinifikanti, kif inhu fil-każ ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(105) Fl-istess sottomissjoni, il-GTĊ qajjem il-kwistjoni ta' allegata inkonsistenza tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku mal-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA peress li l-Kummissjoni rrifjutat l-ispejjeż tal-kumpaniji Ċiniżi mingħajr ma ddeterminat li r-rekords tagħhom inżammu f'konformità mal-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati taċ-Ċina, jew jekk ir-rekords jirriflettux b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt kunsiderazzjoni.

(106) Kif spjegat hawn fuq fil-premessi (93) sa (98), il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa xieraq li jiġi applikat l-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) ta' dak l-Artikolu. Il-kumpaniji Ċiniżi ngħataw l-opportunità jikkummentaw iżda ma pprovdew l-ebda kumment rilevanti. Għalhekk, jekk ir-rekords tal-kumpaniji Ċiniżi kinux miżmuma skont il-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati taċ-Ċina, jew jekk ir-rekords jirriflettux b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott taħt kunsiderazzjoni, ma jaffettwax il-konklużjoni dwar l-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(107) Fl-aħħar nett, il-GTĊ sostna li l-investigazzjoni saret fuq is-suppożizzjoni li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti fis-suq u s-settur Ċiniż ikkonċernat u li l-partijiet interessati ma kellhomx l-opportunità jiddefendu l-interessi tagħhom u jagħtu prova li r-rekords tagħhom jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat.

(108) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-allegati distorsjonijiet tas-suq fir-RPĊ u dwar l-applikazzjoni potenzjali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Xi whud mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kkummentaw dwar l-allegati distorsjonijiet tas-suq fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet separati. Il-kummenti tagħhom f'dan ir-rigward ġew indirizzati fil-premessi (111) sa (113) tar-Regolament provviżorju u fil-premessi (98) sa (101) hawn fuq. Il-GTĊ ma użax l-opportunità li jikkummenta dwar l-allegati distorsjonijiet tas-suq fiż-żmien stipulat fit-Taqsima 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu ([13]) u ma weġibx għall-kwestjonarju b'mistoqsijiet speċifiċi dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, mibgħut fit-12 ta' Awwissu 2019. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(109) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonfermat il-premessi (103) sa (159) tar-Regolament provviżorju.

3.2.2.2. Il-pajjiż rappreżentattiv

(110) Kif spjegat fil-premessi (160) sa (178) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni għażlet b'mod provviżorju lill-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'din il-proċedura, li jissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(111) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, l-utent Marcegaglia — ikkummenta dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv. Huwa sostna li l-Brażil mhuwiex pajjiż rappreżentattiv xieraq peress li hemm biss produttur wieħed kbir tal-prodott li qed jiġi investigat li huwa integrat vertikalment u li qed imexxi s-suq, peress li jikkontrolla l-katina kollha tal-provvista, mill-produzzjoni taċ-ċangaturi sad-distribuzzjoni tal-prodotti downstream. Barra minn hekk, l-utent sostna li s-suq tal-prodotti ċatti tal-azzar inossidabbli Brażiljan huwa protett minn diversi miżuri anti-dumping.

([13]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan u mill-Indoneżja (ĠU C 269I, 12.8.2019, p. 1).

(112) Il-Kummissjoni ddivulgat l-analiżi tagħha dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv f'żewġ noti konsekuttivi ([14]). Dawn in-noti infurmaw lill-partijiet interessati dwar il-kriterji użati fl-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv u l-alternattivi possibbli. Il-partijiet interessati ġew imħeġġa jikkummentaw dwar l-għażla tal-Kummissjoni u jressqu l-proposta tagħhom stess tal-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq. Marcegaglia ma ressqet l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward.

(113) Madankollu, l-allegata pożizzjoni dominanti ta' xi kumpaniji jew l-eżistenza ta' miżuri anti-dumping fis-suq domestiku tal-pajjiż rappreżentattiv fir-rigward tas-settur tal-prodott li qed jiġi investigat mhijiex rilevanti fl-għażla ta' pajjiż rappreżentattiv. Biex ħadmet il-valuri referenzjarji, il-Kummissjoni użat il-prezzijiet tal-importazzjoni Brażiljani għall-materja prima, il-materjali awżiljarji u l-inputs tal-enerġija — inklużi l-fatturi ta' produzzjoni użati għall-produzzjoni taċ-ċangaturi jew għall-produzzjoni ta' inputs upstream oħra bħall-kokk metallurġiku, is-sinter jew il-ħadid imdewweb. Dawn l-inputs jintużaw minn ħafna setturi fil-pajjiż rappreżentattiv u għalhekk l-allegata kompetizzjoni interna limitata fis-suq tal-prodotti ċatti tal-azzar inossidabbli jew il-protezzjoni tiegħu permezz ta' miżuri anti-dumping ma jistgħux jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prezz medju tal-importazzjoni tal-inputs inkwistjoni.

(114) Marcegaglia indikat ukoll li l-produttur fil-pajjiż rappreżentattiv huwa relatat ma' wieħed mill-ilmentaturi.

(115) Tabilħaqq, il-produttur fil-Brażil, Aperam Inox America do Sul S.A., huwa relatat mal-produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun Aperam Stainless Belgium. Madankollu, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li din ir-relazzjoni kellha effett distorsiv fuq l-SG&A u l-profitt tal-kumpanija Brażiljana.

(116) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-affermazzjoni ta' Marcegaglia ġiet miċħuda u l-premessi (160) sa (178) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.2.3. Is-sorsi li ntużaw biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni

(117) Is-sorsi użati mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-fatturi ta' produzzjoni fil-kalkolu tal-kostijiet diretti tal-manifattura ġew elenkati fil-premessi (179) sa (183) tar-Regolament provviżorju.

(118) F'dan ir-rigward, l-ilmentatur issottometta affermazzjoni dwar l-użu tal-istatistika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO") għall-istabbiliment ta' kost lavorattiv mingħajr distorsjoni. Eurofer sostniet li peress li l-kostijiet lavorattivi huma ħafna ogħla fl-industrija tal-azzar Brażiljana milli fis-settur tal-manifattura b'mod ġenerali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-istatistika disponibbli pubblikament ippubblikata mill-assoċjazzjoni tal-azzar Brażiljana. L-ilmentatur issottometta din l-istatistika.

(119) Il-Kummissjoni analizzat l-istatistika pprovduta bħala appoġġ għal din l-affermazzjoni. Ir-rapport tal-Istitut tal-Azzar tal-Brażil, li jipprovdi informazzjoni dwar is-salarji totali, l-ispejjeż soċjali u l-impjieg totali tas-settur, imressaq minn Eurofer b'appoġġ għall-affermazzjoni tagħha, jagħmel distinzjoni bejn il-ħaddiema rreġistrati totali, il-ħaddiema attwalment attivi u l-ħaddiema sottokuntrattati. Peress li r-rapport għandu biss ċifri mhux ipproċessati, mingħajr deskrizzjoni tal-metodoloġija, mhuwiex ċar kif iċ-ċifri totali tal-"pagi" u tal-ispejjeż soċjali jistgħu jkunu marbuta man-numru ta' impjegati. Għall-impjegati sottokuntrattati, ma hemm l-ebda informazzjoni dwar il-livell ta' benefiċċji soċjali u s-sigħat medji tax-xogħol. Barra minn hekk, il-kost lavorattiv medju għas-settur tal-azzar, kif ikkalkulat minn Eurofer fis-sottomissjoni tagħha, huwa kważi erba' darbiet ogħla mill-kost lavorattiv ikkalkulat b'mod provviżorju mill-Kummissjoni abbażi tal-istatistika uffiċjali tal-ILO dwar is-settur tal-manifattura fil-Brażil. Anke bl-aktar approċċ konservattiv u filwaqt li jitqies in-numru totali ta' impjegati, l-istatistika tal-assoċjazzjoni tal-azzar Brażiljana tindika salarju għal kull siegħa għas-settur tal-azzar li bħala medja huwa kważi 20 % ogħla minn dak fis-settur finanzjarju u 50 % ogħla minn dak fis-settur tal-IT fil-Brażil, meta mqabbel maċ-ċifri pprovduti mill-istatistika uffiċjali tal-ILO. Għalhekk, peress li ċ-ċifri pprovduti minn Eurofer ma setgħux jintużaw bħala bażi għal kost lavorattiv stmat fis-siegħa, u mingħajr ma kienet taf il-metodoloġija li tinsab warajhom, il-Kummissjoni sabt li dan huwa sors inqas affidabbli mill-istatistika tal-ILO għall-kalkolu tal-kost lavorattiv.

(120) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-affermazzjoni ta' Eurofer ġiet miċħuda u l-premessi (179) sa (183) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

([14]) In-Nota tad-9 ta' Settembru 2019 u n-Nota tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali.

3.2.2.4. Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni

(121) Lista tal-fatturi ta' produzzjoni użati għall-istabbiliment tal-kostijiet diretti mingħajr distorsjoni tal-manifattura, il-valur mingħajr distorsjoni tagħhom, u l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom, ġew ipprovduti fil-premessi (185) sa (200) tar-Regolament provviżorju.

(122) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi — FSS u STSS — issottomettew diversi affermazzjonijiet fir-rigward tal-premessi msemmija hawn fuq.

(123) Iż-żewġ partijiet interessati sostnew li għal diversi fatturi ta' produzzjoni, il-valur mingħajr distorsjoni tal-valuri referenzjarji huwa għoli wisq, li jista' jirriżulta mill-użu ta' kodiċijiet doganali Brażiljani b'mod ġenerali wisq u b'hekk ma jitqabbilx l-istess input jew jitqabbel volum żgħir ħafna tal-importazzjonijiet Brażiljani ma' volum ferm akbar tal-input ikkunsmat mill-produtturi Ċiniżi.

(124) Il-partijiet interessati ġew infurmati min-Nota tal-10 ta' Ottubru dwar il-kodiċijiet doganali li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tuża bħala l-valuri referenzjarji għall-valuri mingħajr distorsjoni għall-fatturi kollha ta' produzzjoni. Il-partijiet interessati kellhom ukoll aċċess għall-volumi u l-valuri tal-importazzjoni tal-pajjiż rappreżentattiv korrispondenti peress li l-estrazzjoni mill-istatistika doganali Brażiljana kienet mehmuża man-nota. F'dak l-istadju, ma wasal l-ebda kumment.

(125) Barra minn hekk, il-fatturi kollha ta' produzzjoni ġew diskussi fid-dettall matul iż-żjarat ta' verifika fil-kumpaniji inkwistjoni. Dan kien jinkludi diskussjoni dwar il-kompożizzjoni eżatta ta' input partikolari u l-kodiċi SA propost, ikkoreġut fejn applikabbli bi qbil mal-kumpanija.

(126) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma qabblitx il-volumi ta' importazzjonijiet lejn il-pajjiż rappreżentattiv mal-volumi mixtrija u kkunsmati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi għall-inputs speċifiċi. Il-volumi importati fil-Brażil jistgħu jkunu iżgħar iżda xorta kienu kkunsidrati bħala rappreżentattivi.

(127) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-affermazzjonijiet li jikkonċernaw il-valuri referenzjarji ġew miċħuda, ħlief għal żewġ fatturi ta' produzzjoni, fejn wara analiżi ulterjuri l-Kummissjoni tabilħaqq qablet li l-volumi importati jistgħu jkunu negliġibbli wisq biex ikunu rappreżentattivi.

(128) Għall-mineral tal-ħadid il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' lura għal valur referenzjarju internazzjonali bbażat fuq il-kwotazzjoni medja tal-prezz tal-IP għall-mineral tal-ħadid minn Fast Markets. Għall-ossiġenu, minħabba s-sehem negliġibbli ta' dan l-input fil-kostijiet tal-manifattura, il-Kummissjoni ddeċidiet li tittrasferixxi l-kost tiegħu fuq l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura. Il-kalkolu dettaljat tal-valur referenzjarju ġdid tal-mineral tal-ħadid u l-lista aġġornata tal-fatturi ta' produzzjoni ttrasferiti fuq l-ispejjeż ġenerali huma elenkati fid-divulgazzjonijiet finali speċifiċi għall-kumpaniji.

(129) Iż-żewġ partijiet interessati sostnew ukoll li l-kostijiet mingħajr distorsjoni ma kinux jirriflettu l-kostijiet fiċ-Ċina. Il-kumpaniji sostnew li fil-prinċipju, it-trasport internazzjonali tal-merkanzija, l-assigurazzjoni u d-dazji doganali jenħtieġ li jiżdidux mal-valur referenzjarju maħdum għall-inputs li nxtraw domestikament mill-produtturi Ċiniżi.

(130) L-FSS sostniet ukoll li anke jekk it-trasport tal-merkanzija u l-assigurazzjoni jiġu miżjuda, ikun illoġiku li l-aġġustament jiġi bbażat fuq iċ-ċifri tat-trasport tal-merkanzija u tal-assigurazzjoni miksuba mill-esportaturi Ċiniżi, billi dawn jirreferu għall-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni, filwaqt li jenħtieġ li jsir aġġustament għall-prezz FOB fuq il-fruntiera Brażiljana lejn il-bini tal-produttur.

(131) STSS kompliet tikkontesta ċ-ċifra reali li ntużat għall-aġġustament tal-kostijiet tat-trasport domestiku u pprovdiet kalkolu alternattiv ibbażat fuq id-*data* reali tal-kumpanija.

(132) Fl-aħħar nett, STSS ikkontestat l-esklużjoni tad-*data* dwar l-esportazzjoni Ċiniża mit-tliet valuri referenzjarji li kienu bbażati fuq l-istatistika tal-esportazzjoni minflok fuq l-istatistika tal-importazzjoni, jiġifieri l-valuri referenzjarji għall-ferro-molibdenu, il-ħadid imdewweb u ċ-ċangaturi tal-azzar inossidabbli.

(133) Il-kalkolu tal-kostijiet u tal-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni għandu l-għan li jirrifletti sitwazzjoni fejn l-inputs inkwistjoni jiġu kkunsinjati fil-bini tal-produttur. Peress li l-bażi biex jinħadem il-valur referenzjarju huwa l-prezz tal-importazzjoni fil-fruntiera tal-pajjiż rappreżentattiv, is-sors reali tiegħu għal produttur fiċ-Ċina huwa irrilevanti. Bħal fil-każ tal-Brażil, GTA tirrapporta prezzijiet tal-importazzjoni f'livell FOB, filwaqt li jridu jiżdiedu t-trasport internazzjonali tal-merkanzija u l-assigurazzjoni biex jintlaħaq il-livell CIF. Barra minn hekk, iridu jiżdiedu d-dazji doganali u l-kostijiet tat-trasport domestiku biex jintlaħaq il-prezz fil-bini tal-produttur. Għalhekk, l-affermazzjoni ewlenija dwar il-metodoloġija tal-kalkolu tal-valuri referenzjarji ġiet miċħuda.

(134) Madankollu, il-Kummissjoni ħadet nota tal-affermazzjoni ta' FSS dwar il-metodoloġija tal-aġġustament għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija u l-assigurazzjoni u ddeċidiet li terġa' lura għall-Bażi tad-*Data* tal-OECD dwar il-Kostijiet Internazzjonali tat-Trasport u tal-Assigurazzjoni ([15]) sabiex tikkalkula l-FOB medju għall-marġni CIF għall-Brażil għall-inputs kollha inkwistjoni. Konsegwentement, sabiex jintlaħaq il-livell CIF, il-valuri tal-importazzjoni tal-FOB fil-Brażil żdiedu b'8,58 %. Id-dettalji ta' dan il-kalkolu u deskrizzjoni tal-metodoloġija huma pprovduti lill-partijiet interessati fid-divulgazzjoni finali speċifika.

(135) Wara d-divulgazzjoni finali, FSS indika li waqt id-divulgazzjoni provviżorja kien ikkontesta l-metodoloġija tal-Kummissjoni dwar kif inħadmu l-parametri referenzjarji, fejn sar aġġustament biex instab il-kost mal-iżbark fil-pajjiż rappreżentattiv. Il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni kienet fehmet ħażin l-affermazzjoni tagħha fl-istadju provviżorju billi kkoreġiet biss il-kalkolu tal-kostijiet tat-trasport internazzjonali u tal-assigurazzjoni.

(136) Il-Kummissjoni kienet fehmet l-affermazzjoni ewlenija tal-kumpanija u indirizzatha fil-premessa (133) hawn fuq. Kif spjegat f'dik il-premessa, mhuwiex rilevanti fil-kalkolu tal-parametri referenzjarji jekk il-produttur Ċiniż fil-fatt xtarax domestikament jew importax l-inputs inkwestjoni. Biex il-kost tal-input ikun sal-bini ta' kumpanija fil-pajjiż rappreżentattiv, irid isir aġġustament tal-valur CIF fuq il-fruntiera.

(137) L-affermazzjoni ta' STSS li tikkonċerna l-kalkolu tat-trasport domestiku ġiet miċħuda. Madankollu, minħabba l-kunfidenzjalità tad-*data* tingħata spjegazzjoni aktar dettaljata fid-divulgazzjoni speċifika tal-kumpanija.

(138) Fl-aħħar nett, l-esklużjoni tal-esportazzjonijiet lejn ir-RPĊ mit-tliet valuri referenzjarji stabbiliti fuq il-bażi tal-istatistika tal-esportazzjoni Brażiljana, Iranjana u tal-Korea t'Isfel, kif deskritt fil-premessa (192) tar-Regolament provviżorju, kienet meħtieġa u ġġustifikata. Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni sabiex jinħadem il-valur normali. F'dan il-każ partikolari ma kienx possibbli li jintużaw importazzjonijiet fil-pajjiż rappreżentattiv, minħabba li ma kienet teżisti l-ebda importazzjoni jew inkella l-valuri referenzjarji tqiesu mhux rappreżentattiv minħabba restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni jew minħabba l-kwantitajiet negliġibbli importati u għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża *data* dwar l-esportazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li kien meħtieġ li l-esportazzjonijiet lejn ir-RPĊ jiġu esklużi minħabba li ma kien hemm l-ebda evidenza li d-distorsjonijiet fir-RPĊ ma affettwawx ukoll dawk il-prezzijiet. Tabilħaqq, meta l-produtturi minn pajjiżi terzi jkunu jridu jkunu kompetittivi fis-suq Ċiniż, l-ipprezzar tagħhom se jirrifletti l-kundizzjonijiet li jinsabu fis-suq domestiku Ċiniż.

(139) Affermazzjoni addizzjonali minn STSS kienet tikkonċerna l-metodoloġija ta' kalkolu tal-aġġustament għad-dħul minn prodotti sekondarji, li ma jintużawx mill-ġdid fil-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat. Skont il-kumpanija, dan id-dħul jenħtieġ li jiġi kkalkulat ukoll b'parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni u jenħtieġ li jitnaqqas direttament mill-kost tal-manifattura minflok jitnaqqas mill-valur normali maħdum.

(140) Fl-istadju provviżorju, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali billi naqqset il-valur mingħajr distorsjoni ta' ċerti prodotti sekondarji li ma ntużawx mill-ġdid fil-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat iżda li nbiegħu mill-kumpanija. Sabiex jinkiseb dan il-valur mingħajr distorsjoni, ġie kkalkulat il-perċentwal tad-dħul ta' prodott sekondarju għal kull tip ta' prodott fuq il-kost tal-manifattura tiegħu. Aktar tard l-istess perċentwal ġie applikat għall-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura.

(141) Wara l-kummenti tal-parti interessata, il-Kummissjoni biddlet il-metodoloġija ta' dan l-aġġustament. Sabiex jinkiseb dħul mingħajr distorsjoni għal kull tip ta' prodott, il-kwantitajiet ta' prodotti sekondarji rrappurtati mill-kumpanija ġew multiplikati bil-prezz ta' unità tal-valur referenzjarju Brażiljan ta' dawn il-materjali. Id-dħul mingħajr distorsjoni tnaqqas għal kull tip ta' prodott mill-valur normali maħdum. Il-Kummissjoni kkonkludiet li aġġustament negattiv għal dawn il-prodotti sekondarji jrid isir f'dan il-livell minflok fil-livell tal-kostijiet tal-manifattura, peress li dawn il-prodotti sekondarji nbiegħu u normalment id-dħul jenħtieġ li jkun kopra wkoll il-kostijiet tal-bejgħ u l-profitt.

(142) Wara d-divulgazzjoni finali, FSS osserva li parametru referenzjarju għall-inputs tal-enerġija bħall-elettriku, il-gass naturali u l-ilma, li kienu bbażati fuq tariffi tas-suq intern Brażiljani, jistgħu jinkludu taxxi indiretti, li kellhom jitnaqqsu.

([15]) Disponibbli fuq https://stats.oecd.org/Index.aspx?DataSetCode=CIF_FOB_ITIC (ikkonsultat l-aħħar fit-3 ta' Ġunju 2020).

(143) Din id-dikjarazzjoni ġiet aċċettata fir-rigward tal-gass naturali. L-Anness rilevanti tad-divulgazzjoni speċifika indika b'mod ċar li t-taxxa indiretta ("ICMS") ġiet inkluża mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju. Il-parametru referenzjarju inkwistjoni ġie kkalkulat mill-ġdid u aġġustat 'l isfel minn 3,23 CNY għal kull metru kubu għal 2,75 CNY għal kull metru kubu. Sussegwentement, il-marġni ta' dumping għal FSS ġie rivedut. Dan l-aġġustament ma kellux impatt fuq il-marġnijiet ta' dumping individwali ta' SSS u ta' Zhenshi. Il-marġini ta' dumping taż-żewġ kumpaniji li kkooperaw mhux fil-kampjun ġie aġġustat skont dan.

(144) Fir-rigward tal-elettriku, il-bażi ta' *data* tas-sors ma semmietx it-taxxi indiretti. Għalhekk il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ebda taxxa indiretta ma kienet inkluża fit-tariffa. Peress li l-FSS ma werietx mod ieħor, din l-affermazzjoni nstabet li ma kinitx sostanzjata. Ta' min jinnota li l-ebda ICMS ma hija debitata għall-ilma.

(145) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-kalkolu tal-kostijiet u tal-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-premessi (179) sa (183) tar-Regolament provviżorju, bil-korrezzjonijiet li saru kif spjegat fil-premessi (127), (134), (137), (141) u (143) hawn fuq.

(146) Meta jiġu kkunsidrati l-aġġustamenti kollha li saru wara l-affermazzjonijiet sottomessi mill-partijiet interessati, fl-istadju definittiv ġew identifikati l-fatturi ta' produzzjoni, il-kodiċijiet SA u l-valuri normali mingħajr distorsjoni li ġejjin:

Tabella

Fattur tal-Produzzjoni	Kodiċi SA	Valur mingħajr distorsjoni	Unità
Materja Prima/Materjali Awżiljarji			
Kwarzit	2506 20	1 662,69	CNY/t
Tafal li jiflaħ in-nar	2508 30	4 012,56	CNY/t
Serpentina	2516 90	4 172,45	CNY/t
Manjeżja mdewba; Manjeżja maħruqa għalkollox (siniterjat), kemm jekk fiha kwantitajiet żgħar ta' ossidi oħra miżjudin qabel is-sinterizzazzjoni u kemm jekk le; ossidu tal-manjeżju ieħor, kemm jekk pur kif ukoll jekk le	2519 90	9 315,74	CNY/t
Fluworspar–Li fih bħala toqol 97 % jew inqas ta' fluworidu tal-kalċju	2529 21	1 876,11	CNY/t
Mineral tal-ħadid, mhux agglomerat (trab); Mineral tal-Ħadid F'Daqqa	[MHUX APPLIKABBLI] (ara l-premessa (128))	548,90	CNY/t
Mineral tal-ħadid, agglomerat (sinter)	2601 12	824,20	CNY/t
Minerali u Konċentrati tal-Kromu	2610 00	4 437,72	CNY/t
Faħam oħxon; Faħam tal-kokk	2701 12	1 101,32	CNY/t
Faħam irqiq; Faħam tal-elettriku; Gass tal-faħam	2701 19	944,43	CNY/t
Kokk; Trab tal-kokk; Kokk metallurġiku	2704 00	2 503,14	CNY/t
Żejt Lubrikanti	2710 19	80,05	CNY/t
Karbonju	2803 00	10 484,38	CNY/t
Kalċju (Wajer)	2805 12	37 565,18	CNY/t
Aċidu Sulfuriku	2807 00	608,14	CNY/t
Aċidu Nitriku	2808 00	2 803,81	CNY/t
Aċidu Idrofluworiku	2811 11	12 036,01	CNY/t
Ammonijaka anidra	2814 10	2 085,04	CNY/t
Ossidi jew idrossidi tal-molibdenu	2825 70	146 169,98	CNY/t

Fattur tal-Produzzjoni	Kodiċi SA	Valur mingħajr distorsjoni	Unità
Sulfar tal-ħadid	2830 90	100 236,10	CNY/t
Perossidu tal-Idroġenu	2847 00	17 324,44	CNY/t
Wajer bil-qalba; Trab għall-ikkastjar	3824 99	16 490,97	CNY/t
Ħadid fondut grezz b'kontenut Medju ta' Nikil; Ħadid fondut grezz b'kontenut Baxx ta' Nikil	[MHUX APPLIKABBLI] (ara l-premessa (192) tar-Regolament provviżorju)	84 151,00 Aġġustat għall-kontenut attwali tan-nikil (1)	CNY/t
Ferro-Manganiż, li fih bħala toqol > 2 % ta' karbonju	7202 11	8 841,84	CNY/t
Ferro-Manganiż, li fih bħala toqol <= 2 % ta' karbonju	7202 19	14 018,29	CNY/t
Ferrosiliċju, >55 % ta' siliċju	7202 21	13 848,56	CNY/t
Manganiż-ferro-silikon	7202 30	8 770,18	CNY/t
Ferrokromju, > 4 % ta' karbonju	7202 41	10 288,69	CNY/t
Ferro-nikil	[MHUX APPLIKABBLI] (ara l-premessa (192) tar-Regolament provviżorju)	21 879,38	CNY/t
Ferro-molibdenu	7202 70	141 697,92	CNY/t
Ħadid ferrotungstenu	7202 80	217 629,37	CNY/t
Ferro-titanju	7202 91	28 149,49	CNY/t
Ferro-nijobju	[MHUX APPLIKABBLI] (ara l-premessa (192) tar-Regolament provviżorju)	145 667,77	CNY/t
Ferro-boron; Liga tal-Kalċju Ferrosiliċju	7202 99	15 917,12	CNY/t
Ruttam tal-ħadid fondut	7204 10	987,48	CNY/t
Ruttam tal-azzar inossidabbli	7204 21	7 166,20	CNY/t
Skart u ruttam ferruż, għajr bċejjeċ li jaqgħu mill-użu tat-torn, ċana, laqx, skart tat-tħin, serratura, trab tal-illimar, skart tal-pressa; ta' materjal ieħor għajr ħadid fondut, azzar illigat, ħadid issaldjat jew azzar	7204 49	2 593,84	CNY/t
Granuli ta' ħadid fondut grezz, spiegeleisen, ħadid jew azzar	7205 10	10 450,71	CNY/t
Trab Tal-Ħadid Maħruq	7205 29	9 588,22	CNY/t
Ħadid imdewweb	[MHUX APPLIKABBLI] (ara l-premessa (192) tar-Regolament provviżorju)	2 715,76	CNY/t
Vireg Ta' Rinforz	7214 20	4 301,49	CNY/t
Pellets Shot Blast	7326 11	7 618,08	CNY/t
Katodi tar-Ram	7403 11	46 580,96	CNY/t

Fattur tal-Produzzjoni	Kodiċi SA	Valur mingħajr distorsjoni	Unità
Oġġetti oħra tar-ram; fondut, iffurmat, imbollat jew mikwi fil-forġa, iżda mhux maħdum aktar; esklużi ktajjen u partijiet tagħhom.	7419 91	300 346,61	CNY/t
Nikil, Mhux illigat	7502 10	106 604,34	CNY/t
Skart u ruttam ta' nikil	7503 00	695,72	CNY/t
Barijiet tan-nikil, vireg u profili tal-ligi tan-nikil	7505 12	187 405,08	CNY/t
Ingotti tal-Aluminju; Aluminju, mhux maħdum, mhux illigat	7601 10	17 191,65	CNY/t
Wajer tal-aluminju, mhux illigat	7605 11	17 484,28	CNY/t
Pjanċi, folji u strixxi tal-aluminju	7606 91	24 396,75	CNY/t
Barijiet u vireg tal-molibdenu	8102 95	887 517,09	CNY/t
Mattes ta' kobalt u prodotti oħra intermedji ta' metallurġija ta' kobalt	8105 20	195 635,71	CNY/t
Titanju Sponża	8108 20	78 477,42	CNY/t
Manganiż	8111 00	18 493,80	CNY/t
Elettrodi tal-grafit	8545 11	62 601,76	CNY/t
Ċangatura	[MHUX APPLIKABBLI] (ara l-premessa (192) tar-Regolament provviżorju)	14 033,74	CNY/t
Manodopera			
Kostijiet lavorattivi fis-settur tal-manifattura	[MHUX APPLIKABBLI]	33,88	CNY/siegħa
Enerġija			
Elettriku	[MHUX APPLIKABBLI]	0,82	CNY/kWh
Gass Naturali	[MHUX APPLIKABBLI]	2,75	CNY/m3
Ilma	[MHUX APPLIKABBLI]	68,88	CNY/m3
Argon	280 421	8,03	CNY/m3

([1]) Kif spjegat fil-premessa (192)(a) tar-Regolament provviżorju, il-Borża tal-Metall ta' Londra ntużat bħala l-bażi għal dan il-valur mingħajr distorsjoni, ikkoreġut għall-kontenut tan-nikil tal-materja prima. Peress li l-kontenut tan-nikil kien ivarja bejn il-kumpaniji inklużi fil-kampjun, il-valur preċiż mingħajr distorsjoni huwa mogħti fid-divulgazzjoni speċifika għall-kumpaniji.

3.2.2.5. Spejjeż ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti

(147) Kif ġew ikkalkolati l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u s-sors tal-SG&A u l-profitt użati fil-kalkolu tal-valur normali ġew deskritti fil-premessi (201) u (202) tar-Regolament provviżorju.

(148) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, l-STSS sostniet li bl-inklużjoni ta' ċerti fatturi ta' produzzjoni fl-ispejjeż ġenerali, kif deskritt fil-premessi (194) u (201) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u b'hekk il-kost finali tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-kumpanija indikat li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda evidenza li dawn il-fatturi ta' produzzjoni kienu distorti.

(149) Il-Kummissjoni ċaħdet Din l-affermazzjoni. L-ebda prova separata ta' distorsjoni mhija meħtieġa għall-inputs li jiġu ttrasferiti għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura. Fil-premessi (103) sa (157) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni spjegat b'mod ċar għaliex il-kostijiet kollha tal-prodott li qed jiġi investigat, inklużi l-kostijiet ta' dawk l-inputs li ġew ittrasferiti għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura huma kkunsidrati bħala distorti. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (194) tar-Regolament provviżorju, dawn l-inputs kienu negliġibbli f'termini ta' kostijiet u l-Kummissjoni ttrasferiethom għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura minħabba li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma setgħux jiddeterminaw il-volum tal-konsum fir-rekords tagħhom jew l-ebda valur referenzjarju xieraq ma seta' jiġi stabbilit fil-pajjiż rappreżentattiv.

(150) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, kemm FSS kif ukoll STSS ressqu diversi affermazzjonijiet fir-rigward tal-livell tal-kostijiet SG&A u l-profitt użati fil-kalkolu tal-valur normali.

(151) FSS sostniet li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni legali jew fattwali li l-kostijiet SG&A fiċ-Ċina huma distorti. Madankollu, kif diġà ġie spjegat fil-premessa (149) hawn fuq, l-ebda evidenza separata bħal din mhija meħtieġa għat-tipi partikolari ta' kostijiet, peress li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod ċar li jeżistu distorsjonijiet fir-rigward tal-kostijiet kollha tal-prodott li qed jiġi investigat.

(152) Il-kumpanija sostniet ukoll li l-kostijiet SG&A tal-produttur Brażiljan tal-prodott li qed jiġi investigat, użat fil-kalkolu tal-valur normali, jenħtieġ li jitnaqqsu bil-kostijiet tal-ekwità tal-kumpanija u mill-kostijiet finanzjarji tas-sussidjarji tagħha.

(153) Il-Kummissjoni kkalkulat l-kostijiet SG&A u l-profitt bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa abbażi ta' *data* disponibbli pubblikament, jiġifieri l-kontijiet awditjati ta' Aperam Inox do Sul S.A. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ma jistax jiġi konkluż li parti mill-kostijiet finanzjarji mhijiex marbuta mal-prodott li qed jiġi investigat. FSS ma pprovdiet l-ebda evidenza jew indikazzjoni li dawn il-kostijiet kienu se jkunu esaġerati. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi nnotat li t-tnaqqis ta' parti minn dawn il-kostijiet finanzjarji li jnaqqsu l-kostijiet SG&A neċessarjament iżid il-profitt kif xieraq. Konsegwentement, ir-riżultat finali ma jinbidilx.

(154) STSS indikat li filwaqt li ċerti kostijiet lavorattivi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi (eż. R&D u kostijiet lavorattivi tad-dipartiment tal-Kontroll tal-Kwalità) ġew ittrasferiti għall-kostijiet tal-manifattura, ma kien hemm l-ebda evidenza li tali kostijiet lavorattivi ma ġewx inklużi fl-SG&A tal-produttur tal-pajjiż rappreżentattiv, li setgħu wasslu għal għadd doppju ta' dawn il-kostijiet fil-kalkolu tal-valur normali.

(155) Madankollu, SSTS ma pprovdiet l-ebda evidenza li tali kostijiet kienu inklużi fil-kostijiet SG&A tal-produttur fil-pajjiż rappreżentattiv. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet l-approċċ tagħha f'dan ir-rigward.

(156) Fl-aħħar nett, FSS invokat l-Artikolu 2.2.2(iii) tal-ADA li jgħid li l-profitt għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur normali jista' jiġi stabbilit billi jintuża "*kwalunkwe metodu raġonevoli ieħor, sakemm l-ammont għal profitt b'hekk stabbilit ma jaqbiżx il-profitt normalment magħmul minn esportaturi jew produtturi oħra fuq bejgħ ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini*". Il-kumpanija indikat li l-Kummissjoni naqset milli tikkalkula tali limitu massimu fiċ-Ċina għall-profitt filwaqt li applikat għall-kalkolu tal-profitt tal-valur normali tal-kumpanija minn pajjiż rappreżentattiv fil-livell ta' 7,65 %.

(157) Bi tweġiba għal din l-affermazzjoni l-Kummissjoni fakkret li l-valur normali nħadem abbażi tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku minħabba li ddeterminat, kif spjegat fil-premessi (103) sa (157) tar-Regolament provviżorju, li ma kienx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'dak il-pajjiż. Il-kostijiet u l-prezzijiet kollha, inklużi l-profitti, li skont id-definizzjoni huma affettwati mill-kostijiet u l-prezzijiet sottostanti fil-pajjiż domestiku, huma għalhekk ikkunsidrati bħala distorti. L-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi li l-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għall-profitti. Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (98), id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huma kompletament konformi mal-obbligi internazzjonali tal-UE, inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-WTO ADA. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(158) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, il-kostijiet SG&A u l-profitt, il-Kummissjoni kkonfermat il-premessi (201) u (202) tar-Regolament provviżorju.

3.2.2.6. Kalkolu tal-valur normali

(159) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-kalkolu tal-valur normali, il-premessi (203) sa (210) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

(160) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-istabbiliment tal-prezz tal-esportazzjoni, il-premessa (211) sa (213) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.4. *Paragun*

(161) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-prodotturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika kif deskritt fil-premessi (214) sa (216) tar-Regolament provviżorju.

(162) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, l-STSS ikkontestat il-fatt li l-Kummissjoni naqqset ċerti spejjeż relatati mal-merkanzija mill-prezz tal-esportazzjoni, filwaqt li dawn l-ispejjeż ma tnaqqsux mill-kostijiet SG&A tal-produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(163) Madankollu, SSTS ma pprovdiet l-ebda evidenza li tali spejjeż kienu inklużi fil-kostijiet SG&A tal-produttur fil-pajjiż rappreżentattiv. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(164) Sabiex tikkalkula l-prezz tal-esportazzjoni għal STSS, il-Kummissjoni wettqet aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) għal dak il-bejgħ li sar permezz ta' negozjant relatat li jinsab f'pajjiż ieħor. Wara d-divulgazzjoni provviżorja, il-produttur esportatur ikkontesta dan l-aġġustament u sostna li l-produttur u n-negozjant relatat tiegħu li jinsabu f'pajjiż terz jikkostitwixxu entità ekonomika waħda, fejn in-negozjant relatat iwettaq il-funzjonijiet tad-dipartiment tal-bejgħ intern. Għaldaqstant, il-produttur esportatur talab lill-Kummissjoni biex ma twettaqx dan l-aġġustament.

(165) Il-Kummissjoni fakkret li skont il-ġurisprudenza tal-UE, entità ekonomika waħda teżisti meta produttur jafda, lil kumpanija ta' distribuzzjoni, kompiti li normalment jaqgħu taħt id-dipartiment tal-bejgħ intern, għall-prodotti tiegħu li huwa jikkontrolla ekonomikament ([16]). Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet ukoll li "l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk dan id-distributur jeżerċitax jew le l-inkarigi ta' dipartiment ta' bejgħ integrat ma' dan il-produttur" ([17]).

(166) Għaldaqstant, il-Kummissjoni analizzat l-evidenza għad-dispożizzjoni tagħha u għamlet is-sejbiet li ġejjin. L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li l-istruttura tal-kumpanija wriet l-eżistenza ta' għadd ta' kumpaniji tal-bejgħ fil-grupp, inkluż in-negozjant relatat soġġett għall-aġġustament ikkontestat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonfermat li kien hemm aktar minn kumpanija relatata waħda involuta fil-bejgħ lill-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat. Il-Kummissjoni vvalutat il-kuntratti bejn il-produttur esportatur u n-negozjant relatat inkwistjoni u identifikat ċerti dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-produttur u n-negozjant relatat li huwa diffiċli li jiġu rrikonċiljati mal-kunċett li dawk il-kumpaniji jiffurmaw entità ekonomika waħda. ([18])

(167) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li kien dipartiment ieħor, u mhux in-negozjant relatat inkwistjoni, li kien involut f'aspetti relatati mal-bejgħ. Barra minn hekk, l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni u l-liċenzja tan-negozju tan-negozjant relatat inkwistjoni kienu jinkludu ċerti dispożizzjonijiet ta' natura li ma taqax fl-ambitu tal-kompiti li normalment jiġu fdati f'idejn dipartiment tal-bejgħ intern ([19]). Barra minn hekk, il-proċess ta' negozjar bejn il-produttur u n-negozjant relatat deskritt fit-tweġiba għall-kwestjonarju, b'mod partikolari fir-rigward tat-termini tal-bejgħ ([20]), ħoloq aktar dubji serji li dawn ikunu jiffurmaw entità ekonomika waħda. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(168) Sabiex ikun żgurat li l-valur normali jiġi espress fl-istess livell ta' tassazzjoni bħall-prezz tal-esportazzjoni, il-valur normali ġie aġġustat 'il fuq b'dik il-parti tal-VAT imposta fuq l-esportazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat li ma kinitx ġiet rimborżata lill-prodotturi esportaturi Ċiniżi. Wara d-divulgazzjoni provviżorja, FSS u SSTS ikkontestaw dan l-aġġustament. Il-kumpaniji sostnew li l-aġġustament jew mhuwiex iġġustifikat affattu, peress li l-Kummissjoni mhijiex qed tuża l-prezzijiet domestiċi Ċiniżi bħala valur normali, jew l-aġġustament jenħtieġ li jsir għall-kostijiet reali tal-produzzjoni aktar milli għall-kostijiet mingħajr distorsjoni.

([16]) Il-Kawżi: C-191/09 P u C-200/09 P: Il-Kunsill u l-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP, il-punt 55.

([17]) Il-Kawża C-468/15 P: PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea; il-punt 43.

([18]) Aktar dettalji, ta' natura kunfidenzjali, huma pprovduti fid-divulgazzjoni speċifika.

([19]) Minħabba l-kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità spjegazzjonijiet aktar dettaljati huma pprovduti fid-divulgazzjoni speċifika.

([20]) Minħabba l-kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità spjegazzjonijiet aktar dettaljati huma pprovduti fid-divulgazzjoni speċifika.

(169) F'dan ir-rigward huwa nnotat li l-Kummissjoni aġġustat il-valur normali, f'konformità mas-Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-423/09 ([21]). Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(170) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar il-paragun, il-premessi (214) sa (216) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

3.2.5. *Marġnijiet tad-dumping*

(171) Kif iddettaljat fil-premessi (121) sa (170) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset uħud mill-kummenti li saru minn STSS u FSS u kkalkulat mill-ġdid il-marġnijiet tad-dumping għall-kumpaniji inkwistjoni.

(172) Il-marġni tad-dumping tal-kumpaniji Ċiniżi li kkooperaw u li ma ġewx inklużi fil-kampjun, Xiangshui Defeng Metals Co., Ltd u Fujian Dingxin Technology Co., Ltd., li huwa l-medja ponderata bejn iż-żewġ marġnijiet tad-dumping individwali għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun, ġie aġġustat kif xieraq.

(173) Il-Kummissjoni kkunsidrat il-livell għoli ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, li jirrappreżentaw 92 % tal-esportazzjonijiet totali Ċiniżi tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni, xieraq biex jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping residwu applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha (li ma kkooperawx). Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat xieraq li jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping għall-"kumpaniji l-oħra kollha" f'livell li jikkorrispondi għall-ogħla marġni tad-dumping individwali tal-kumpaniji Ċiniżi inklużi fil-kampjun, minbarra l-kumpanija li rċeviet l-Artikolu 18, kif spjegat fil-premessi (77) sa (82).

(174) Sussegwentement, il-marġnijiet tad-dumping definittivi, mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)
Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd ([1])	106,5
Fujian Fuxin Special Steel Co., Ltd	57,1
Zhenshi Group Eastern Special Steel Co., Ltd	71,7
Xiangshui Defeng Metals Co., Ltd	87,3
Fujian Dingxin Technology Co., Ltd	87,3
Kumpaniji l-oħra kollha	106,5

([1]) Il-marġni japplika għall-produtturi Ċiniżi l-oħra kollha tal-prodott li qed jiġi investigat tal-grupp TISCO kif elenkat fil-parti operattiva tar-Regolament.

(175) Il-kalkoli tal-marġnijiet tad-dumping individwali li segwew il-korrezzjonijiet u l-aġġustamenti li saru wara l-kummenti tal-produtturi esportaturi Ċiniżi wara d-divulgazzjoni provviżorja, ġew iddivulgati lill-kumpaniji inkwistjoni.

3.3. **It-Tajwan**

3.3.1. *Il-valur normali*

(176) Id-dettalji għall-kalkolu tal-valur normali huma stabbiliti fil-premessi (227) sa (237) tar-Regolament provviżorju.

(177) Fil-kummenti tiegħu għal divulgazzjoni minn qabel u divulgazzjoni provviżorja, il-grupp Yusco sostna li l-Kummissjoni injorat b'mod mhux korrett it-talba tiegħu li jingħata aġġustament għad-differenza tar-rata tal-kambju fil-kalkolu tal-proporzjon SG&A u aġġustament għar-ruttam riċiklat bħala tnaqqis fil-kost tal-materja prima. Il-Kummissjoni eżaminat dawn l-affermazzjonijiet.

([21]) Is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2011, il-kawża T-423/09, Dashiqiao vs Il-Kunsill, ECLI:EU:T:2011:764, il-punti 34 sa 50.

(178) It-talba ripetuta għal aġġustament għad-differenza tar-rata tal-kambju fil-kalkolu tal-proporzjon tal-ispejjeż SG&A ġiet miċħuda minħabba li Yusco ma setax jiġġustifika li dawn id-differenzi kienu relatati mal-bejgħ domestiku. It-talba kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali, iżda għal darb' oħra mingħajr l-ebda prova addizzjonali. Madankollu, fid-dawl tal-argumenti ġodda sottomessi, li jistgħu jiġu rrikonċiljati mal-informazzjoni pprovduta waqt il-verifika, l-aġġustament għar-ruttam riċiklat, li kien jikkonċerna kemm lil Yusco kif ukoll lill-produttur relatat tiegħu Tang Eng, ġie aċċettat. Il-kost rivedut tal-manifattura tqis fil-kalkolu rivedut tad-dumping.

(179) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni minn qabel u d-divulgazzjoni provviżorja, Walsin sostniet li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod skorrett it-talba tagħha li tingħata aġġustament għall-bejgħ ta' oġġetti konsumabbli tal-iskart, aġġustament għall-kostijiet tal-materja prima wara kontroll tal-inventarju fiżiku u aġġustament għall-kostijiet tal-ipproċessar fl-impjant tagħha ta' Taichung. Walsin ikkontestat ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twarrab, fid-determinazzjoni tal-valur normali, il-bejgħ domestiku lill-fabbriki tad-dwana u lill-portijiet marittimi, maħsub għall-esportazzjoni. Il-Kummissjoni eżaminat dawn il-pretensjonijiet.

(180) Rigward l-affermazzjoni li l-valur normali jiġi aġġustat għall-bejgħ ta' oġġetti konsumabbli tal-iskart, fid-dawl tal-kjarifiki sottomessi f'dan ir-rigward minn Walsin, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-affermazzjoni għandha bażi soda u aċċettatha għaliex Walsin uriet li dawn l-oġġetti konsumabbli tal-iskart ma setgħux jiġu introdotti mill-ġdid fil-produzzjoni u nbiegħu lill-klijenti.

(181) Fir-rigward tal-affermazzjoni li l-kost tal-materja prima jenħtieġ li jiġi aġġustat wara kontroll tal-inventarju fiżiku, il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni addizzjonali pprovduta u ddeċidiet li tikkonferma d-deċiżjoni provviżorja tagħha li tirrifjuta din it-talba għal aġġustament minħabba li l-kumpanija ma setgħetx tiġġustifika l-oriġini tad-differenzi fl-inventarju. Barra minn hekk, dawn id-differenzi ma ġewx irreġistrati fis-sistema tal-kontabbiltà tal-kostijiet, u dan l-aġġustament ma setax jitqabbel mal-bilanċ tat-tqabbil jew mar-rispons għall-kwestjonarju.

(182) Rigward l-affermazzjoni li l-kostijiet tal-ipproċessar fl-impjant ta' Taichung jiġu aġġustati billi jitnaqqas il-profitt stmat iġġenerat mill-impjant ta' Taichung, il-Kummissjoni kkunsidrat l-affermazzjoni bħala infondata. Walsin ma setgħetx turi li l-fatturazzjoni interna tagħha għall-kostijiet tal-ipproċessar tal-ittemprar u tat-tindif kienet tkopri biss il-kostijiet u ma kienet tinkludi l-ebda marġni ta' profitt u l-aġġustament mitlub ma ġiex irreġistrat fis-sistema tal-kontabbiltà tal-kostijiet tal-kumpanija.

(183) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li l-bejgħ lill-fabbriki tad-dwana u lill-portijiet marittimi jiġi inkluż fid-determinazzjoni tal-valur normali. Fil-fatt, il-kumpanija nnifisha kkunsidrat dan il-bejgħ bħala bejgħ indirett għall-esportazzjoni fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju u għalhekk dan ma ġiex irrapportat fit-tranżazzjonijiet tal-bejgħ domestiku. Wara d-divulgazzjoni provviżorja, Walsin biddlet l-opinjoni tagħha u sostniet li dan il-bejgħ jenħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala maħsub għall-konsum domestiku peress li ma kinitx taf jekk il-prodotti eventwalment ġewx ikkunsmati domestikament jew esportati. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni aktar konkreta dwar dan il-punt, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina, abbażi tal-evidenza pprovduta, jekk dan il-bejgħ ġiex ikkunsmat domestikament jew esportat. Kif previst fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-formulazzjoni "maħsub għall-konsum domestiku" mhijiex ibbażata fuq intenzjoni suġġettiva tal-bejjiegħ jew fuq il-fatt li l-produttur esportatur ma jafx jekk il-prodott jiġix sussegwentement esportat min-negozjant/mill-fabbrika tad-dwana, iżda fuq destinazzjoni oġġettiva tal-prodott, fatt oġġettiv li jista' jiġi stabbilit fi kwalunkwe ħin sakemm eventwalment tintlaħaq id-destinazzjoni finali u l-merkanzija tinbiegħ għall-finijiet ta' konsum fis-suq domestiku. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(184) Peress li ma waslet l-ebda pretensjoni oħra, il-premessi (227) sa (237) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

3.3.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(185) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-prezz tal-esportazzjoni, il-premessi (238) sa (239) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

3.3.3. *Paragun*

(186) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-paragun, il-premessi (238) sa (239) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

3.3.4. *Marġnijiet tad-dumping*

(187) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ ġie kkunsidrat bħala għoli u l-ebda produttur esportatur ieħor ma seta' jiġi identifikat. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien rappreżentattiv li l-marġni tad-dumping residwu jiġi stabbilit fil-livell tal-produttur esportatur bl-ogħla marġni tad-dumping. Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv (%)
Yieh United Steel Co. u Tang Eng Iron Works Co. Ltd	4,1
Wsin Lihwa Co.	7,5
Kumpaniji l-oħra kollha	7,5

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(188) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (246) sa (248) tar-Regolament provviżorju.

4.2. **Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni**

(189) Il-produttur esportatur Ċiniż FSS sostna li l-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien minħabba domanda ristretta u mhux minħabba l-bejgħ fis-suq ħieles, li kien jirrappreżenta sempliċement frazzjoni tal-produzzjoni totali. Skont FSS dan intwera mill-fatt li l-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedu mill-2016 għall-2017 minkejja t-tnaqqis ta' 94 000 tunnellata fil-bejgħ fis-suq ħieles.

(190) Il-produttur esportatur Ċiniż STSS sostna, fir-rigward tar-relazzjoni bejn is-suq ħieles u dak ristrett, li skont il-valutazzjoni tas-sehem mis-suq jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kien ta' 62 % fis-suq ħieles, iżda dan is-segment kien jirrappreżenta biss madwar 22 % tas-suq totali tal-Unjoni. Għalhekk, fit-78 % li jifdal tas-suq, li kien ristrett, l-industrija tal-Unjoni kellha sehem mis-suq ta' 100 %. Barra minn hekk, skont STSS, dan kellu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-uniku sehem mis-suq li, għall-kuntrarju żdied — dak tal-Indoneżja.

(191) Dawn l-affermazzjonijiet kellhom jiġu miċħuda. Kif stabbilit fil-premessi (251) u (252) tar-Regolament provviżorju, huwa biss il-bejgħ fis-suq ħieles tal-produtturi integrati vertikalment, bħall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, li huma f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet. Hija għalhekk il-prattika konsistenti tal-każijiet tal-Kummissjoni li ma tikkunsidrax il-produzzjoni u l-bejgħ ristretti f'xi indikaturi ta' dannu ta' każijiet bħal dawn, peress li s-suq ristrett huwa protett mill-importazzjonijiet. Madankollu, peress li l-prodotti kemm għas-suq ristrett kif ukoll għal dak ħieles huma prodotti fuq l-istess linji ta' produzzjoni, l-analiżi tal-produzzjoni u tal-kapaċità tal-produzzjoni jenħtieġ li tinkludi wkoll prodotti maħsuba għas-suq ristrett. Tabilħaqq, f'settur b'kapital intens bħal dak tal-azzar, ir-rati tal-użu tal-kapaċità jenħtieġ li jinżammu fl-ogħla livell tagħhom sabiex il-kostijiet fissi jiġu dilwiti u l-kostijiet tal-produzzjoni jinżammu fl-aktar livelli baxxi. Barra minn hekk, l-evoluzzjonijiet tas-sehem mis-suq ta' pajjiżi esportaturi individwali jenħtieġ li ma jiġux kkunsidrati waħedhom, peress li f'din l-investigazzjoni l-kundizzjonijiet għal valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha kkonċernati huma ssodisfati (ara t-taqsima 4.4 hawn taħt).

(192) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tad-determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (249) sa (255) tar-Regolament provviżorju.

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(193) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (256) sa (262) tar-Regolament provviżorju.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

(194) Il-produttur esportatur Ċiniż FSS sostna li l-akkumulazzjoni ta' importazzjonijiet miċ-Ċina, mill-Indoneżja u mit-Tajwan kienet inkonsistenti. Peress li din l-investigazzjoni anti-dumping saret waqt li kienet għaddejja wkoll investigazzjoni antisussidji separata li tikkonċerna l-istess prodott, il-valutazzjoni tad-dannu jenħtieġ li tkun l-istess għaż-żewġ każijiet. Madankollu, it-Tajwan ma kienx fost il-pajjiżi kkonċernati fl-investigazzjoni antisussidji separata. Għalhekk, kwalunkwe valutazzjoni kumulattiva f'din l-investigazzjoni anti-dumping, inklużi l-importazzjonijiet mit-Tajwan, tispiċċa biex sussegwentement tkun f'kunflitt mal-valutazzjoni kumulattiva f'dik l-investigazzjoni antisussidji jekk l-importazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Indoneżja jiġu kumulati iżda l-importazzjonijiet mit-Tajwan ma jiġux. Barra minn hekk, FSS sostniet li l-akkumulazzjoni ta' importazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Indoneżja ma kinitx iġġustifikata. Filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu, l-importazzjonijiet Indoneżjani żdiedu, u dan allegatament wera li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kinux jikkompetu mal-importazzjonijiet Indoneżjani. Barra minn hekk, fl-2017, meta l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu l-ogħla fil-volum b'sehem mis-suq ta' 21 % u l-importazzjonijiet Indoneżjani kienu nieqsa mis-suq, l-industrija tal-Unjoni kellha l-aħjar sena tagħha kif muri mid-*data* dwar il-bejgħ u l-profittabbiltà. Dawn l-affermazzjonijiet kellhom jiġu miċħuda.

(195) L-ewwel nett, ma hemm l-ebda inkonsistenza fil-fatt li f'din l-investigazzjoni l-importazzjonijiet minn tliet pajjiżi, jiġifieri ċ-Ċina, l-Indoneżja u t-Tajwan huma vvalutati b'mod kumulattiv filwaqt li fl-investigazzjoni antisussidji separata, l-importazzjonijiet minn tnejn biss minn dawn il-pajjiżi, jiġifieri ċ-Ċina u l-Indoneżja, huma vvalutati b'mod kumulattiv. Kull każ huwa vvalutat skont il-merti tiegħu. Fiż-żewġ każijiet, il-kundizzjonijiet legali għal valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet huma ssodisfati.

(196) It-tieni, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati jiġu vvalutati b'mod kumulattiv f'din l-investigazzjoni anti-dumping, huwa mfakkar li l-importazzjonijiet minn kull wieħed minn dawn it-tliet pajjiżi żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (269) tar-Regolament provviżorju, anke jekk l-iżvilupp tal-importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien differenti mill-iżvilupp tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja, il-kundizzjonijiet ta' valutazzjoni kumulattiva skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku huma ssodisfati.

(197) Il-produttur esportatur Ċiniż STSS sostna li l-akkumulazzjoni tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, mill-Indoneżja u mit-Tajwan ma kinitx iġġustifikata minħabba li jeżistu kundizzjonijiet differenti ta' kompetizzjoni bejn iċ-Ċina u t-Tajwan minn naħa, u l-Indoneżja min-naħa l-oħra. Filwaqt li l-Indoneżja għandha aċċess dirett għan-nikil, waħda mill-materji primi ewlenin meħtieġa biex jiġi prodott l-azzar inossidabbli, iċ-Ċina u t-Tajwan kellhom jiddependu mill-importazzjonijiet, li kienu inqas disponibbli minn qabel minħabba projbizzjoni fuq l-esportazzjoni Indoneżjana. Din l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda. Aċċess simili għall-materja prima mhuwiex fost il-kundizzjonijiet għal valutazzjoni kumulattiva kif stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Fejn l-esportaturi f'pajjiżi differenti jistgħu jiffaċċjaw kundizzjonijiet differenti għall-provvista ta' inputs (bħal materja prima jew riżorsi umani), dawn xorta jistgħu jikkompetu ma' xulxin għall-istess destinazzjonijiet ta' bejgħ fuq in-naħa tal-output. Dan huwa l-każ hawnhekk, kif jidher mill-fatt li f'dan il-każ utent importanti li kkoopera importa volumi sinifikanti miċ-Ċina, mill-Indoneżja u mit-Tajwan.

(198) Il-produttur esportatur STSS sostna wkoll li kemm il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu fl-istess ħin, jiġifieri fl-2017. Bl-istess mod, ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni bejn il-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Iż-żieda żgħira fl-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (+ 28 000 tunnellata) setgħet matematikament ma kkawżatx it-tnaqqis, li kien erba' darbiet aktar, fil-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq miftuħ (– 116 000 tunnellata). Barra minn hekk, fil-perjodu ta' investigazzjoni l-importazzjonijiet Ċiniżi ammontaw għal 4,6 % biss tal-konsum totali tal-Unjoni.

(199) Dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda. Kif stabbilit fil-premessi (263) sa (270) tar-Regolament provviżorju, l-importazzjonijiet Ċiniżi jenħtieġ li ma jiġux ivvalutati waħedhom iżda f'kumulazzjoni mal-importazzjonijiet mill-Indoneżja u mit-Tajwan. L-importazzjonijiet kumulati mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'147 000 tunnellata, li b'mod ċar jaqbżu l-116 000 tunnellata ta' telf mill-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq miksub mill-importazzjonijiet Ċiniżi fil-perjodu ta' investigazzjoni, b'riżultat tad-dumping dannuż ipprattikat, ammonta għal 18,3 %, jiġifieri mhux 4,6 %, li kien ikun is-sehem mis-suq Ċiniż li kieku l-volum tas-suq ristrett jiġi miżjud mas-suq tal-Unjoni għal din l-investigazzjoni.

(200) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-premessi (263) sa (270) tar-Regolament provviżorju.

4.4.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(201) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment fir-rigward tal-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet kollha stabbiliti fil-premessi (271) sa (277) tar-Regolament provviżorju.

4.5. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Rimarki ġenerali*

(202) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (278) sa (282) tar-Regolament provviżorju.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(203) B'referenza għat-tabella 7 tar-Regolament provviżorju, il-GTI ddikjara li ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni mill-industrija tal-Unjoni wriet li l-industrija kienet f'forma eċċellenti. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Il-Kummissjoni tinnota li l-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li jappoġġja l-konklużjoni li l-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet prattikament stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (il-premessa (284) tar-Regolament provviżorju). L-affermazzjoni kienet għalhekk meqjusa bħala infondata.

(204) B'referenza għat-tabella 8 tar-Regolament provviżorju, STSS indikat it-tnaqqis fl-użu ristrett u fil-volumi ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni, li hija attribwiet għat-tnaqqis fis-suq ristrett li huwa kbir b'mod sproporzjonat. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Il-Kummissjoni nnotat li ma hemm l-ebda rabta bejn l-evoluzzjoni tal-volumi fis-swieq ħielsa u dawk ristretti, b'mod partikolari billi, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda topera b'kapaċità tal-produzzjoni żejda ta' aktar minn 30 %. Barra minn hekk, l-allegazzjoni ta' STSS tidher fattwalment difettuża minħabba li l-evoluzzjoni fis-suq ristrett kienet stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (it-tabella 9 u l-premessi (290) sa (292) tar-Regolament provviżorju), filwaqt li l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem importanti (9,3 punti perċentwali) mis-suq ħieles matul l-istess perjodu.

(205) Il-GTI nnota, b'referenza għat-tabella 10 tar-Regolament provviżorju, li t-tnaqqis fil-produttività kien ikkawżat minn żieda fl-impjiegi. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Madankollu, wieħed ma jistax jiddeduċi li dan it-tnaqqis fil-produttività, anke jekk ikkawżat minn żieda żgħira fl-impjiegi ta' 4 % biss matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, kien responsabbli għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Id-dannu materjali mġarrab intwera minn indikaturi oħra kif stabbilit fil-premessi (307) sa (310) tar-Regolament provviżorju. Il-Kummissjoni tfakkar li skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-ebda fattur jew fatturi minn dawn ma jistgħu neċessarjament jagħtu gwida deċiżiva.

(206) Il-GTI afferma, b'referenza għat-tabella 14 tar-Regolament provviżorju, li l-effett tal-"bejgħ ristrett" li sar mill-produtturi tal-Unjoni kien nieqes fil-valutazzjoni tal-profittabbiltà. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Il-Kummissjoni tfakkar li, f'konformità mal-prattika konsistenti tal-każijiet, fejn industrija hija involuta fil-produzzjoni għal bejgħ fis-suq ħieles u fil-produzzjoni għal użu ristrett, għall-finijiet ta' valutazzjoni ta' diversi fatturi ta' dannu, dawn tal-aħħar huma esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni. Dan kien diġà spjegata kif xieraq fil-premessi (254) u (255) tar-Regolament provviżorju.

(207) Il-GTI ddikjara wkoll li s-sehem tal-bejgħ fis-suq ħieles li sar mill-industrija tal-Unjoni kien żgħir wisq (20 % tal-bejgħ totali tal-Unjoni), meta mqabbel mal-konsum ristrett, biex jaffettwa s-sitwazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk ma kienx hemm dannu. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Kif diġà ssemma fil-premessa (191) hawn fuq, il-Kummissjoni tfakkar li f'konformità mal-prattika konsistenti tal-każijiet, fejn industrija tkun involuta b'mod ugwali fil-bejgħ fis-suq ħieles u fl-użu ristrett, għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' dannu, dawn tal-aħħar huma esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni. Għall-indikaturi ekonomiċi li ġejjin u li huma relatati mal-industrija tal-Unjoni, instab li analiżi valida u evalwazzjoni kellhom jiffukaw fuq is-sitwazzjoni prevalenti fis-suq ħieles: il-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, is-sehem mis-suq u l-profittabbiltà; Fejn kien possibbli u ġustifikat, dawn is-sejbiet ġew imqabbla mad-*data* tas-suq vinkolanti, sabiex jipprovdu stampa sħiħa tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(208) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-indikaturi makroekonomiċi, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (283) sa (296) tar-Regolament provviżorju.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

(209) Il-produttur esportatur Ċiniż FSS sostna li l-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha fuq analiżi minn tarf sa tarf mingħajr ma vvalutat l-iżviluppi pożittivi fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-prezzijiet tal-bejgħ sal-2018, jiġifieri fuq l-akbar parti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u billi injorat li t-tnaqqis fil-bejgħ seħħ meta l-industrija tal-Unjoni kienet fl-aktar sitwazzjoni profittabbli. Skont FSS, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża s-sejbiet tad-dannu tagħha fuq it-tnaqqis ta' 4 % fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mat-tnaqqis ta' 2 % fil-kostijiet matul l-istess perjodu. Fi kliem ieħor, sejba ta' dannu materjali ma tistax tiġi sostnuta fuq it-tnaqqis nett ta' 2 % fil-prezzijiet f'perjodu iżolat (il-perjodu ta' investigazzjoni). Barra minn hekk, FSS invoka li, mill-2018 sal-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tbiegħ bil-kumditàʼl fuq mill-kost tal-produzzjoni tagħha. Din l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda. Il-Kummissjoni taqbel li mill-2016 sal-2018 il-prezzijiet u l-kostijiet żviluppaw b'mod parallel, kif muri b'żieda ta' 22 % kull wieħed, iżda dan ma baqax japplika bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-prezzijiet waqgħu b'5 punti perċentwali iżda l-kostijiet waqgħu b'2 punti perċentwali biss. Is-suq tal-SSHR huwa sensittiv ħafna għall-prezz u, minħabba ż-żieda qawwija ulterjuri ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx, l-Unjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li ma tqisx b'mod sħiħ iż-żieda fil-kostijiet meta tistabbilixxi l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha. Dan issarraf f'deterjorament qawwi tal-indikaturi finanzjarji tagħha, inkluż tnaqqis fil-profitti minn 5,1 % għal 3,5 %, kif muri fit-tabella 14 tar-Regolament provviżorju.

(210) Il-produttur esportatur Ċiniż FSS sostna li l-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kellu l-aktar żieda sinifikanti bejn l-2016 u l-2017. Fl-istess perjodu, kien hemm l-ogħla żieda fil-volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u d-differenza fil-prezz bejn dawn l-importazzjonijiet u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienet ta' madwar EUR 200 għal kull tunnellata, bħalma kienet fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, mill-2016 sal-2017 l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha b'19 % u tgħaddi ż-żieda sħiħa fil-kostijiet fuq il-klijenti tagħha. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Mill-2016 sal-2017, mhux il-produtturi tal-Unjoni biss iżda wkoll il-produtturi fil-pajjiżi tal-esportazzjoni żiedu l-prezzijiet tagħhom, b'mod partikolari b'21 % jew b'EUR 316 għal kull tunnellata (ara t-tabella 6 tar-Regolament provviżorju). Dan juri li f'ambjent tas-suq ikkaratterizzat mill-inqas minn domanda stabbli, il-produtturi tal-Unjoni setgħu biss jibbenefikaw parzjalment minn din ix-xejra għaliex kienu diġà taħt pressjoni mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba din il-pressjoni u biex jinżammu l-livelli ta' profittabbiltà, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq konsiderevoli għall-benefiċċju tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati mill-2016 sal-2017.

(211) Il-produtturi esportaturi Ċiniżi FSS u STSS sostnew li, filwaqt li fil-perjodu ta' investigazzjoni l-industrija tal-Unjoni sostniet li kellha profitti ferm aktar baxxi milli fl-2016, l-investimenti tagħhom kienu 57 % ogħla milli fl-2016. Dan il-punt kien diġà ġie indirizzat fil-premessa (306) tar-Regolament provviżorju. Il-Kummissjoni tfakkar li ż-żieda fil-livelli ta' investiment ma ssarfitx f'żidiet fil-kapaċità korrispondenti (ara t-tabella 7 tar-Regolament provviżorju). Sussegwentement, l-investimenti kellhom biss l-għan li jżommu l-kapaċitajiet eżistenti u li jagħmlu s-sostituzzjonijiet li kien wasal żmienhom ta' assi meħtieġa ta' produzzjoni.

(212) B'referenza għat-tabella 11 tar-Regolament provviżorju, STSS sostniet li t-tnaqqis minuri fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni jkollu jitqies b'rabta ma' żieda f'daqqa fl-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Indoneżja. Il-Kummissjoni tfakkar li l-kundizzjonijiet għal valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet mit-tliet pajjiżi kkonċernati kollha ġew issodisfati, u għalhekk l-importazzjonijiet minn pajjiż wieħed ma jistgħux jitqiesu separatament mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kkonċernati.

(213) B'referenza għat-tabella 13 tar-Regolament provviżorju, il-GTI sostna li t-tnaqqis fl-inventarju bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni indika prestazzjoni ta' bejgħ pożittiv tal-industrija tal-Unjoni. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Il-bejgħ fis-suq ħieles tal-Unjoni naqas bi 13 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, kif muri fit-tabella 8 tar-Regolament provviżorju. It-tnaqqis żgħir fl-inventarju f'dak il-perjodu, kif iddikjarat mill-Indoneżja, ma kienx rappreżentattiv u mhuwiex biżżejjed biex jitqajjem dubju dwar ix-xejra osservata tal-bejgħ.

(214) Il-GTI sostna, b'referenza għat-tabella 14 tar-Regolament provviżorju, li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mil-livell għoli ta' investimenti fl-2017, li kkostitwixxa piż finanzjarju fil-perjodu ta' wara, fl-2018 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. L-investimenti huma tipikament iffinanzjati minn flus mfaddla jew minn self. F'termini ta' kostijiet u l-impatt fuq il-profitti, dawn l-investimenti huma deprezzati fuq perjodu twil ta' mill-inqas ħames snin. B'konsegwenza ta' dan, tnaqqis fil-profitt ta' aktar minn EUR 50 miljun, kif ġie osservat mill-2017 sal-2018, jew

saħansitra aktar minn EUR 80 miljun, kif seħħ bejn l-2017 u t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni, ma jistax jiġi attribwit lill-investimenti li saru fl-2017, li kienu jammontaw għal total ta' EUR 48 miljun iżda li ġew deprezzati fuq perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

(215) Il-produttur esportatur Ċiniż STSS sostna li l-użu tal-kapaċità ta' madwar 70 % ma kienx sinjal ta' dannu, peress li dan kien simili għall-kapaċità medja kumplessiva stabbilita fil-kategoriji kollha tal-azzar fl-investigazzjoni ta' salvagwardja tal-azzar. Din l-affermazzjoni miċħuda. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tindika li r-rata tal-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqset matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni minn 69 % għal 66 %. It-tieni, l-investigazzjonijiet anti-dumping u ta' salvagwardja huma soġġetti għal oqfsa legali differenti. Għalhekk, l-ebda osservazzjoni jew konklużjoni magħmula f'investigazzjoni ta' salvagwardja ma tista' tiġi trasposta f'investigazzjoni anti-dumping. Il-Kummissjoni trid tivvaluta l-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, u filwaqt li l-ebda indikatur jew indikaturi ma jistgħu neċessarjament jagħtu gwida deċiżiva, fl-investigazzjoni attwali l-evoluzzjoni kif ukoll il-livell tal-użu tal-kapaċità jindikaw dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(216) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-indikaturi mikroekonomiċi, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (297) sa (306) tar-Regolament provviżorju.

4.5.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(217) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-konklużjoni dwar id-dannu, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (307) sa (310) tar-Regolament provviżorju.

5. KAWŻALITÀ

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(218) B'referenza għall-affermazzjoni msemmija fil-premessa (189) hawn fuq, il-produttur esportatur FSS sostna li t-tnaqqis fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (–94 000 MT) u fis-sehem mis-suq (– 7,3 %) kien l-aktar evidenti fl-2017. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx ħsara f'dik is-sena iżda għamlet profitti eċċezzjonali. Fil-fehma ta' FSS kien minħabba l-irtirar volontarju tal-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni mis-suq ħieles tal-Unjoni (motivat minn enfasi akbar fuq id-downstream) li l-importazzjonijiet inkwistjoni żdiedu. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Ma jistax jingħad li l-industrija tal-Unjoni kienet taħt xi pressjoni biex iżżomm il-bejgħ mis-suq ħieles. B'kuntrast ma' dan, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni kellha biżżejjed kapaċitajiet ta' riżerva biex tbigħ kwantitajiet akbar fis-suq ħieles milli fil-fatt għamlet (ara l-premessi (283) sa (285) u t-tabella 7 tar-Regolament provviżorju).

(219) B'referenza għat-tabella 7 tar-Regolament provviżorju, il-GTI sostna li ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ma kellha l-ebda effett sinifikanti fuq il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni peress li din naqset bi 3 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni biss. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Il-Kummissjoni tinnota li tnaqqis ta' 3 % mhuwiex insinifikanti għalkemm fatturi oħra ta' dannu wrew xejra saħansitra aktar deterjoranti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u f'dan ir-rigward tirreferi għall-premessi (307) sa (311) tar-Regolament provviżorju.

(220) B'referenza għat-tabella 8 tar-Regolament provviżorju, il-GTI sostna li l-bejgħ fis-suq ħieles tal-industrija tal-Unjoni stabbilizza ruħu wara l-2017 u żdied mill-2018 sal-perjodu ta' investigazzjoni, li juri li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat ma kellhom l-ebda impatt fuq il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Il-Kummissjoni tinnota li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 71,2 % għal 63,9 % bejn l-2016 u l-2017, u li t-tnaqqis bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni minn 63,9 % għal 61,9 % kien inqas qawwi. Għalkemm it-tnaqqis kumplessiv kien tabilħaqq aktar importanti fl-ewwel parti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ma jistax jingħad li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni reġa' lura għal livell tajjeb, peress li b'mod kumplessiv kien hemm tnaqqis minn 71,2 % għal 61,9 %. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(221) Il-produtturi esportaturi Ċiniżi FSS u STSS sostnew li l-importazzjonijiet miċ-Ċina ma kkawżawx dannu lill-produtturi tal-Unjoni iżda l-importazzjonijiet mill-Indoneżja għamlu dan. Huma argumentaw li l-profitti tal-produtturi tal-Unjoni ma kinux affettwati mill-importazzjonijiet Ċiniżi, minħabba li l-profitt naqas minn 10,2 % għal 5,1 % bejn l-2017 u l-2018, li kkoinċida maż-żieda f'daqqa fl-importazzjonijiet mill-Indoneżja, filwaqt li fl-istess perjodu l-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu. Dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda. Kif stabbilit fil-premessi (263) sa (270) tar-Regolament provviżorju, il-kundizzjonijiet għal valutazzjoni kumulattiva ġew issodisfati. Għalhekk l-importazzjonijiet miċ-Ċina ma jistgħux jitqiesu separatament mill-importazzjonijiet mill-Indoneżja, jew mit-Tajwan.

(222) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-attribuzzjoni tad-dannu li nstab li ġie kkawżat lill-importazzjonijiet fil-mira, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessa (312) tar-Regolament provviżorju.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħra**

(223) B'referenza għat-tabella 11 tar-Regolament provviżorju, l-STSS sostniet li l-kost tal-produzzjoni mġarrab mill-industrija tal-Unjoni żdied b'20 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li allegat li din iż-żieda kienet responsabbli għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Fil-premessa (319) tar-Regolament provviżorju, diġà ġie spjegat li, f'xi punt, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx għadha kapaċi tgħaddi ż-żieda kumplessiva fil-kostijiet tal-materja prima għall-prezzijiet tal-bejgħ tagħha minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Għalhekk, dak li kkawża d-dannu ma kienx iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni bħala tali, iżda l-inkapaċità li dan jiġi ttrasferit minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(224) Il-GTI ddikjara li l-iżvilupp tas-suq ristrett ikkawża dannu, u mhux l-iżvilupp tas-suq ħieles. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. L-iżvilupp tas-suq ristrett ma naqqasx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-bejgħ fis-suq ħieles naqas bi 13 % (– 150 000 tunnellata) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni filwaqt li l-konsum ristrett kien relattivament stabbli (–20 000 tunnellata).

(225) Il-GTI qal ukoll li l-Kummissjoni ma indirizzatx il-prezzijiet interni tal-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni, għax dawn kellhom jikkawżaw id-dannu. L-istess affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bejgħ intern ma sarx fuq bażi ta' distakkament u għalhekk ma ġiex ikkunsidrat għall-finijiet ta' valutazzjoni tad-dannu.

(226) Il-produttur esportatur STSS sostna li, wara l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, huwa probabbli li jfeġġu sorsi differenti ta' importazzjonijiet, pereżempju r-Repubblika tal-Korea. Madankollu, minħabba li l-prezzijiet medji tal-importazzjoni mir-Repubblika tal-Korea kienu ferm aktar baxxi b'mod kostanti minn dawk miċ-Ċina, il-produtturi tal-Unjoni se jġarrbu dannu saħansitra akbar minn dawn l-importazzjonijiet, aktar milli mill-importazzjonijiet miċ-Ċina. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. L-ewwel nett, ma hemmx biżżejjed evidenza ta' dumping dannuż fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet li, kif uriet din l-investigazzjoni, huma differenti fir-rigward tal-importazzjonijiet miċ-Ċina. It-tieni, għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjoni medji tal-SSHR miċ-Ċina kienu ogħla mill-prezzijiet mir-Repubblika tal-Korea matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-importazzjonijiet Ċiniżi xorta waħda waqqgħu b'mod kostanti l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Dawn il-kalkoli ta' twaqqigħ tal-prezzijiet, li ma ġew ikkontestati minn l-ebda parti interessata, saru permezz ta' tqabbil ta' tipi ta' prodotti simili li ma jistgħux isiru fuq il-bażi tad-*data* statistika fil-Eurostat — u l-prezzijiet tal-Korea t'Isfel imsemmija huma l-prezzijiet tal-Eurostat. It-tielet, id-dannu kien ikkawżat ukoll mill-importazzjonijiet Ċiniżi minħabba l-volum tagħhom, li żdied b'14 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni filwaqt li l-volum ta' importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea naqas b'49 % matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien madwar tliet darbiet ogħla fl-2016 u madwar seba' darbiet ogħla fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-volum ta' importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea.

(227) Il-produttur esportatur STSS tenna li l-kapaċità żejda fl-Unjoni kienet kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (322) tar-Regolament provviżorju.

(228) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-attribuzzjoni tad-dannu li nstab li ġie kkawżat lill-fatturi għajr l-importazzjonijiet fil-mira, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (319) sa (325) tar-Regolament provviżorju.

5.2.1. *Konklużjoni*

(229) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda wieħed mill-fatturi l-oħra eżaminati fl-istadju provviżorju kif ukoll fl-istadju definittiv ma seta' jkollu xi impatt rilevanti fuq is-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-ebda wieħed mill-fatturi, analizzati individwalment jew kollettivament, ma naqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fis-sens li tali rabta ma tibqax aktar ġenwina u sostanzjali, u tikkonferma l-konklużjoni fil-premessi (326) sa (327) tar-Regolament provviżorju.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

6.1. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni għat-Tajwan**

(230) L-esportatur Ċiniż FSS sostna li l-prezz indikattiv ikkalkulat għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-marġnijiet tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' żdied b'sussidji li rċevew il-produtturi tal-Unjoni. Minħabba s-sussidji riċevuti, ma kien hemm l-ebda raġuni biex jiżdied ammont għal kostijiet futuri tal-konformità. Bl-istess mod, l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp u l-kostijiet lavorattivi jenħtieġ li jitnaqqsu sal-limitu tas-sussidji riċevuti fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fin-nuqqas ta' dan, jingħata benefiċċju doppju lill-kumpaniji inklużi fil-kampjun.

(231) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. L-ewwel nett, dan ma ġiex issostanzjat minn evidenza xierqa. It-tieni, ma hemm l-ebda għadd doppju minħabba li l-kost ivverifikat tad-*data* tal-produzzjoni għall-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni diġà iqis kwalunkwe sussidju li jirċievu l-produtturi tal-Unjoni kif ukoll il-kostijiet ta' konformità attwali tagħhom, filwaqt li kwalunkwe żieda tikkonċerna biss il-kostijiet futuri tal-konformità fis-sens tal-Artikolu 7 (2d) tar-Regolament bażiku, li se jiġġarrbu f'perjodu ta' żmien differenti. F'konformità ma' dan, il-Kummissjoni naqqset, fejn meħtieġ, il-kostijiet attwali li diġà ttieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tasal għall-kostijiet futuri.

(232) Wara d-divulgazzjoni provviżorja u għal darb'oħra wara d-divulgazzjoni finali, bosta partijiet qajmu dubju dwar l-applikazzjoni ta' profitt fil-mira ta' 8,7 %, li kien il-medja tal-marġnijiet ta' profitt miksuba mill-industrija tal-Unjoni fl-2016 (7,2%) u l-2017 (10,2%). Il-partijiet argumentaw b'mod partikolari li l-Kummissjoni ddikjarat li l-2017 kienet sena eċċezzjonali għall-industrija tal-Unjoni u għalhekk il-profittabbiltà ta' dik is-sena x'aktarx li kienet se tonqos. L-istess kien iddikjarat fir-Regolament li jimponi miżuri ta' salvagwardja definittivi fuq il-prodotti tal-azzar. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fl-2017 kien diġà ta' 25 % filwaqt li fl-2016 is-sehem mis-suq ta' dawk l-importazzjonijiet kien konsiderevolment aktar baxx milli fl-2017 (18,3 %). Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża biss marġni ta' profitt ta' 6 %, jew il-marġni ta' profitt li ntlaħaq fl-2016 minflok. B'kuntrast ma' dan, Eurofer stipulat li fl-2017 l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem sinifikanti tas-suq (7,3 punti perċentwali) meta mqabbel mal-2016 fid-dawl tal-livell ogħla ta' importazzjonijiet, u li għalhekk il-profittabbiltà ta' 10,2 % miksuba f'dik is-sena ma kinitx eċċezzjonalment għolja u għandha tintuża bħala profitt fil-mira.

(233) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-użu ta' profitt fil-mira ta' 8,7 % huwa ġġustifikat għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (331) tar-Regolament provviżorju. Kif previst fl-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, il-profitt fil-mira użat għandu jiġi stabbilit filwaqt li jitqiesu fatturi bħalma huma l-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ biex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Minkejja li l-importazzjonijiet mir-RPĊ u mit-Tajwan kienu diġà preżenti b'mod ċar, fl-2017 l-importazzjonijiet mill-Indoneżja kienu għadhom f'livell baxx ħafna ([22]) u, għalhekk, iċ-ċifra tal-profitt tal-2017 tirrifletti l-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha kkonċernati. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq kombinat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien ta' 25 % fl-2017, li tabilħaqq huwa diġà sinifikanti, u għalhekk il-marġni ta' profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni f'dik is-sena x'aktarx li naqas, li jista' jagħmilha sena mhux xierqa biex tiġi stabbilita mira xierqa ta' profitt. Madankollu, kif spjegat fil-premessa

([22]) L-Indoneżja kellha sehem mis-suq ta' 0,0014 % fl-2017 iżda sehem mis-suq ta' 3,7 % fl-2018.

(331) tar-Regolament provviżorju, l-2017 kienet sena eċċezzjonali u għalhekk anki jekk il-marġni ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni kien inqas, dan kien għadu f'livell għoli biżżejjed, anki jekk ikun ġej minn sena li ma tirriflettix kompletament il-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonferma li l-inklużjoni tal-2017 fl-ekwazzjoni u l-istabbiliment tal-profitt fil-mira abbażi ta' medja tal-profitti tal-2016 u l-2017 huma konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

(234) Barra minn hekk, Marcegaglia wara d-divulgazzjoni finali afferma li l-Kummissjoni kien missha stabbilit l-prezz fil-mira tal-SSHR iswed abbażi ta' profitt fil-mira aktar baxx li jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi tal-SSHR nofsu lest minflok l-SSHR abjad lest.

(235) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Kif previst fil-premessa (30) hawn fuq u fil-premessa (46) tar-Regolament provviżorju, il-kojls suwed u bojod għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u għalhekk it-tnejn huma kkunsidrati bħala l-prodott ikkonċernat. Il-profitt fil-mira użat mill-Kummissjoni huwa għalhekk ibbażat fuq *data* tal-profitt għat-tnejn li huma u għalhekk jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi tal-SSHR iswed nofsu lest minflok l-SSHR abjad lest.

(236) Eurofer sostniet li l-marġnijiet tad-dannu stabbiliti fir-Regolament provviżorju kienu sottovalutati. Speċifikament, Eurofer ippreżentat evidenza ġdida li tista' tiġġustifika żieda fl-aġġustamenti magħmula skont l-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku, b'referenza għall-premessi (332) u (333) tar-Regolament provviżorju. Dawn l-affermazzjonijiet ġew aċċettati parzjalment. Bħala riżultat, l-aġġustamenti ġew ikkoreġuti 'l fuq fir-rigward tal-investimenti mitlufa (l-Artikolu 7(2c)) għal produttur wieħed tal-Unjoni, u wkoll fir-rigward tal-kostijiet futuri tal-konformità (l-Artikolu 7(2d)) għal żewġ produtturi tal-Unjoni. Wara d-divulgazzjoni finali, ġew imtennija żewġ affermazzjonijiet fir-rigward ta' wieħed mill-produtturi fil-kampjun iżda ma setgħux jiġu aċċettati aktar aġġustamenti.

(237) Wara d-divulgazzjoni finali, Eurofer tenniet l-affermazzjoni tagħha li l-aġġustamenti għall-prezz fil-mira tal-industrija tal-Unjoni li saru mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku kinux biżżejjed. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tibqa' flessibbli u tippermetti lill-kumpaniji jippreżentaw evidenza addizzjonali li ssostni l-affermazzjonijiet tagħhom, anke wara verifiki fuq il-post meta tali informazzjoni ma tkunx tista' tiġi verifikata aktar.

(238) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Il-maġġoranza ta' dawk l-affermazzjonijiet (eskluži l-affermazzjonijiet li nstabu li huma ġġustifikati u aċċettati parzjalment u li għalihom ingħata aġġustament, kif spjegat fil-premessa (236) hawn fuq), tqajmu għall-ewwel darba biss wara d-divulgazzjoni proviżorja, billi l-produtturi fil-kampjun ma kinux wieġbu għall-mistoqsijiet rilevanti fil-kwestjonarju, u lanqas ma qajmu tali affermazzjonijiet matul il-verifiki fuq il-post, u ma ġiet ipprovduta l-ebda raġuni oġġettiva għan-nuqqas ta' kapaċità li din l-informazzjoni tiġi sottomessa fil-ħin. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li s-sottomissjoni tardiva ħafna ta' informazzjoni mill-produtturi fil-kampjun, li tikkonsisti f'ħafna każijiet f'ċifri kompletament ġodda u affermazzjonijiet li kienu impossibbli li jiġu vverifikati f'dak l-istadju tal-investigazzjoni, ma kinitx ġustifikata.

(239) Fir-rigward tal-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku dwar il-kostijiet soċjali u ambjentali futuri, Eurofer akkużat lill-Kummissjoni li adottat approċċ diskriminatorju kontra l-industrija tal-Unjoni, peress li l-Kummissjoni rrifjutat li testrapola *data* minn produttur fil-kampjun u li tapplikah għaż-żewġ produtturi l-oħra inklużi fil-kampjun, filwaqt li l-Kummissjoni kienet ikkalkulat marġni ta' dumping individwali għall-produttur esportatur Ċiniż Zhenshi billi użat l-informazzjoni disponibbli minn produtturi esportaturi oħra fir-RPĊ.

(240) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. L-Eurofer qed tirreferi għal żewġ sitwazzjonijiet differenti — il-kalkolu tal-marġni tad-dumping tal-produttur esportatur skont il-qafas tal-Artikolu 18(3) u l-kalkolu ta' prezz indikattiv individwali speċifiku għall-kumpaniji — u għalhekk mhumiex komparabbli. Kif spjegat fil-premessi (87) sa (92) hawn fuq, il-kalkolu tal-valur normali ta' Zhenshi f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku bl-użu ta' fatti disponibbli biss għal xi *data*, filwaqt li fir-rigward tal-prezz indikattiv tal-produtturi tal-Unjoni ma kienx hemm kwistjoni ta' nuqqas ta' kooperazzjoni u l-Kummissjoni kellha l-fatti kollha biex tistabbilixxi s-sejbiet tagħha. Barra minn hekk, l-investimenti ambjentali futuri u l-kostijiet operattivi inkwistjoni hawnhekk kienu ta' natura speċifika għal kull kumpanija, u b'hekk għamlu kwalunkwe estrapolazzjoni lejn kumpaniji l-oħra fil-kampjun mhux adegwata.

(241) Eurofer sostniet ukoll li s-sitwazzjoni ta' dannu kompliet taggrava wara t-30 ta' Ġunju 2019, jiġifieri wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni, u li l-Kummissjoni jenħtieġ li tqis dan l-aggravament meta tiddeċiedi dwar il-livell ta' miżuri definittivi. F'dan ir-rigward, Eurofer irreferiet għall-Artikoli 14(5), 9(4) u 7(2c) u (2d) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni nnotat li l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2c) u (2d) ingħataw kif stabbilit fil-premessa (236) **Error! No bookmark name given.**hawn fuq u fil-premessa (330) sa (334) tar-Regolament provviżorju. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet ġew irreġistrati iżda l-kundizzjonijiet għal ġbir retroattiv ma ġewx issodisfati (ara l-premessi (321)

sa (325)). Minbarra dan, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda *żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet soġġetti għall-investigazzjoni matul il-perjodu ta' divulgazzjoni minn qabel* fid-dawl tal-Artikolu 9(4), li li kieku seħħew kienu jitolbu li jiġi rifless id-dannu addizzjonali li jirriżulta mit-tali żieda fid-determinazzjoni tal-marġni tad-dannu. L-affermazzjoni għalhekk ġiet ikkunsidrata bħala bla bażi.

(242) Fid-dawl tal-bidliet ta' hawn fuq għall-kalkoli tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' u l-bidliet fil-marġnijiet tad-dumping imsemmija fil-premessi (178) u (180) hawn fuq, it-tabella fil-premessa (336) tar-Regolament provviżorju hija aġġornata kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Il-marġni tad-dumping (%)	Marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' (%)
It-Tajwan	Yieh United Steel Co. u Tang Eng Iron Works Co. Ltd.	4,1	24,2
It-Tajwan	Wsin Lihwa Co.	7,5	18,4
It-Tajwan	Kumpaniji l-oħra kollha	7,5	24,2

(243) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni għat-Tajwan, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (330) sa (336) tar-Regolament provviżorju.

6.2. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-Indoneżja u mir-RPĊ**

6.2.1. *Bejgħ bil-prezz imwaqqa' u l-paragun bejn il-marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' u l-marġni tad-dumping*

(244) B'referenza għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2019 fil-kawża T-301/16 Jindal Saw Ltd u Jindal Saw Italia S.p.A. v il-Kummissjoni Ewropea ('Jindal Saw') ([23]) l-esportatur Ċiniż FSS sostna li l-paragun bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni seta' ma sarx fl-istess livell ta' kummerċ, billi l-produtturi tal-Unjoni tipikament ibigħu permezz ta' sussidjarji (jiġifieri impriżi relatati). F'dan ir-rigward, l-FSS talbet biex jiġu ddivulgati aktar dettalji dwar il-kalkolu tal-marġni tad-dannu. Fir-rigward ta' din it-talba, il-Kummissjoni tiċċara li għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, tqies biss il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil impriżi mhux relatati. Fir-rigward tal-kalkoli tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa', il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ma ntużawx peress li l-prezzijiet indikattivi kienu bbażati fuq il-kost tal-produzzjoni tal-produtturi inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, l-ebda informazzjoni oħra fil-fajl ma indikat il-ħtieġa li jiġi applikat xi livell ta' aġġustament kummerċjali. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni trid ma tiddivulgax id-*data* sottostanti miksuba mill-produtturi tal-Unjoni peress li din id-*data* hija kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

(245) Wara d-divulgazzjoni provviżorja u wara d-divulgazzjoni finali, STSS iddikjara li meta l-prezzijiet tal-bejgħ tiegħu tqabblu mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex tnaqqas l-SG&A u l-profitt tal-importatur relatat tagħha, peress li dan ikun bi ksur ta' *Jindal Saw*, kif ikkonfermat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2 ta' April 2020 fil-każ T-383/17 Hansol Paper Co. Ltd. vs il-Kummissjoni Ewropea ("Hansol Paper") ([24]).

(246) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni. Fir-rigward tal-elementi kkunsidrati għall-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezzijiet (b'mod partikolari l-prezz tal-esportazzjoni), il-Kummissjoni trid tidentifika l-ewwel punt li fih isseħħ (jew tista' sseħħ) kompetizzjoni ma' produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Dan il-punt huwa fil-fatt il-prezz tax-xiri tal-ewwel importatur mhux relatat għaliex il-kumpanija fil-prinċipju għandha l-għażla li tagħmel l-akkwist tagħha jew mill-industrija tal-Unjoni jew minn fornituri barranin.

([23]) http://curia.europa.eu/juris/document/document_print.jsf?docid=212842&text=&dir=&doclang=EN&part=1&occ=first&mode=lst&pageIndex=0&cid=593705

([24]) http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=224910&pageIndex=0&doclang=en&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=14412714

(247) F'dan il-każ, il-prezz tal-importazzjoni għal xi bejgħ tal-esportazzjoni ma jistax jittieħed b'valur par minħabba li l-produttur esportatur u l-importatur huma relatati. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit prezz tal-importazzjoni affidabbli fuq bażi distakkata, dan il-prezz irid jiġi kkalkulat billi jintuża l-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tal-importatur relatat lill-ewwel klijent indipendenti bħala l-punt ta' tluq. Sabiex issir din ir-rikostruzzjoni, ir-regoli dwar il-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni kif jinsabu fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku huma pertinenti, u huma applikati b'analoġija, bħalma huma pertinenti għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni għal skopijiet ta' dumping. L-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku tippermetti li wieħed jasal għal prezz li jkun kompletament komparabbli mal-prezz li jintuża meta jiġi eżaminat il-bejgħ magħmul lil klijenti mhux relatati u wkoll komparabbli mal-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(248) Għalhekk, sabiex ikun jista' jsir tqabbil ġust, huwa ġustifikat li jitnaqqsu l-SG&A u l-profitt mill-prezz tal-bejgħ mill-ġdid lil klijenti mhux relatati magħmul mill-importatur relatat sabiex wieħed jasal għal prezz affidabbli ([25]).

(249) Dan it-tnaqqis irid jiġi applikat ukoll għall-kalkolu tal-bejgħ taħt il-prezz. Tabilħaqq, il-prezz fil-mira tal-industrija tal-Unjoni huwa bbażat fuq il-kost tal-produzzjoni tagħha flimkien mal-profitt fil-mira, mingħajr ma jitqies jekk imbagħad jinbiegħx fl-Unjoni lil klijenti relatati jew mhux relatati, u għalhekk għandu jiġi mqabbel mal-prezz CIF (żbarkat) tal-esportazzjonijiet, li ma jinkludix b'definizzjoni l-SG&A u l-profitt tal-importaturi relatati fl-Unjoni.

(250) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, FSS qal li peress li 32 % tal-volumi esportati tiegħu kienu jikkostitwixxu PCNs li ma nbigħux mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u li għalhekk ma kinux ikkunsidrati fil-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz, dawn il-kalkoli kienu bi ksur tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-24 ta' Settembru 2019 fil-Kawża T-500/17 Hubei Xinyegang Special Tube Co. Ltd. vs il-Kummissjoni Ewropea ("Hubei Xinyegang"), para. 74 ([26]). STSS għamel affermazzjoni simili fir-rigward ta' 8 % tal-volumi tal-bejgħ tiegħu fl-Unjoni. Dawn l-affermazzjonijiet ġew imtennija wara d-divulgazzjoni finali.

(251) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet. L-ewwel nett, *Hubei Xinyegang* qiegħda taħt appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, id-deċiżjonijiet tas-sentenza rigward il-kwistjoni soġġetta għall-affermazzjoni mhumiex finali. It-tieni, il-Kummissjoni tinnota li meta jiġu vvalutati l-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa', il-mudelli esportati lejn l-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati jikkostitwixxu r-referenza għat-tqabbil. Huwa fin-natura tal-paragun tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni li mhux il-mudelli kollha esportati kienu mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni. F'dan il-każ, ir-rata ta' tqabbil kienet ta' 84 % għall-produtturi esportaturi Ċiniżi kollha, li l-Kummissjoni kkunsidrat bħala suffiċjenti biex tiżgura paragun wiesa' u ġust tal-mudelli esportati ma' dawk mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni. It-tielet, ir-Regolament bażiku ma jeħtieġx li l-Kummissjoni twettaq l-analiżi tal-prezzijiet għal kull tip ta' prodott b'mod separat. Pjuttost, ir-rekwiżit legali huwa li ssir determinazzjoni fil-livell tal-prodott simili. Fl-aħħar, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-PCNs kollha kienu parti mill-prodott ikkonċernat u kkompetew ma' xulxin, għall-inqas sa ċertu punt. Għalhekk, il-perċentwal tal-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun mhux mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni ma jikkostitwixxix kategorija separata tal-prodott ikkonċernat iżda jikkompeti b'mod sħiħ mal-gradi li jifdal li għalihom instab tqabbil.

(252) B'referenza għal punt. 71 ta' *Hubei Xinyegang* , STSS osserva li l-volumi tal-bejgħ tal-kampjun tal-industrija tal-Unjoni użati għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz ma kinux jikkostitwixxu l-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili mill-partijiet inklużi fil-kampjun. Huwa sostna li dan ma kienx ikun permess skont il-punt 71 ta' dik is-sentenza. Kif imsemmi fil-premessa (250) hawn fuq, din is-sentenza qiegħda tiġi appellata. Dwar is-sustanza, il-Kummissjoni nnutat li ma tistax iżżid mal-paragun il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' ċerti PCNs li ma jinbigħux mill-produtturi esportaturi. Fil-fatt, sabiex jiġi żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni qabblet l-istess mal-istess u b'hekk ma kkunsidratx il-mudelli li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni, iżda li ma ġewx esportati minn STSS. It-tieni, kif imsemmi fil-premessa preċedenti, ir-Regolament bażiku ma jeħtieġx li l-Kummissjoni twettaq l-analiżi tal-prezzijiet għal kull tip ta' prodott separatament. Pjuttost, ir-rekwiżit legali huwa li ssir determinazzjoni fil-livell tal-prodott simili. Filwaqt li l-PCNs jintużaw bħala l-punt tat-tluq

([25]) Fi kwalunkwe każ, l-ammont ta' bejgħ magħmul minn STSS permezz tal-importatur relatat tiegħu kien żgħir wisq għalhekk l-impatt tal-aġġustament tal-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) fuq il-marġni tat-twaqqigħ ikun negliġibbli.

([26]) http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=218162&pageIndex=0&doclang=en&mode=lst&dir=&occ=-first&part=1&cid=14413842

għal tali valutazzjoni, dan ma jfissirx li l-PCNs differenti mhumiex f'kompetizzjoni. Għalhekk, il-fatt li ċerti PCNs tal-industrija tal-Unjoni ma ġewx imqabbla mal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni minn STSS ma jfissirx li dawn ma jbatux il-pressjoni fuq il-prezzijiet minn dawn l-importazzjonijiet. It-tielet, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li l-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' PCNs li jaqblu li jintużaw fil-kalkoli fir-rigward ta' STSS kienu jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor darbtejn il-volum tal-bejgħ ta' STSS fis-suq tal-Unjoni u għalhekk huma fil-biċċa l-kbira rappreżentattivi. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(253) Il-GTI qajjem dubju dwar il-fatt jekk il-prezzijiet tal-importazzjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kinux komparabbli f'termini tat-taħlita tal-prodotti. Il-Kummissjoni tiċċara li l-kalkoli tal-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' kienu bbażati fuq tqabbil li jqis il-PCNs u dan jiżgura li prodotti simili biss skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku jitqabblu ma' xulxin. Fi kwalunkwe każ, l-importazzjonijiet tal-pajjiżi kkonċernati jikkompetu mal-prodotti kollha mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni, u ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-parti żgħira tal-importazzjonijiet totali li ma tistax titqabbel direttament mat-tipi ta' prodotti mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mhijiex kapaċi teżerċita pressjoni kompetittiva fuq l-industrija tal-Unjoni.

(254) Wara l-bidliet fil-marġnijiet tad-dumping, kif spjegat fit-taqsima 3 hawn fuq, u l-bidliet fil-marġnijiet tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa', kif spjegat fit-taqsima 6.1 hawn fuq, it-tabella fil-premessa (337) tar-Regolament provviżorju hija aġġornata kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Il-marġni tad-dumping (%)	Marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' (%)
L-Indoneżja	PT Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry Pt Indonesia Tsingshan Stainless Steel	17,7	17,3
RPĊ	Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd	106,5	19,0
	Fujian Fuxin Special Steel Co., Ltd	57,1	14,6
	Zhenshi Group Eastern Special Steel Co., Ltd.	71,7	9,2
	Xiangshui Defeng Metals Co., Ltd	87,3	17,5
	Fujian Dingxin Technology Co., Ltd.	87,3	17,5
	Kumpaniji l-oħra kollha	106,5	19

6.2.2. *Id-distorsjonijiet fil-materja prima*

(a) L-Indoneżja

(255) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima fl-Indoneżja u s-sehem tal-materja prima distorta fuq il-kostijiet tal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (342) sa (346) tar-Regolament provviżorju.

(b) Ir-RPĊ

(256) Wara d-divulgazzjoni tas-sejbiet provviżorji, żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi ssottomettew affermazzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni u s-sejbiet tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni aċċettat affermazzjoni waħda u rrifjutat il-kumplament, kif spjegat fil-premessi li ġejjin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkoreġiet żball klerikali li affettwa produttur esportatur Ċiniż wieħed, li madankollu ma kellu l-ebda impatt fuq is-sejbiet ([27]).

(257) Produttur esportatur Ċiniż wieħed sostna li, meta qabblet id-differenza fil-prezz bejn il-prezz referenzjarju u l-prezz tax-xiri attwali tal-materja prima distorta minn din il-kumpanija (skont il-mandat tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 7 (2a)), il-Kummissjoni qabblet dawn il-prezzijiet b'termini differenti ta' konsenja li rriżultaw f'differenza artifiċjalment ogħla bejn iż-żewġ prezzijiet.

([27]) Il-Kummissjoni spjegat id-dettalji ta' dan l-iżball klerikali fid-dokument speċifiku ta' divulgazzjoni lill-produttur esportatur ikkonċernat.

(258) Il-Kummissjoni qablet ma' din l-affermazzjoni, u rrevediet il-kalkolu kif xieraq. Il-Kummissjoni pprovdiet kalkolu rivedut fid-divulgazzjoni speċifika lill-kumpanija kkonċernata. Madankollu, din il-bidla ma biddlitx is-sejba li l-prezz tal-materja prima kien ferm aktar baxx meta mqabbel mal-prezz referenzjarju mingħajr distorsjoni.

(259) Żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi sostnew li, fil-kalkolu tal-piż ta' waħda mill-materji primi fuq il-kost totali tal-produzzjoni tagħha, biex jiġi stabbilit jekk il-limitu ta' 17 % ntlaħaqx, il-Kummissjoni ma għażlitx denominatur xieraq. Dawn il-kumpaniji sostnew li l-Kummissjoni eskludiet mill-kost tal-produzzjoni l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A), u b'hekk żiedet b'mod artifiċjali l-piż ta' din il-materja prima fuq il-kost tal-produzzjoni tal-kumpaniji. Dawn il-kumpaniji argumentaw li minflok il-Kummissjoni kellha żżid l-SG&A mad-denominatur.

(260) Il-Kummissjoni nnotat li ma hemmx dubbju li l-Artikolu 7(2a) jirreferi għall-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat bħala l-valur li jrid jintuża fil-kalkolu (bħala denominatur). Il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-kunċett tal-kost tal-produzzjoni fir-Regolament bażiku ma jinkludix l-SG&A. Dan huwa sostnut mill-qari tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, li jiddikjara li "il-valur normali ta' prodott simili għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi (...)".

(261) Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni huwa ċar li d-denominatur użat fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a), jiġifieri l-kost tal-produzzjoni, jenħtieġ li ma jinkludux l-SG&A. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(262) It-tieni, iż-żewġ produtturi esportaturi kkontestaw il-fatt li l-Kummissjoni kienet użat il-kost mingħajr distorsjoni ta' materja prima partikolari bħala n-numeratur (immultiplikat bil-kwantità kkonsmata) fuq naħa, u l-kost reali tal-produzzjoni bħala d-denominatur fuq in-naħa l-oħra. Dawn il-kumpaniji għalhekk argumentaw li dan l-approċċ fixkel il-kalkolu u għalhekk talbu li l-Kummissjoni tirrevedi dan l-aspett tal-kalkolu kif xieraq, billi tqabbel valuri mingħajr distorsjoni kemm bħala numeratur kif ukoll bħala denominatur.

(263) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li l-kliem tad-dispożizzjoni legali rilevanti huwa ċar: "Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-materja prima, kemm dik li mhijiex ipproċessata kif ukoll dik ipproċessata, inkluż l-enerġija, li għaliha tinsab distorsjoni, trid tirrappreżenta, mhux inqas minn 17 % tal-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, għandu jintuża prezz mingħajr distorsjoni għall-materja prima kif stabbilit fis-swieq internazzjonali rappreżentattivi."

(264) Għalhekk il-Kummissjoni, meta użat bħala numeratur il-valur mingħajr distorsjoni għall-materja/i prima inkwistjoni, u meta użat l-kost attwali tal-produzzjoni tal-kumpaniji bħala denominatur, applikat kif suppost din id-dispożizzjoni tar-Regolament bażiku.

(265) Iż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun għamlu affermazzjonijiet addizzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a), li jappartjenu għal kwistjonijiet speċifiċi għall-kumpaniji. Għaldaqstant, u biex tinżamm il-kunfidenzjalità tad-*data* tagħhom, il-Kummissjoni indirizzat l-affermazzjonijiet tagħhom fid-dettall fil-qafas tad-divulgazzjoni individwali. Fi kwalunkwe każ, dawn il-kummenti addizzjonali ġew miċħuda.

(266) Fl-aħħar, il-Kummissjoni vvalutat is-sitwazzjoni speċifika tal-produttur esportatur Ċiniż li għalih, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti, ma setgħetx tivverifika l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex issir valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 7(2a) ([28]). F'dan l-isfond, il-Kummissjoni rrikorriet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sejbiet magħmula fir-rigward taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, jiġifieri l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a), li kienu bbażati fuq informazzjoni vverifikata, jenħtieġ li japplikaw ukoll għal din il-kumpanija.

(267) Fin-nuqqas ta' kummenti addizzjonali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima fir-RPĊ u s-sehem tal-materja prima distorta fuq il-kostijiet tal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (347) sa (350) tar-Regolament provviżorju.

([28]) Il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika d-*data* essenzjali biex twettaq analiżi xierqa. Id-*data* mhux verifikata, li tirriżulta minn nuqqas ta' kooperazzjoni, kienet tinkludi, fost l-oħrajn, l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u b'hekk il-kost totali tal-produzzjoni.

6.2.3. *L-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku*

6.2.3.1. Kapaċitajiet żejda fil-pajjiż esportatur

(268) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-eżistenza ta' kapaċitajiet żejda fir-RPĊ u fl-Indoneżja, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (352) u (353) tar-Regolament provviżorju.

6.2.3.2. Il-kompetizzjoni għall-materja prima

(269) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-kompetizzjoni għall-materja prima, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (354) sa (357) tar-Regolament provviżorju.

6.2.3.3. L-effett fuq il-katini ta' provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni

(270) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, Eurofer sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi spjegazzjoni koerenti għall-konklużjoni tagħha peress li kienet wettqet it-test tal-"Effett fuq il-katini ta' provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni" taħt l-intestatura tat-test "Interess tal-utent", u b'hekk wettqet żball ta' liġi. Eurofer allegat ukoll li l-Kummissjoni amalgamat żewġ testijiet tal-interess tal-Unjoni: it-test tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) u t-test skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Eurofer tenniet din l-affermazzjoni wara d-divulgazzjoni finali, bl-argument li l-Kummissjoni wettqet b'mod żbaljat it-test tal-interess tal-Unjoni tal-Artikolu 21 qabel dak tal-Artikolu 7 (2b).

(271) Dawn l-allegazzjonijiet nstabu li huwa bla bażi. L-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku jgħid *"Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni kollha sottomessa, tista' tikkonkludi b'mod ċar li huwa fl-interess tal-Unjoni li jiġi determinat l-ammont tad-dazji proviżorji f'konformità mal-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu, il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika. Il-Kummissjoni għandha tfittex b'mod attiv l-informazzjoni minn partijiet interessati li tippermettilha tiddetermina jekk għandux japplika l-paragrafu 2 jew 2a ta' dan l-Artikolu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni pertinenti kollha bħall-kapaċitajiet ta' riżerva fil-pajjiż esportatur, il-kompetizzjoni għall-materji prima u l-effett fuq il-katini ta' provvista għall-kumpanniji tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni l-Kummissjoni tista' tikkonkludi li jkun skont l-interess tal-Unjoni li jiġi applikat il-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu. Meta jkun qed jitwettaq it-test tal-interess tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 21, għandha tingħata konsiderazzjoni speċjali lil din il-kwistjoni.*

(272) L-aħħar sentenza ta' dik id-dispożizzjoni fiha referenza speċifika għall-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Skont il-valutazzjoni rispettiva tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku li saret fir-Regolament provviżorju, ġie stabbilit li l-effett ewlieni fuq il-katini ta' provvista jkun jinħass fil-livell tal-utenti. Kif stabbilit fil-premessa (358) tar-Regolament provviżorju, l-effett possibbli fuq il-katini ta' provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni, stipulat skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku, kien, fid-dawl tad-differenza importanti bejn il-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu għall-pajjiżi esportaturi, ivvalutat fil-kuntest tat-test tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma amalgamatx iż-żewġ testijiet. Minflok, l-analiżi tal-effett fuq il-katini ta' provvista skont 7(2b) tar-Regolament bażiku neċessarjament tikkunsidra l-informazzjoni sottomessa mill-utenti li normalment tintuża wkoll fil-qafas tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-kummenti ta' Eurofer u kkonfermat li t-testijiet ta' interess rispettivi tal-Unjoni ġew applikati b'mod korrett kemm skont l-Artikolu 7(2b) kif ukoll skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku.

(273) Fir-rigward tas-sustanza, Eurofer sostniet li l-utent ikkonċernat li fuqu nbniet l-analiżi jista' jissostitwixxi l-importazzjonijiet miċ-Ċina b'importazzjonijiet minn ħafna sorsi oħra, inkluż mill-Indoneżja u mit-Tajwan, jekk id-dazju fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi fil-livell ta' dumping ikun projbittiv.

(274) Il-Kummissjoni vvalutat din l-affermazzjoni u sabet li, b'valur par, dan l-utent seta' tabilħaqq jissostitwixxi l-importazzjonijiet tiegħu miċ-Ċina b'xiri minn [1-2] ([29]) produtturi tal-Unjoni. Produtturi oħra tal-Unjoni kellhom ukoll kapaċitajiet żejda sinifikanti iżda bil-kemm fornew lill-utent ikkonċernat matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Abbażi tal-flussi tal-importazzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jista' jkun hemm ukoll opportunitajiet ta' xiri minn pajjiżi terzi oħra, b'mod partikolari r-Repubblika tal-Korea u l-Afrika t'Isfel. Madankollu, fuq din il-bażi, il-volumi ta' importazzjoni potenzjali minn dawk il-pajjiżi kienu limitati u fil-preżent, tal-anqas l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea huma ristretti mill-miżuri ta' salvagwardja applikabbli bħalissa ([30]). Sa fejn huma kkonċernati l-importazzjonijiet mill-Indoneżja u mit-Tajwan, il-Kummissjoni tinnota li l-utent importanti fil-fatt akkwista prodotti mhux biss miċ-Ċina iżda wkoll mill-Indoneżja. Madankollu, dan ma

([29]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

([30]) L-Afrika t'Isfel kienet eskluża mill-ambitu tas-salvagwardja tal-azzar mill-15 ta' Novembru 2018 skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1712 tat-13 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1013 li jimponi miżuri ta' salvagwardja provviżorji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 286, 14.11.2018, p. 17).

jfissirx li bidla minn sors għal ieħor hija sempliċi u mhux ikkumplikata. Il-Kummissjoni tinnota li l-prodott ikkonċernat jikkonsisti minn ħafna PCNs differenti. Barra minn hekk, il-ħtieġa li dan l-utent jorganizza mill-ġdid il-katini tal-valur sabiex jiġi evitat l-impatt tal-miżuri bbażati fuq il-marġni tad-dannu u minħabba l-impatt probabbli ta' dawn il-miżuri fuq il-profittabbiltà, il-Kummissjoni ma sabitx li kien ġustifikat li dan l-utent jiġi espost għal aktar inċertezzi billi timponi miżuri fil-livell tal-marġnijiet tad-dumping. Għalhekk, l-utent ikkonċernat x'aktarx ikun kapaċi jiddiversifika u jaġġusta l-provvista tiegħu biss sa ċertu punt. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni ma setgħetx targumenta b'mod raġonevoli li dazji f'livell ogħla ma jagħmlux ħsara bla bżonn lil dan l-utent peress li tali dazji x'aktarx li jagħmlu l-attivitajiet kummerċjali tal-utent mhux vijabbli.

(275) Wara d-divulgazzjoni finali, Eurofer fakkret li l-Afrika t'Isfel ilha mill-15 ta' Novembru 2018 ma tkun soġġetta għal miżuri ta' salvagwardja, u mill-1 ta' Lulju 2020 ma kienx hemm aktar kwota għall-pajjiż għall-SSHR iżda minflok kwota kumplessiva, li tippermetti lill-importaturi jixtru volumi sinifikanti minn pajjiżi li mhumiex milquta minn miżuri individwali. Dan l-aġġustament ikun jiżgura li l-utenti tal-Unjoni jkollhom biżżejjed flessibbiltà biex jibdlu l-oriġini tal-fornimenti tagħhom, jekk dan ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni qablet fuq il-fatt, li madankollu x'aktarx mhux se jibdel ir-riżultati tal-analiżi ta' hawn fuq, li hija bbażata fuq id-*data* reali li toħroġ mill-perjodu ta' investigazzjoni, b'kont meħud ukoll tal-livelli ta' dazji imposti taħt dan ir-Regolament.

(276) Eurofer ripetutament ikkritikat dak li fil-fehma tagħha hija valutazzjoni simplistika min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-impatt tal-miżuri fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-utent għaliex saret abbażi ta' sorsi, volumi u prezz kostanti, u assumiet sitwazzjoni fejn l-utent ma jibdilx il-ktajjen tal-provvista minkejja li l-prodott ikun disponibbli minn diversi sorsi oħra, inkluż minn produtturi tal-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi, u mingħajr it-trasferiment ta' kwalunkwe parti miż-żieda fil-kost lill-klijenti tiegħu downstream. Fil-fehma tal-Eurofer, dan ma kienx l-iskop tat-test tal-interess tal-Unjoni.

(277) Il-Kummissjoni ċċarat li l-analiżi li għamlet, li l-Kummissjoni stess iddeskriviet bħala l-agħar xenarju possibbli fir-Regolament provviżorju (il-premessa 373), hija l-aktar approċċ raġonevoli f'din is-sitwazzjoni. Biex tkun affidabbli din il-valutazzjoni trid issir fuq il-bażi tad-*data* reali li toħroġ mill-perjodu ta' investigazzjoni, b'kont meħud ukoll tal-livelli ta' dazji imposti taħt dan ir-Regolament. Tabilħaqq, kif irrimarkat Eurofer, normalment huwa mistenni li parti miż-żieda fil-kost tingħadda fuq il-klijenti — għalhekk, l-impatt jidher li huwa li ġie esaġerat. Madankollu, mhux magħruf kemm miż-żieda fil-kost tista' tiġi ttrasferita għal dak il-livell. Fis-sitwazzjoni attwali, trasferiment kbir fuq il-klijenti huwa ċertament dubjuż peress li l-kompetituri ewlenin tal-utent huma l-istess produtturi tal-SSHR fl-Unjoni. Filwaqt li l-analiżi statika għandha mnejn tesaġera l-impatt tad-dazju peress li ma tantiċipax żieda fil-fatturat, kif spjegat, fl-istess ħin tista' tissottovaluta l-impatt negattiv tad-dazju billi s-suppożizzjonijiet statiċi tal-Kummissjoni jimplikaw ukoll li ma ġietx antiċipata żieda għall-kost tax-xiri mill-industrija tal-Unjoni, li f'dan il-każ hija fornitur ewlieni għall-utent ikkonċernat. Il-Kummissjoni ċċarat ukoll li anki f'dan il-każ mhuwiex xieraq li jsiru suppożizzjonijiet fir-rigward tat-tibdil fix-xejriet tax-xiri, peress li kif spjegat fil-premessa (274) hawn fuq, għal diversi raġunijiet l-utent inkwistjoni x'aktarx li jkun limitat fl-għażliet tiegħu f'dak ir-rigward. Kwalunkwe devjazzjoni mill-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk trendi l-analiżi aktar spekulattiva.

(278) Għalhekk, kollox ma' kollox, il-Kummissjoni qieset li l-approċċ l-aktar sikur biex jiġi estimat l-impatt tal-miżuri fuq l-utent ikkonċernat ma kienx li tantiċipa bidliet la fuq in-naħa tal-fatturat u lanqas fuq in-naħa tal-kost fir-rigward tax-xiri minn pajjiżi mhux soġġetti għall-miżuri.

(279) Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-talba ta' Eurofer biex tiddivulga l-fatti essenzjali sottostanti l-valutazzjoni mwettqa fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-profittabbiltà tal-utent inkwistjoni, il-Kummissjoni sabet li din id-divulgazzjoni ma setgħetx issir minħabba li d-*data* sottostanti hija ta' natura kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Madankollu, wara d-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni pprovdiet lil Eurofer b'sommarju mhux kunfidenzjali tal-analiżi tal-impatt tal-miżuri proposti skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Billi dik id-divulgazzjoni kienet tikkonċerna biss l-impatt tal-miżuri fil-livell propost, Eurofer wieġbet għal dik id-divulgazzjoni billi kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx analizzat l-impatt tal-miżuri skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Dik l-allegazzjoni ġiet miċħuda bis-saħħa mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kienet tabilħaqq ikkonkludiet li l-miżuri f'livelli ogħla milli skont l-Artikolu 7(2) ma jkunux konformi mal-interess tal-Unjoni skont

l-Artikolu 7(2b) fid-dawl tal-konsegwenzi diġà serji tal-miżuri bl-applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri kif spjegat fil-qosor fil-premessa (274) hawn fuq. Għalhekk, hija qieset bħala mhux rilevanti li jiġi ddivulgat il-kalkolu tal-impatt tal-miżuri skont l-Artikolu 7(2a), li kienet fil-fatt għamlet. Barra minn hekk, filwaqt li r-rati applikabbli għar-RPĊ u għall-Indoneżja nbidlu f'konformità mal-marġnijiet tad-dumping divulgati, dak il-kalkolu segwa l-istess metodoloġija bħal tal-fajl divulgat.

(280) Eurofer sostniet ukoll li l-impatt fuq il-profittabbiltà tal-utent uniku jkun inqas negattiv minn dak preżunt mill-Kummissjoni, iżda fi kwalunkwe każ inqas serju mill-impatti tad-dazji anti-dumping aktar baxxi fuq l-industrija kollha tal-Unjon. Eurofer speċifikat li l-utent ikkonċernat x'aktarx jkun kapaċi jindirizza żieda fil-kostijiet u li l-attivitajiet tiegħu fir-rigward tal-prodott ikkonċernat kienu biss parti żgħira min-negozju tiegħu u li għalhekk ma kienx se jiġi affettwat iżżejjed jekk il-miżuri jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 7(2a). Biex tissostanzja l-affermazzjoni, Eurofer ikkalkulat li jekk jiġi applikat l-Artikolu 7(2a), l-impatt fuq il-kostijiet ta' dak l-utent ikun "marġinali" u "inqas minn 2 %". Eurofer sostniet li d-diviżjoni tal-azzar bil-karbonju ta' dak l-utent kienet ferm akbar (b'9 darbiet) id-diviżjoni tiegħu tal-azzar inossidabbli u ssottomettiet li huma biss l-operazzjonijiet relatati mal-produzzjoni ta' materjal illaminat fil-kiesaħ (u prodotti downstream tad-diviżjoni tal-azzar inossidabbli) li jenħtieġ li jitqiesu fit-test tal-interess tal-Unjoni. L-utent ikkonċernat huwa kumpanija diversifikata li l-vijabbiltà finanzjarja tagħha ma kinitx tiddependi biss fuq il-produzzjoni ta' prodotti SSHR downstream. Peress li l-valur miżjud tal-operazzjonijiet tal-azzar inossidabbli ta' dak l-utent kien baxx, il-kumpanija kellha tiddependi b'mod estensiv mill-orħos inputs possibbli (kojls suwed) sabiex tagħmel profitt. B'referenza għall-premessa (377) tar-Regolament provviżorju, Eurofer talbet ukoll lill-Kummissjoni biex tiddivulga l-fatti essenzjali sottostanti l-valutazzjoni mwettqa fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-profittabbiltà ta' dak l-utent.

(281) Dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda. Il-Kummissjoni sabet li l-kalkoli ta' Eurofer kienu difettużi u stabbiliet li l-kumpanija rispettiva tal-utent kienet responsabbli għal [20 sa 30]% ([31]) tal-fatturat li sar mill-grupp kollu li kienet tappartjeni għalih. Abbażi ta' informazzjoni vverifikata, il-Kummissjoni stabbiliet li l-profitt ta' dan l-utent fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-prodotti li jinkorporaw SSHR kien minn [1 sa 4]% ([32]). Sakemm il-fatturi rilevanti kollha (b'mod partikolari s-sorsi, il-volumi u l-prezzijiet qabel id-dazji tax-xiri, u l-fatturat miksub fuq prodotti downstream) jibqgħu l-istess meta mqabbla mal-perjodu ta' investigazzjoni, l-impożizzjoni ta' dazji definittivi fil-livell tad-dazju inferjuri twassal għar-riżultat operattiv tal-utent (li jinkludi wkoll prodotti bbażati fuq l-azzar) qrib il-punt ta' ekwilibriju (u [– 2 sa – 5]% ([33]) mal-prodotti li jinkorporaw SSHR).

(282) Il-Kummissjoni ma eskludietx li l-utent ikkonċernat, li jimpjega [500–700] ([34]) FTE fis-segment tal-prodott tal-SSHR, se jkun jista' jiddiversifika u jaġġusta x-xiri tiegħu u juża s-saħħa tiegħu fis-suq u li, għalhekk, tali impatt tad-dazju inferjuri x'aktarx li jiġi parzjalment mitigat. Iżda l-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mal-analiżi ta' hawn fuq, id-dazji f'livell ogħla mill-marġini tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' kienu jagħmlu ħsara bla bżonn lil dan l-utent importanti.

(283) Wara d-divulgazzjoni addizzjonali finali, Eurofer affermat ukoll li l-Kummissjoni jenħtieġ li tiddivulga t-tipi ta' prodotti preċiżi inklużi fil-valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-grupp ta' prodotti SSHR. Skont Eurofer, peress li l-utent ippubblika katalgi tal-prodotti tiegħu, din l-informazzjoni ma jkollhiex natura kunfidenzjali. Dan jippermetti lil Eurofer tivvaluta jekk il-prodotti kollha kkunsidrati kinux rilevanti għall-valutazzjoni, jekk dawn il-prezzijiet tal-prodotti kinux affettwati direttament mill-kostijiet tal-SSHR u jekk il-miżuri proposti kinux se jirriżultaw fi dħul addizzjonali għal dawn il-prodotti. Il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba ta' Eurofer ma kinitx iġġustifikata u setgħet tiddivulga xi *data* kunfidenzjali fir-rigward tal-utent. L-ewwel nett, il-Kummissjoni enfasizzat li d-divulgazzjoni addizzjonali uriet biċ-ċar li l-kostijiet addizzjonali biss imġarrba mid-dazji proposti fuq ix-xiri tal-SSHR tal-utent, skont il-metodoloġija spjegata fil-premessa (371) tar-Regolament provviżorju u l-premessa (277) hawn fuq u li ntweriet fid-divulgazzjoni addizzjonali, żdiedu mal-kostijiet tal-prodotti f'dak il-grupp ta' prodotti. Għalhekk, ma jistax ikun hemm estimu eċċessiv tal-kostijiet addizzjonali (u, għalhekk fuq l-effett negattiv fuq il-profittabbiltà) li kieku l-Kummissjoni inkludiet prodotti li ma jsirux mill-SSHR f'dak is-segment. It-tieni, il-Kummissjoni ċċarat li l-valutazzjoni inkwistjoni saret bl-aktar mod komprensiv, jiġifieri kienet tinkludi biss il-bejgħ tal-prodotti

([31]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

([32]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

([33]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

([34]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

downstream kollha magħmula mill-SSHR mill-utent ikkonċernat. Il-fatturat iġġenerat minn dawn il-prodotti rrappreżenta l-biċċa l-kbira tal-fatturat tal-utent ikkonċernat (mhux tal-grupp li kien jappartjeni għalih). Informazzjoni speċifika għall-prodott relatata mal-utent, inkluż il-prodotti downstream tiegħu magħmula mill-SSHR, hija disponibbli minn sorsi miftuħa, inklużi katalgi ppubblikati. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li Eurofer ngħatat l-informazzjoni rilevanti kollha dwar kif il-Kummissjoni estimat l-impatt tal-miżuri fuq il-profittabbiltà tal-utent fir-rigward tal-grupp ta' prodotti SSHR. Għaldaqstant, it-talba ġiet miċħuda.

(284) Barra minn hekk, Eurofer affermat li d-divulgazzjoni ma kienet tinkludi l-ebda indikazzjoni tal-livell tal-profitt kumplessiv tal-utent mingħajr id-dazji ("utent ta' profitt ikkonċernat kien (%)"). Madankollu, dik l-informazzjoni tkun strumentali biex tippermetti l-valutazzjoni tal-impatt tad-dazji fuq l-utent. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni l-oħra dwar il-profitt reali jew teoretiku, din tista' tiġi pprovduta taħt il-forma ta' firxa biex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tad-*data*. Fin-nuqqas ta' dik l-informazzjoni, l-ilmentatur issuspettat li l-impatt tad-dazji fuq il-"grupp tal-prodotti SSHR" fuq il-profitt kumplessiv tal-utent jista' jkun negliġibbli.

(285) Din l-affermazzjoni kellha tiġi miċħuda. Il-Kummissjoni fakkret li l-prinċipju tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet fi proċedimenti ta' difiża kummerċjali ma jistax jiġi kompromess. Fil-każ attwali, id-divulgazzjoni ta' marġni ta' profitt tal-utent (li jikkompeti wkoll mal-industrija tal-Unjoni fis-swieq downstream), anki jekk espressa f'firxa, tista' tkun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali leġittimi tal-utent.

(286) Fir-rigward tal-effett fuq il-katini tal-provvista, Eurofer sostniet ukoll li l-mudell ta' negozju tal-utent ikkonċernat, li huwa bbażat fuq xiri minn pajjiżi b'kostijiet baxxi (li ħafna drabi jniġġsu) u b'valur miżjud limitat, jenħtieġ li ma jiġix promoss. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssottolinjat li skont ir-Regolament bażiku, l-impronta ekoloġika tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat tista' tiġi indirizzata biss sa ċertu punt, b'mod partikolari billi jiġi aġġustat il-prezz indikattiv tal-industrija tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku. Tali aġġustamenti saru fl-investigazzjoni attwali, kif spjegat fil-premessa (333) tar-Regolament provviżorju u kif ikkonfermat fil-premessa (236) hawn fuq. Fir-rigward tal-mudell ta' negozju tal-utent, il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-utent qed jixtri varjetà ta' prodotti f'volumi kbar minn produtturi fl-Unjoni u dan huwa wkoll il-każ għall-SSHR. Barra minn hekk, għandu rwol importanti x'jaqdi fis-swieq downstream tal-SSHR, fejn huwa l-uniku produttur Ewropew sinifikanti mhux integrat.

(287) Fl-aħħar nett Eurofer sostniet li l-Kummissjoni ma tistax tillimita l-konklużjoni tagħha tal-effett fuq il-katini tal-provvista għall-impatt ta' utent uniku, iżda li jenħtieġ li tagħmel il-valutazzjoni tagħha fuq l-utenti kollha meħuda f'daqqa, irrispettivament minn jekk dawn jimportawx il-prodott ikkonċernat jew jixtrux il-prodott simili domestikament. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni. L-utent ikkonċernat waħdu kien responsabbli għal [30 sa 40]% ([35]) tal-konsum fis-suq ħieles tal-SSHR matul il-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li l-uniku utent li kkoopera jgħodd għal inqas minn 10 % tal-konsum. Minħabba l-importanza tal-utent ikkonċernat u l-pożizzjoni unika tiegħu bħala parti mill-industrija tal-utenti, il-Kummissjoni għalhekk issostni li d-determinazzjoni tad-dazji skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku jkollha b'mod ċar effett negattiv ġenerali fuq il-katini tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni.

(288) Wara d-divulgazzjoni finali, Eurofer qalet li l-Kummissjoni naqset milli turi li s-sejbiet fir-rigward tal-utent ikkonċernat setgħu jiġu estiżi għall-utenti li ma kkooperawx. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (287) hawn fuq, l-utent inkwistjoni jammonta għal [30 sa 40]% ([36]) tal-konsum tal-SSHR fis-suq ħieles. Huwa jgħodd ukoll għal [60 sa 70]% ([37]) tal-importazzjonijiet tal-SSHR mill-pajjiżi kkonċernati. Għalhekk, huwa leġittimu li wieħed jagħti piż konsiderevoli lis-sejbiet dwar dan l-utent fl-analiżi tal-effett tad-dazji ogħla fuq il-katina tal-provvista, anke jekk huwa biss parti waħda.

([35]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

([36]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

([37]) Iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jingħataw mingħajr ma tiġi divulgata informazzjoni kunfidenzjali. Il-firxa hija kkunsidrata preċiża fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni.

6.2.3.4. Kummenti dwar il-konklużjoni provviżorja fir-rigward tat-test tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b)

(289) Fir-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li, mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi l-livell tal-miżuri fil-livell ta' dumping fid-dawl tal-effett negattiv b'mod sproporzjonat li dan jista' jkollu fuq il-katini tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni.

(290) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, Eurofer sostniet li l-Kummissjoni jenħtieġ li ma tapplikax ir-regola tad-dazju inferjuri u taġixxi skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Eurofer invokat li skont it-test tal-interess tal-Unjoni, l-interess tal-produtturi kollha tal-Unjoni jenħtieġ li jegħleb l-interess ta' utent wieħed. Hija sostniet li żewġ distorsjonijiet sostanzjali tal-materja prima fiċ-Ċina u ħamsa fl-Indoneżja ġġustifikaw l-istipular tad-dazju fil-livell tal-marġnijiet tad-dumping. Hija semmiet ukoll kapaċitajiet żejda sinifikanti fil-pajjiżi esportaturi, u li fl-Indoneżja biss, Eurofer estimat li l-kapaċità totali tal-azzar inossidabbli (jiġifieri mhux biss il-prodott li qed jiġi investigat) se taqbeż l-10 miljun tunnellata sal-2025, u dan jaqbeż bi kważi terz il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni. Skont Eurofer, l-effett fuq il-katina ta' provvista tal-utent skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku għandu jiġi bbilanċjat mal-effetti tad-distorsjonijiet, mal-eżistenza ta' kapaċitajiet żejda u mal-kompetizzjoni għall-materja prima. Eurofer żiedet li n-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri kien ukoll meħtieġ fejn l-Unjoni kienet ikkontestat id-distorsjonijiet li jinsabu fl-Indoneżja mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) ([38]).

(291) Wara d-divulgazzjoni finali, Eurofer tenniet l-affermazzjoni diġà indirizzata fil-premessi (270) sa (272) hawn fuq li l-Kummissjoni wettqet b'mod żbaljat it-test tal-interess tal-Unjoni tal-Artikolu 21 qabel dak tal-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. F'dak ir-rigward, Eurofer irreferiet ukoll għall-premessa 21 tar-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea. Skont Eurofer, il-Kummissjoni estendiet artifiċjalment it-test tal-interess tal-Unjoni biex tissostitwixxi l-mistoqsija binarja tat-test tal-interess tal-Unjoni tal-Artikolu 21 — "huwa fl-interess jew le tal-Unjoni li timponi miżuri?" — b'mistoqsija aktar miftuħa — "f'liema livell huwa fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri?" — li mhijiex prevista fir-Regolament bażiku.

(292) Fl-istess kuntest, Eurofer qalet li l-Kummissjoni kienet qieset il-kriterji tal-"katina tal-provvista" b'mod sproporzjonat fit-test tal-Artikolu 7(2b). Fis-sottomissjoni tagħha waqt is-smigħ tat-12 ta' Awwissu 2020, hija staqsiet il-mistoqsijiet dwar liema livell ta' kapaċitajiet żejda jkun sinifikanti biżżejjed biex il-bilanċ ixeqqleb favur li ma tiġix applikata r-regola tad-dazju inferjuri u x'tip ta' żvantaġġ komparattiv ikkawżat minn distorsjonijiet ixaqqleb il-bilanċ favur li ma tiġix applikata r-regola tad-dazju inferjuri.

(293) Barra minn hekk, Eurofer affermat li l-Kummissjoni ma vvalutatx u lanqas ma kkunsidrat "informazzjoni pertinenti oħra" li għandha effett fuq il-konklużjoni skont l-Artikolu 7(2b), bħal:

(a) il-livell partikolarment għoli ta' distorsjoni ta' minerali tan-nikil, b'mod partikolari fl-Indoneżja,;

(b) il-fatt li, għal xi produtturi Ċiniżi tal-SSHR, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku kienu ssodisfati mhux biss għal materja prima waħda, iżda għal mill-inqas tnejn minnhom, li jfisser li mill-inqas 34 % (kważi darbtejn f'realtà) tal-materja prima użata bħala input kienu distorti;

(c) il-fatt li, minbarra l-materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2a), għadd sinifikanti ta' fatturi oħra ta' produzzjoni użati direttament jew indirettament fil-produzzjoni ta' SSHR, kemm fiċ-Ċina kif ukoll fl-Indoneżja, ġew affettwati minn distorsjonijiet kif dokumentat mill-bażi ta' *data* tal-OECD dwar ir-restrizzjoni tal-materja prima industrijali u l-ilment;

(d) il-fatt li d-distorsjonijiet fil-materja prima li nstabu li jeżistu ma kinux biss ta' miżura dejjiema, iżda wkoll, sa fejn hija kkonċernata l-Indoneżja, qed jaggravaw wara l-perjodu ta' investigazzjoni bl-implimentazzjoni ta' projbizzjoni sħiħa fuq l-esportazzjoni ta' minerali tan-nikil minflok ta' projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' minerali b'kontenut ta' nikil ogħla minn 1,7 %;

(e) il-fatt li l-gvern Indoneżjan jidher li kien fl-oriġini ta' distabbilizzazzjoni tas-suq tan-nikil tal-LME — li fuqu ġew indiċjati l-inputs tal-produtturi tal-Unjoni — kompla jżid il-benefiċċji tad-distorsjonijiet Indoneżjani u Ċiniżi tan-nikil.

([38]) WTO, Indoneżja — Miżuri relatati mal-materja prima, DS592, Talba għal konsultazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea, 22 ta' Novembru 2019

(294) Barra minn hekk, Eurofer qalet li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti fil-valutazzjoni tal-isproporzjonalità tad-dazji stipulati fil-livell tal-marġni tad-dumping. Fir-rigward tad-dazji applikabbli għall-Indoneżja, Eurofer argumentat li d-dazji fil-livell tal-marġni ta' dumping ta' 17,7 %, minflok tal-marġni ta' dannu ta' 17,3 %, ma jkollhom kważi l-ebda impatt finanzjarju addizzjonali fuq l-utent ewlieni, u ma setgħux jinstabu li jaffettwaw lil dak l-utent b'mod sproporzjonat. Għalhekk, il-kompetizzjoni ġusta terġa' tiġi stabbilita mingħajr spejjeż għall-utent. Fir-rigward tad-dazji applikabbli għaċ-Ċina, Eurofer argumentat li l-importazzjonijiet miċ-Ċina juru differenzi varjabbli iżda sinifikanti bejn id-dannu u l-marġni tad-dumping (minn 87,5 % għal TISCO għal 4 % għal Fujian Fuxin Special Steel). Dik id-differenza u l-marġnijiet ta' dumping għoljin jenfasizzaw il-kapaċità sinifikanti tal-produtturi Ċiniżi li jikkawżaw dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(295) Dawn l-affermazzjonijiet kellhom jiġu miċħuda. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet u kkonfermat li hemm kapaċitajiet żejda sinifikanti fiċ-Ċina u fl-Indoneżja u li l-industrija tal-Unjoni hija fi żvantaġġ komparattiv meta mqabbla mal-produtturi esportaturi Ċiniżi u Indoneżjani fir-rigward tal-aċċess għall-materja prima. B'konsegwenza ta' dan, tnejn mit-tliet kriterji li huma speċifikament previsti fl-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku biex jiġi vvalutat jekk l-istipular tad-dazju skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku huwiex tabilħaqq xieraq jitolbu li jiġi applikat l-Artikolu 7(2a).

(296) Il-fatt li wieħed biss mit-tliet elementi elenkati b'mod espliċitu fl-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku jitkellem kontra l-istipular tad-dazju skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku u l-fatt li l-ilmentatur, barra minn hekk, kien identifika elementi oħrajn mhux elenkati li jkunu jeħtieġu wkoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) ma jistax jitqies li jinvoka li ġie attribwit piż sproporzjonat lit-tielet kriterju, jiġifieri l-effett fuq il-ktajjen tal-provvista. Jekk l-Artikolu 7(2a) jiġi applikat, analiżi tat-tielet kriterju, l-effett fuq il-katini tal-provvista, żvelat riperkussjonijiet sproporzjonati għall-industrija tal-utent, kif deskritt fil-premessi (370) sa (377) tar-Regolament provviżorju u kif ikkonfermat fil-premessi (270) sa (287) hawn fuq. Tabilħaqq, jekk id-dazji jkunu bbażati fuq il-marġnijiet tad-dumping, ir-riżultat operattiv kumplessiv tal-utent u aktar u aktar dak tal-grupp ta' prodotti SSHR tiegħu potenzjalment jiddeterjora drammatikament taħt il-livelli indikati fil-premessa (281) hawn fuq. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn utent wieħed, li jipprovdi impjieg sinifikanti fl-Unjoni, li jirrappreżenta l-parti l-kbira tal-importazzjonijiet u sehem sinifikanti ħafna tal-konsum u li b'mod ċar se jiġi affettwat b'mod serju mid-dazji jekk jiġu stabbiliti abbażi tal-Artikolu 7(2a), l-importanza tas-sejbiet fl-analiżi tal-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji fl-Unjoni twassal għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġi applikat l-Artikolu 7(2a). Il-fatt li elementi oħra, bħalma huma t-tnejn l-oħrajn elenkati b'mod espliċitu fl-Artikolu 7(2b) u analizzati mill-Kummissjoni iżda wkoll dawk invokati minn Eurofer kif imsemmi fil-premessa (291) hawn fuq, jitlob li ma jiġix applikat l-Artikolu 7(2), ma jbiddilx dik il-konklużjoni.

(297) Fir-rigward tad-differenzi bejn il-marġni tad-dumping u tad-dannu, ma jistax jiġi dedott li minħabba li d-differenza fil-każ ta' wieħed miż-żewġ pajjiżi kkonċernati, jiġifieri l-Indoneżja, hija biss ta' 0,4 punti perċentwali, l-impożizzjoni ta' dazji fil-livell tal-marġni tad-dumping tkun proporzjonata. Bħal għaċ-Ċina, il-Kummissjoni kellha tivvaluta b'mod komprensiv l-impatt ta' dazju fil-livell tal-marġni tad-dumping skont il-kriterji stipulati fl-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, peress li l-marġni ta' profitt tal-utent ikkonċernat diġà huwa relattivament żgħir b'dazju stabbilit fil-livell tal-marġni tad-dannu, dazju ogħla ta' 0,4 punti perċentwali jkompli jiggrava din is-sitwazzjoni.

(298) Il-Kummissjoni qablet ma' Eurofer li hija disponibbli "informazzjoni pertinenti oħra", kif indikat fil-premessa (287) hawn fuq. Madankollu, din l-informazzjoni ma tibdilx ir-riżultat tal-analiżi preċedenti. Tabilħaqq, l-"informazzjoni pertinenti" hija relatata mad-distorsjonijiet tal-materja prima skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku u d-daqs u l-effetti tagħhom, u l-Kummissjoni kkonfermat l-eżistenza ta' tali distorsjonijiet. Minħabba s-sejbiet pożittivi, il-Kummissjoni mbagħad wettqet l-analiżi tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. L-ebda wieħed mill-fatti deskritti minn Eurofer bħala "informazzjoni pertinenti" ma għandu impatt fuq l-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-effett tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji fl-Unjoni u għalhekk ma jbiddilx il-konklużjoni tal-Kummissjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġi applikat l-Artikolu 7(2a).

(299) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-valutazzjoni magħmula skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku kienet proporzjonata u adegwata.

6.2.3.5. Konklużjoni

(300) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-elementi kollha u ma setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont ta' dazji skont l-Artikolu 7(2a), u għalhekk hija kkonfermat li l-miżuri jenħtieġ li jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ċċarat ukoll li din il-konklużjoni hija bbażata biss fuq l-evidenza u l-fatti miġbura għal din l-investigazzjoni u mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjonijiet rispettivi fid-WTO.

(301) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni għalhekk tikkonferma li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi l-livell tal-miżuri fil-livell tad-dumping fid-dawl tal-effett negattiv b'mod sproporzjonat li dan jista' jkollu fuq il-katini tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni, kif stabbilit fil-premessa (360) tar-Regolament provviżorju.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(302) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (362) sa (364) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

7.2. **Interess tal-importaturi mhux relatati**

(303) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-interess tal-importaturi mhux relatati, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (365) sa (367) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

7.3. **Interess tal-utenti**

(304) Marcegaglia sostniet li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq kojls suwed ma kinitx fl-interess ta' utenti indipendenti minħabba li l-miżuri ta' salvagwardja applikabbli diġà huma limitati għall-preżenza tal-importazzjonijiet. Wara l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni x'aktarx kienu se jiżdiedu aktar. Kieku l-Kummissjoni kellha ssegwi l-affermazzjoni ta' Marcegaglia li l-kojls suwed jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-miżuri, il-produtturi tal-Unjoni jkunu mġiegħla jikkompetu fis-segment tas-suq tal-kojls suwed b'importazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping dannuż. Kif stabbilit fit-Taqsima 2 ta' dan ir-Regolament, il-kojls suwed jiffurmaw b'mod ċar parti mill-prodott ikkonċernat u l-kompetizzjoni inġusta fir-rigward ta' dan it-tip ta' prodott ma tistax ma tiġix indirizzata. Barra minn hekk, il-kojls suwed huma disponibbli b'mod wiesa' minn varjetà ta' sorsi. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(305) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar l-interess tal-utenti, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (368) sa (377) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati. Il-kummenti li jikkonċernaw l-interess tal-utenti fil-kuntest tal-effett fuq il-katini tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku huma indirizzati fit-Taqsima 6 ta' dan ir-Regolament.

7.4. **Kummenti oħra**

(306) Il-produttur esportatur Ċiniż STSS sostna li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping ma kinitx fl-interess tal-Unjoni, peress li s-suq tal-Unjoni huwa diġà ddominat minn produtturi tal-Unjoni. Fis-suq tal-Unjoni hemm riskju ta' telf ta' kompetizzjoni u ta' konċentrazzjoni eċċessiva ta' produtturi tal-Unjoni.

(307) Il-Kummissjoni tfakkar li l-objettiv tal-miżuri anti-dumping huwa preċiżament li jerġa' jkun hemm kummerċ ġust u, b'hekk, kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

7.5. **Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni**

(308) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (378) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

8.1. **Miżuri ta' salvagwardja applikabbli bħalissa**

(309) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, diversi partijiet sostnew li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping tirriżulta fi protezzjoni żejda tal-industrija tal-Unjoni peress li l-industrija tal-Unjoni tal-SSHR kienet diġà protetta kontra importazzjonijiet permezz ta' miżuri ta' salvagwardja. Il-produttur esportatur Tajwaniż Walsin talab li jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/1382 ([39]), li emenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew antisussidji fuq prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja sabiex jiġi evitat rimedju doppju minħabba l-effett ikkombinat tal-miżuri ta' salvagwardja u d-dazji anti-dumping imposti fuq prodotti ċatti tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana mit-Tajwan. Barra minn hekk, talab ukoll li jiġu amalgamati l-kwoti tariffarji għall-kategorija 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/1382 għat-Tajwan u ċ-Ċina.

(310) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li f'dan il-każ ma hemm l-ebda rimedju doppju. Il-prodott li qed jiġi investigat huwa tabilħaqq soġġett għall-miżuri ta' salvagwardja tal-azzar (kategorija tal-prodott 8) bi kwoti speċifiċi għall-pajjiż għar-RPĊ, ir-Repubblika tal-Korea, it-Tajwan u l-Istati Uniti, u basket ta' kwoti għall-pajjiżi l-oħra kollha. Dawn il-miżuri huma stabbiliti sat-30 ta' Ġunju 2021. Fit-3 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/1382 li jelenka l-miżuri kollha tal-anti-dumping u tal-antisussidji fuq prodotti li kienu wkoll soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja u li jispeċifika li f'kull wieħed minn dawn il-każijiet, id-dazju anti-dumping u/jew antisussidji japplika fi ħdan il-kwota u ladarba l-kwota tkun eżawrita, japplika l-ogħla dazju antisussidji u/jew anti-dumping, minn naħa, u 25 % tad-dazju ta' salvagwardja tal-kwota, min-naħa l-oħra. Dan il-prinċipju japplika wkoll għall-miżuri anti-dumping attwali u, konsegwentement, ma hemm l-ebda rimedju doppju.

(311) Fir-rigward tat-talba biex jiġu amalgamati l-kwoti tariffarji għat-Tajwan u għaċ-Ċina għall-kategorija 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/1382, din it-talba tista' tiġi sottomessa biss fil-qafas tal-investigazzjoni ta' salvagwardja u għalhekk hija miċħuda.

8.2. **Miżuri definittivi**

(312) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni, u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat. Għar-raġunijiet stabbiliti fit-Taqsima 6, u b'mod partikolari s-subtaqsima 6.2.3.4. ta' dan ir-Regolament, id-dazji anti-dumping jenħtieġ li jiġu stabbiliti skont ir-regola tad-dazju inferjuri.

(313) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati li bihom se jiġu imposti dawn id-dazji huma stabbiliti kif ġej:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Il-marġni tad-dumping (%)	Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping (%)
L-Indoneżja	PT Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry	17,7	17,3	17,3
	Pt Indonesia Tsingshan Stainless Steel	17,7	17,3	17,3
	Kumpaniji l-oħra kollha	17,7	17,3	17,3
Iċ-Ċina	Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd	106,5	19,0	19,0
	Taiyuan Taigang Daming Metal Products	106,5	19,0	19,0
	Tisco Guangdong Stainless Steel Service Center Co., Ltd	106,5	19,0	19,0
	Tianjin TISCO & TPCO Stainless Steel Co. Ltd.	106,5	19,0	19,0

([39]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1382 tat-2 ta' Settembru 2019 li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew anti-sussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja (ĠU L 227, 3.9.2019, p. 1).

	Fujian Fuxin Special Steel Co., Ltd	57,1	14,6	14,6
	Zhenshi Group Eastern Special Steel Co., Ltd.	71,7	9,2	9,2
	Xiangshui Defeng Metals Co., Ltd	87,3	17,5	17,5
	Fujian Dingxin Technology Co., Ltd.	87,3	17,5	17,5
	Kumpaniji l-oħra kollha	106,5	19,0	19,0
It-Tajwan	Yieh United Steel Co.	4,1	24,2	4,1
	Tang Eng Iron Works Co. Ltd.	4,1	24,2	4,1
	Wsin Lihwa Co.	7,5	18,4	7,5
	Kumpaniji l-oħra kollha	7,5	24,2	7,5

(314) Ir-rati ta' dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Għalhekk, dawn ir-rati ta' dazju huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u li huwa mmanifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. Importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(315) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni tar-rata tad-dazju anti-dumping individwali tagħha jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([40]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha.

(316) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati ta' dazju, hemm bżonn ta' miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(317) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, mhijiex l-uniku element li jrid jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(318) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati ta' dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(319) Biex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, ir-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħra kollha jenħtieġ li tapplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda anke għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

([40]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

8.3. **Ġbir definittiv tad-dazji provviżorji**

(320) Fid-dawl tal-marġnijiet tad-dumping misjuba u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping provviżorju, imposti mir-Regolament provviżorju, jenħtieġ li jinġabru definittivament sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

8.4. **Retroattività**

(321) Kif imsemmi fit-taqsima 1.2 hawn fuq, wara talba mill-ilmentatur, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet ta' ċerti folji u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana soġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(322) Matul l-istadju definittiv tal-investigazzjoni, ġiet ivvalutata d-*data* miġbura fil-kuntest tar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat jekk il-kriterji skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku kinux issodisfati għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi.

(323) L-analiżi tal-Kummissjoni ma wriet l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kif preskritt mill-Artikolu 10(4d) tar-Regolament bażiku. Għal din l-analiżi, il-Kummissjoni qabblet il-volumi medji tal-importazzjoni fix-xahar tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni mal-volumi medji tal-importazzjoni fix-xahar matul il-perjodu mix-xahar ta' wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni sal-aħħar xahar sħiħ ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji. Barra minn hekk, meta jitqabblu l-volumi medji tal-importazzjoni fix-xahar tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni mal-volumi medji tal-importazzjoni fix-xahar matul il-perjodu mix-xahar ta' wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni sa u inkluż ix-xahar li fih ġew imposti l-miżuri provviżorji, ma setgħet tiġi osservata l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri:

Importazzjonijiet SSHR	IP		Settembru 2019 sa Marzu 2020		Settembru 2019 sa April 2020	
	tunnellati	tunnellati / xahar	tunnellati	tunnellati / xahar	tunnellati	tunnellati / xahar
RPĊ	222 802	18 567	163 424	23 346	170 743	21 343
L-Indoneżja	111 512	9 293	12 252	1 750	12 300	1 538
It-Tajwan	36 910	3 076	16 335	2 334	16 870	2 109
Total	**371 224**	**30 935**	**192 011**	**27 430**	**199 913**	**24 989**

Sors: Eurostat.

(324) Għalhekk, din il-kundizzjoni skont l-Artikolu 10(4d) tar-Regolament bażiku ma ġietx issodisfata.

(325) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi għall-perjodu li matulu ġew irreġistrati l-importazzjonijiet ma kienx iġġustifikat f'dan il-każ.

9. **OFFERTA TA' IMPENN**

(326) Wara d-divulgazzjoni finali, żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi ssottomettew offerta ta' impenn fuq il-prezz skont l-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku.

(327) Il-Kummissjoni evalwat dawn l-offerti u kkonkludiet li l-aċċettazzjoni ta' dawn l-impenji ma tkunx prattika skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku. Dan huwa prinċipalment minħabba l-għadd kbir ta' tipi ta' prodotti indistingwibbli koperti mill-offerti, li jvarjaw b'mod sinifikanti fil-prezz, il-limitazzjonijiet tas-sistema ta' indiċjar proposta biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet, u, fil-każ ta' waħda mill-kumpaniji, l-istruttura kumplessa tal-grupp ta' kumpaniji.

(328) L-għadd kbir ta' tipi ta' prodotti li għalihom ġie offrut impenn jinvolvi riskju għoli ta' kumpens trasversali ma' tipi ta' prodotti li jiswew aktar u li possibbilment jinbiegħu taħt il-prezz minimu ta' importazzjoni propost ("PMI") u jiġu ddikjarati bħala tipi ta' prodotti irħas ukoll soġġetti għall-impenn.

(329) Hemm ukoll rikji serji ta' monitoraġġ u ta' kumpens trasversali relatati mal-istruttura ta' Taiyuan Iron and Steel Group Co., Ltd. ("TISCO") li għaliha tappartjeni STSS. It-TISCO huwa grupp kbir fil-qasam tal-ħadid u tal-azzar, li huwa attiv fl-estrazzjoni tal-minerali tal-ħadid, fil-produzzjoni u fl-ipproċessar tal-azzar, kif ukoll fid-distribuzzjoni u fin-negozjar ta' oġġetti. Minħabba n-natura tal-prodotti, ma jistax jiġi eskluż li l-grupp ibigħ jew se jkun qed ibigħ prodotti differenti, inkluż il-prodott ikkonċernat, lill-istess klijenti. Tranżazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni biex ikun żgurat li l-PMI jiġi rrispettat għall-prodott ikkonċernat u li l-impenn ikun effettivament implimentat.

(330) Barra minn hekk, iż-żewġ kumpaniji pproponew fl-offerta tagħhom tal-impenn indiċjar trimestrali li jirreferi għall-kwotazzjonijiet tal-prezz tal-prodott lest minflok tal-materja prima. L-indiċjar issuġġerit ma tqiesx xieraq, u b'kunsiderazzjoni tal-għadd ta' tipi ta' prodotti differenti, il-monitoraġġ tiegħu, jekk ikun prattiku, ikun ta' piż.

(331) Il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-applikanti, li fiha tat ir-raġunijiet għalfejn kienet qed tirrifjuta l-offerta rispettiva tagħhom ta' impenn u tat l-opportunità lill-applikanti jikkummentaw.

(332) Il-Kummissjoni rċeviet risposta mingħand STSS, li fiha l-kumpanija rrevediet ċerti elementi tal-offerta ta' impenn, inkluż il-livell tal-PMI propost. Madankollu, din l-offerta ta' impenn riveduta tressqet wara l-iskadenza legali prevista fl-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku. Filwaqt li l-kumpanija setgħet ippreżentat impenn minn meta ġew imposti l-miżuri provviżorji, hija għamlet dan biss fl-aħħar jum tal-iskadenza statutorja, jiġifieri ħamest ijiem qabel l-iskadenza għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali. Kif imsemmi hawn fuq, STSS ippreżentat verżjoni riveduta tal-offerta ta' impenn wara d-data tal-iskadenza applikabbli u dan ġie injorat.

(333) Barra minn hekk, minkejja l-isforzi tal-kumpanija biex tissimplifika l-offerta oriġinali tagħha ta' impenn f'termini ta' għadd ta' PMI u ċerti impenji offruti fir-rigward tal-kanali tal-bejgħ u l-bejgħ fl-Unjoni ta' prodotti oħra mill-kumpaniji tal-grupp TISCO, l-istruttura tal-grupp ta' kumpaniji ferm kumplessa u l-livell tal-PMI jżidu l-probabbiltà ta' kumpens trasversali jekk impenn jiġi aċċettat. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet mas-sejbiet tagħha li l-monitoraġġ effettiv tal-impenn ma jkunx prattiku.

(334) Għalhekk, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (327) sa (333), iż-żewġ offerti ta' impenn fuq il-prezz ġew miċħuda.

10. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(335) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament 2018/1046 ([41]), meta ammont irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jenħtieġ li jitħallas għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(336) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti, kemm jekk ikunu f'kojls u kemm jekk ma jkunux (inklużi l-prodotti maqtugħa skont id-daqs u li jkunu strixxi dojoq), li ma jibqgħux jinħadmu wara li jiġu llaminati bis-sħana u li jeskludu prodotti, mhux f'kojls, b'wisa' ta' 600 mm jew aktar u ta' ħxuna li taqbeż l-10 mm, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet SA 7219 11, 7219 12, 7219 13, 7219 14, 7219 22, 7219 23, 7219 24, 7220 11 u 7220 12 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan u mill-Indoneżja.

([41]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Rata tad-dazju (%)	Kodiċi addizzjonali tat-TARIC
L-Indoneżja	PT Indonesia Guang Ching Nickel and Stainless Steel Industry	17,3	C541
	Pt Indonesia Tsingshan Stainless Steel	17,3	C547
	Kumpaniji l-oħra kollha	17,3	C999
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd	19,0	C163
	Taiyuan Taigang Daming Metal Products	19,0	C542
	Tisco Guangdong Stainless Steel Service Center Co., Ltd	19,0	C543
	Tianjin TISCO & TPCO Stainless Steel Co. Ltd.	19,0	C025
	Fujian Fuxin Special Steel Co., Ltd.	14,6	C544
	Zhenshi Group Eastern Special Steel Co., Ltd.	9,2	C558
	Xiangshui Defeng Metals Co., Ltd	17,5	C545
	Fujian Dingxin Technology Co., Ltd.	17,5	C546
	Kumpaniji l-oħra kollha	19,0	C999
It-Tajwan	Yieh United Steel Co.	4,1	C032
	Tang Eng Iron Works Co. Ltd.	4,1	C031
	Wsin Lihwa Co.	7,5	C548
	Kumpaniji l-oħra kollha	7,5	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu/isimha u l-kariga, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandha tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti ggarantiti permezz tad-dazju anti-dumping provviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 għandhom jingħabru b'mod definittiv. L-ammonti ggarantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

L-ebda dazju anti-dumping definittiv mhu se jiġi impost b'mod retroattiv għall-importazzjonijiet irreġistrati. Id-*data* miġbura f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/104 ma għandhiex tibqa' tinżamm.

Artikolu 4

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata medja ponderata xierqa ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u

(c) li effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN